Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 333 / 2018

Il-Pulizija

**(Spettur Yvonne Farrugia[1])**

**Vs**

**Nicholas Dimech**

Illum 23 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Nicholas Dimech detenur tal-karta tal-identita Maltija 301779M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Ta' Sliema, fis-7 ta' Settembru 2009, jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, fil-kapacita` tieghu ta' ufficcjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

[1] Ma kinietx l-ufficcjal li investigat il-kaz u li mexxiet il-prosekuzzjoni originarjament.

Kif ukoll talli fit-22 ta' Awwissu 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata l-1 ta' Awwissu 2011 (esebita a fol. 311 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18, 115 (a) u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 18 u 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Fl-artikoli 10, 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Nicholas Dimech hati u illiberatu mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Lulju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha miġjuba f'dan il-kaz issib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tinfliggi l-piena skond il-liġi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-ipotezi tal-liġi nonche apprezzament żbaljat tal-provi imressqa quddiemha konsegwenza ta' liema hija waslet għad-deċiżjoni liberatorja tagħha fir-rigward tal-imputat appellat.

Illi fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha ssib ħtija u dan għaliex l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat appellat huma pruvati kemm grazzi għall-ammissjoni magħmula mill-imputat appellat stess fl-istqarrijiet tiegħu rilaxxjati lill-Pulizija kif ukoll permezz tal-provi l-oħra mressqa mill-prosekuzzjoni f'dan il-każ.

L-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet li tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat u kwalunkwe referenza li ssir għalihom mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u dan billi straħet fuq sentenzi tal-Qrati nostrana li mhumiex finali u definittivi u dan stante li għadhom fi stadju ta' appell. Illi l-Qorti tal-Maġistrati wara li għamlet referenza estensiva għas-sentenzi fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta -vs- Martino Aiello[2], Il-Pulizija -vs- Aldo Pistella[3] u Christopher Bartolo -vs Avukat Ġenerali[4] rrilevat is-segwenti :-

*"Din il-Qorti tinnota illi ghalkemm is-sentenzi appena citati m'humiex finali u definittivi ghaliex ilkoll ghadhom fi stadju ta' appell, biss dawn jirrispekkjaw bosta decizjonijiet tal-Qorti Ewropea u l-linja li adottat din l-ahhar Qorti. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha timxi fuq dawn il-linji gwida fid-decizjoni taghha dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fil-kaz odjern u konsegwentement, ser tiskarta tali*

[2] Sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju 2017
[3] Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Ġunju 2017
[4] Sentenza mogħtija mill-Prima'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru 2017

*stqarrijiet bhala prova inammissibbli u kwalunkwe referenza li ssir ghalihom mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni."*

Illi għaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz odjern, għalkemm żammet l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat appellat fl-atti proċesswali, skartathom bħala prova u ddeċidiet il-każ mingħajr ma għamlet analiżi tal-kontenut tal-istess stqarrijiet u kwalunkwe referenza li saret għall-istess stqarrijiet mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Illi bid-dovut rispett, l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma din il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ. Illi dan qed jingħad għar-raġunijiet segwenti :-

1. Illi fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat li ġew skartati in toto mill-Qorti tal-Maġistrati, jiġi rilevat illi l-istess Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha li tiskarta dawn l-istqarrijiet fuq sentenzi li għadhom mhux res judicatau dan stante li għadhom pendenti fi stadju ta' appell quddiem il-Qrati nostrana u fejn għaldaqstant għadu mhux magħruf f'dan l-istadju jekk is-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali u mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) humiex ser jiġu konfermati jew le;

2. Illi dan apparti mill-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq dawn l-istess sentenzi suriferiti mingħajr ma qieset il-fattispecji tal-każ odjern, b'dana illi ma kkonsidratx jekk iċ-ċirkostanzi tal-imputat appellat humiex identiċi għaċ-ċirkostanzi ta' dawk l-imputati fis-sentenzi suriferiti fejn il-Qrati nostrana ddeċidew fl-ewwel istanza li l-istqarrijiet rilaxxati mill-istess imputati huma inammissibbli bħala prova u dan stante li kienet seħħet leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq. Illi kull każ għandu storja għalih u għandu jiġi trattat skont il-fattispeċji tiegħu.

3. Illi l-istqarrijiet in kwistjoni ġew rilaxxati mill-imputat appellat Nicholas Dimech nhar il-11 ta' Awwissu 2010 u l-31 ta' Awwissu 2010. Illi għaldaqstant dawn l-istqarrijiet ittieħdu wara li d-dritt tal-asistenza legali qabel it-teħid ta' stqarrija sar parti mill-liġi nostrana u dana stante li dan il-jedd kien daħal fis-seħħ nhar l-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35 tas-sena 2010. Illi

għalhekk l-istqarrijiet mertu ta' dan il-każ ittieħdu skond il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien.

4. Illi r-rikorrent b'kollox irilaxxa erba' stqarrijiet ilkoll iffirmati minnu, tnejn fil-11 ta' Awwissu 2010, waħda għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar[5] u l-oħra għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar[6] u tnejn oħra fil-31 ta' Awwissu 2010, waħda għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar[7] u l-oħra għall-ħabta ta'sitta u nofs ta' filgħaxija[8].

5. Illi qabel ma ttieħdu l-istqarrijiet suriferiti nhar il-11 ta' Awwissu 2010 u nhar il-31 ta' Awwissu 2010, l-Ispettur Angelo Gafa u l-Assistent Kummissarju Michael Cassar rispettivament, kienu għarrfu lill-imputat appellat li huwa kellu d-dritt li jekk irid jista' jkellem avukat tal-għażla tiegħu qabel ma jiġi interrogat u dan kif jiddisponi l-Artikolu 355AT tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi kif jirriżulta mill-atti nhar il-11 ta' Awwissu 2010 l-imputat appellat kien għażel li jeżerċita tali dritt li jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu u fil-fatt huwa kkonsulta mal-avukat Michael Sciriha. Illi dan jirriżulta kemm mill-istess stqarrija rilaxxata mill-imputat appellat nhar il-11 ta' Awwissu 2018[9] kif ukoll mill-verbal li sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar is-7 ta' Frar 2011 fejn il-partijiet eżentaw lil Dr. Michael Sciriha milli jagħti x-xhieda tiegħu u dana peress li *"d-difiża mhux tikkontesta l-fatt li l-imputat tkellem miegħu u dan fil-11 ta' Awwissu 2010, qabel ma beda l-interrogazzjoni."*[10]

7. Illi qabel mal-imputat appellat reġa' ġie interrogat fil-31 ta' Awwissu 2010, huwa rrinunzja għad-dritt tiegħu li jerġa' jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu. Illi dan huwa evidenzjat mid-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ta' parir

---

[5] Vide *fol* 9 *et seq* tal-atti proċesswali
[6] Vide *fol* 12 *et seq* tal-atti proċesswali
[7] Vide *fol* 15 *et seq* tal-atti proċesswali
[8] Vide *fol* 18 *et seq* tal-atti proċesswali
[9] Vide *fol* 9 tal-atti proċesswali
[10] Vide *fol* 241 tal-atti proċesswali

legali inserita fl-atti proċesswali[11], liema dikjarazzjoni ġiet ukoll iffirmata mill-imputat appellat.

8. Illi d-dritt tal-imputat appellat li ma jinkriminax ruħu dejjem ġie mħares, tant li meta saritlu t-twissija mill-Pulziija huwa ġie mgħarraf bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket. Ħadd ma ġiegħel lir-rikorrent jagħmel xi stqarrijiet, b'dana li jekk ried, huwa seta' ddeċieda li ma jagħti l-ebda tagħrif lill-Pulizija. Madankollu ġjaladarba li r-rikorrent, wara li ħa parir legali, għoġbu jagħti dawk l-istqarrijiet u stabbilit li f'dan il-każ ir-rikorrent ingħata d-dritt li jieħu parir mingħand avukat biex b'hekk ikun jaf bid-drittijiet tiegħu qabel issirlu l-interrogazzjoni u stabbilit ukoll li r-rikorrent kien mgħarraf bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket, allura kwalunkwe ilment dwar in-nuqqas ta' avukat fil-mument tal-istqarrija għandu jaqa' minnufih.

9. Illi għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati tibbaża d-deċiżjoni tagħha li tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat fuq l-insenjamenti tal-Qrati tagħna li għadhom mhux res judicata kif spjegat aktar 'il fuq f'dan l-appell, madanakollu l-istess Qorti tagħmel referenza ukoll għall-allegazzjonijiet li saru mill-imputat appellat fir-rigward tal-atteġġjament li ntuża fil-konfront tiegħu waqt il-ħin tal-interrogazzjoni. Illi filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati tagħmilha ċara li *"mill-provi prodotti ma tressqitx prova biex turi li din l-istqarrija ma saritx volontarjament jew b'xi theddid, jew biża' jew li ttieħdet b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġ, ħlief dak li qiegħed jallega hu fix-xhieda li ta."* tgħaddi sabiex tikkonkludi li kieku l-provvediment li jippermetti l-avukat tal-għażla tal-imputat ikun preżenti waqt l-interrogatorju ikun fis-seħħ,*"kieku ma kienx ikun hemm lok għall-allegazzjonijiet li qiegħed jagħmel l-imputat għaliex preżenti kien ikun hemm l-avukat tal-għażla tiegħu."*[12] Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jaqbilx ma dan ir-raġjunament tal-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex id-dritt li l-imputat ikollu avukat tal-għażla tiegħu waqt it-teħid tal-istqarrija huwa dritt (mhux obbligu) li għandha kull persuna li tkun qegħda tiġi investigata u għaldaqstant kull persuna għandha d-dritt liberu li jew teżerċita tali dritt jew

[11] Vide *fol* 14 tal-atti proċesswali
[12] Vide *fol* 16 tas-sentenza moghija mill-Qorti tal-Magistrati

li tirrifjutah. Illi għaldaqstant id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati suriferita hija biss spekulazzjoni u dan għaliex ħadd ma jista' jgħid x'kien jagħmel l-imputat appellat li kieku dak id-dritt, li kien għadu mhux viġenti fil-liġi nostrana kien jiġi offrut lilu !

10. Illi għaldaqstant ġjaladarba l-imputat appellat Nicholas Dimech ingħata d-dritt tal-assistenza legali ai termini tal-liġi viġenti ta' dak iż-żmien, ma tissusisti l-ebda leżjoni li trendi inammissibli bħala provi l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat. Illi għalhekk fl-umli fehma tal-esponent l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat appellat huma provi produċibbli, ammissibbli u rilevanti għal dan il-każ u l-kontenut tagħhom kellu jiġi aċċettat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala prova skont il-Liġi.

11. Illi stabbilit dan għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati kellha teżamina ukoll id-depożiżizzjonijiet tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, senjatament id-depożizzjoni tal-Ispettur Angelo Gafa[13], kif ukoll id-depożizzjoni ta' PS 474 Norbert Said[14], PS 318 Francis Rogers[15], Supretendent Paul Vassallo[16] u PS 500 John Giusti[17] fir-rigward tal-alleggazzjonijiet li saru mill-imputat appellat fir-rigward tal-mod kif skond hu ittieħdu l-istqarrijiet tiegħu. Illi bid-deċiżjoni tagħha li tiskarta kwalunkwe referenza li ssir għall-istqarrijiet mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli teżamina l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni li jċaħħdu b'mod mill-iktar ċar u inekwivoku l-alleggazzjonijiet li saru mill-imputat appellat fir-rigward tal-mod li ttieħdu l-istqarrijiet tiegħu.

12. Illi tenut kont ta' dak kollu suepsost, l-esponent issa ser jgħaddi biex jagħmel referenza għall-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat u senjatament għall-ewwel żewġ stqarrijiet rilaxxati mill-istess imputat appellat nhar il-11 ta' Awwissu 2018. Illi dakinhar l-imputat appellat kien ikkonferma li huwa fil-kapaċita tiegħu ta' Sindku ta' tas-Sliema kien talab lil Stephen

[13] Vide *fol* 37 et seq tal-atti proċesswali
[14] Vide *fol* 109 et seq tal-atti proċesswali
[15] Vie *fol* 213 et seq tal-atti proċesswali
[16] Vide *fol* 245 et seq tal-atti proċesswali
[17] Video *fol* 252 et seq tal-atti proċesswali

Buhagiar li jagħtih commission fuq l-ammont li kellu jibda jaqla' fix-xahar mill-kuntratt tiegħu ta' contracts manager mal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema. Huwa jispjega li huwa kien staqsa lil Stephen Buhagiar jekk kienx lest li jagħtih persentaġġ mill-ammont li kellu jaqla' fix-xahar minn dan il-kuntratt[18] u dan apparti dettalji oħra li jirriżultaw mill-istess stqarrijiet.

Konsiderazzjonijiet legali dwar l-akkużi li saru mill-Qorti tal-Maġistrati

Illi fil-fehma tal-esponent kien hemm provi a suffiċċjenza u oltre li jikkonfermaw il-ħtija tal-imputat appellat għal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u dan għar-raġunijiet segwenti :-

L-ewwel akkuża (Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Illi l-Qorti tal-Maġistrati irriteniet illi "ma tistgħax ikollha l-konvinzjoni morali li l-imputat huwa ħati ta' dak li qed jiġi addebitat lilu" fl-ewwel imputazzjoni. Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat appellat qiegħed jiġi akkużat li wettaq ir-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel element essenzjali għall-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa n-natura uffiċċjali jew pubblika tal-impjieg tal-persuna li qegħda tiġi korrotta. Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat li wettaq ir-reat kontemplat fl-Artikolu 115 fil-vesti tiegħu ta' uffiċċjal pubbliku. Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Maġistrati ħareġ ċar u pruvat f'dawn il-proċeduri li Nicholas Dimech kien effetivament uffiċċjal pubbliku meta kien jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' tas-Sliema. Illi għaldaqstant l-ewwel element huwa sodisfatt.

Illi t-tieni element essenzjali huwa dak li l-istess uffiċċjal pubbliku ikun talab, irċeva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor rigal, wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor li għalihom huma ma kellux jedd. Illi jiġi rilevat li t-talba ta' xi rigal kienet ġiet introdotta fl-Artikolu 115 permezz tal-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att numru III tas-sena 2002. Illi permezz ta' tali emendi il-kliem "jirċevi jew jaċċetta"

[18] Vide stqarrija nserita *a fol* 12 et seq tal-atti proċesswali

kienu ġew sostitwiti bil-kliem "jitlob, jirċevi jew jaċċetta". Illi mill-atti proċesswali jirriżulta ampjament ippruvat li l-imputat appellat kien talab lil Stephen Buhaguar jagħtih offerta/commission li ma kienx intitolat għaliha. Illi dan jirriżulta mhux biss mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat appellat hekk kif diġa aċċenat aktar kmieni f'dan l-appell iżda jirriżulta ukoll mid-depożizzjoni ta' Stephen Buhagiar mogħtija viva voce f'dawn il-proċeduri[19].

Illi t-tielet element huwa dak li t-talba issir "in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu". Illi l-esponent jissottometti li għandu jirriżulta ampjament ċar mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni li tali talba saret in konnessjoni mal-kariga tiegħu ta' Sindku ta' tas-Sliema. Illi għaldaqstant l-esponent jirrileva li appena l-uffiċċjal pubbliku jagħmel tali rikjesta, hemmhekk jissusti r-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din ir-rikjesta trid tkun għal xi rigal jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor li għalih l-imputat ma kellux jedd. Illi kjarament l-imputat ma kellu l-ebda jedd li jitlob il-commission li saret referenza għaliha.

It-tieni akkuża (Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Illi l-Qorti tal-Maġistrati rriteniet ukoll li ma tistgħax issib ħtija fuq it-tieni imputazzjoni u cioe' tal-inġurja fil-konfront ta' uffiċċjal pubbliku ai termini tal-Artikolu 95 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan stante li fil-fehma tal-istess Qorti filwaqt li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-Ispettur Angelo Gafa huma alleggazzjonijiet serji, liema alleggazzjonijiet reġgħu saru quddiem il-Qorti waqt li l-imputat ta x-xhieda tiegħu, dawn ma jinkwadrawx fl-ambitu tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jaqbilx ma din il-konklużjoni raġġunta mill-Qorti tal-Maġistrati. Illi mill-atti jirriżulta li ftit wara li l-imputat appellat irilaxxa l-ewwel żewġ stqarrijiet lill-pulizija u dan wara li għażel li jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu, huwa rrikora għand il-ġurnali sabiex jagħmel diversi allegazzjonijiet serji fir-rigward tal-mod li skond hu ttieħdu dawn l-istqarrijiet mill-Ispettur Angelo Gafa li kien l-uffiċċjal prosekutur. Illi f'dan ir-rigward ġew preżentati mill-

[19] Vide *fol* 91 et seq tal-atti proċesswali.

prosekuzzjoni, żewġ artikli li dehru fil-ġurnali Malta Today u Sunday Times nhar it-22 ta' Awwissu 2010[20]. Illi kif jirriżulta mill-verbal datat 20 ta' Diċembru 2010[21], id-difiża kienet eżentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq lill-edituri tal-istess ġurnali sabiex jikkonfermaw l-awtentiċita tal-istess dokumenti.

Illi fin-Noti tiegħu l-Professur Mamo[22] jgħid li l-elementi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma l-istess bħall-elementi tal-Artikolu 93 tal-istess Kapitolu tal-Liġi u d-differenza hija dik li titratta l-persuna jew persuni fil-konfront ta' min isiru l-inġurji. Illi dwar l-elementi tal-inġurja jew theddid, il-Professur Mamo jgħid :-

*'Any insult or threat is sufficient to constitute this first ingredient of this crime. These may consist in words spoken or written, gestures, drawings or other means calculated to destroy or lessen the reputation of the person against whom they are addressed or uttered or used or to hurt the feelings of give offence to such person. The insult may be specific or may consist in vague expressions or indeterminate reproaches or words or acts merely indecent or offensive.'*

Illi dak mistqarr mill-imputat fiż-żewġ intervisti kien indubjament intiż sabiex jattaka, ikisser u inaqqas ir-reputazzjoni tal-uffiċċjal proskutur ta' dak iż-żmien u jostakolah fix-xogħol tiegħu. Illi rriżulta kemm mix-xhieda dettaljata tal-istess uffiċċjal prosekutur[23], kif ukoll mix-xhieda ta' membri oħra tal-Korp[24] li l-alleggazzjonijiet magħmula mill-imputat appellat kienu kompletament infondati, anzi kienu jammontaw għall-gideb ! Illi in oltre fil-fehma tal-esponent, anke in vista tal-insenjament tal-Professur Mamo appena ċitat, hu x'inhu l-mezz li permezz tiegħu isiru l-inġurji, dan iwassal sabiex jiġi sodisfatt l-ewwel element tar-reat kontemplat fl-Artikolu 95.

Illi imbagħad it-tieni element li jrid jiġi sodisfatt huwa dak li l-inġurja tkun diretta lejn il-persuna ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku, liema element indubjament jinsab ippruvat stante li l-inġurja kienet diretta lejn Spettur tal-Pulizija.

---

[20] Vide dokumenti nseriti *a fol* 80 et seq tal-atti proċesswali
[21] Vide verbal inserit *a fol* 118 et seq tal-atti proċesswali
[22] Noti Dwar il-liġi Kriminali 'It-Tieni parti' paġni 43 sa 46
[23] Vide *fol* 37 et seqtal-atti proċesswali
[24] Video *fol* 109 *et seq* (PS 474 Norbert Said), *fol* 213 *et seq* (PS 318 Francis Rogers), *fol* 245 *et seq* (Supretendent Paul Vassallo), *fol* 252 *et seq* (PS 500 John Giusti)

Illi t-tielet element huwa li din l-inġurja tkun diretta lejn tali uffiċċjal waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz. Illi indubjament ukoll din l-inġurja ġiet diretta lejn l-Ispettur Angelo Gafa minħabba l-qadi tad-doveri tiegħu meta hu interrogah fil-kors tal-investigazzjoni li kienet qegħda ssir mill-Pulizija.

Illi għalhekk mill-analiżi tal-provi prodotti fl-assjem tagħhom u a differenza ta' dak li ġie prosepttat mill-Qorti tal-Maġistrati, jidher ċar u lampanti li l-imputat appellat kellu jinsab ħati tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti kontra tiegħu.

Ikkunsidrat;

Fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u cioe' meta l-imputat tressaq taht arrest gew esebiti erba' (4) stqarrijiet rilaxxati mill-imputat u cioe' zewg stqarrijiet rilaxxati fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u zewg stqarrijiet rilaxxati fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Giet esebita ukoll dikjarazzjoni ta' rifjut ghad-dritt ta' parir legali datata l-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Gie esebiet certifikat tat-twelid u l-fedina penali tal-imputat. Skont il-verbal tal-istess seduta, il-prosekuzzjoni esebiet il-passaport u l-karta tal-identita' tal-imputat.

Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed l-**Ispettur Angelo Gafa'** fejn spjega li l-kaz kien beda fuq rapport datat l-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li l-Kummissarju tal-Pulizija kien irceieva minn ghand id-Direttur Generali tal-Gvern Lokali is-Sur Martin Bugelli rigward allegazzjoni ta' korruzzjoni mis-Sindku ta' dak iz-zmien ta' tas-Sliema, Nicholas Dimech. Is-Sur Bugelli kien informa lil Kummissarju li waqt laqgha li dan kellu fil-hdax (11) ta' Gunju ma' certu Stephen Buhagiar li fiz-zmien kien Contracts Manager fil-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema, dan Buhagiar kien allega li fiz-zmien li kien gie moghti dan il-kuntratt is-Sindku ta' tas-Sliema kien talbu commission fuq l-ammont tal-kuntratt moghti lilu.

Xehed li fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kien bghat u kellem lis-Sur Stephen Buhagiar fejn dan spjega li hu kien serva bhala Contracts Manager fil-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema bejn l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009) u t-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Qabel dan, is-Sur Buhagiar qal li l-impjieg tieghu kien ta' Personal Assistant mal-membru parlamentari Robert Arrigo fil-kumpanija Robert Arrigo and Sons Ltd. Kien anke spjega li r-rwol tieghu bhala Contracts Manager kien li jaghmel supervision u jiccertifika xoghlijiet mwettqa mill-kuntratturi mqabbda mil-kunsill u dan f'oqsma bhal knis u tindif, tindif ta' latrini pubblici, *maintenance* ta' sinjali tat-traffiku u road markings kif ukoll anke ta' tindif ta' parks u gonna. Dan kollu sussegwentement kien ivverifikah mal-kuntratt iffirmat mal-Kunsil Lokali ta' tas-Sliema.

Buhagiar spjega li wara li kien hemm *call for tender* f'laqgha tal-kunsill lokali ta' tas-Sliema fil-bidu ta' Settembru elfejn u disgha (2009) hu kien intghazel bhala contracts manager u dan ghal fatt li t-talba ghas-salarju tieghu, dik ta' elf u mitejn fix-xahar kienet l-orhos offerta. Is-Sur Buhagiar spjega li bejn il-perjodu tas-sottomissjoni tal-offerta tieghu u cioe' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u d-data li l-Kunsill ta' tas-Sliema kien iddecieda li jaghzlu bhala l-Contracts Manager is-Sindku ta' Tas-Sliema ta' dak iz-zmien kien talbu commission u dan fuq l-ammont tas-salarju ta' kull xahar tieghu. Spjega s-Sur Buhagiar kif dan kollu kien gara gewwa l-ufficcju tas-Sindku wara nofs inhar meta s-Sindku kien talbu biex ikellmu u waqt din il-laqgha s-Sindku kien allegatament saqsieh kemm kien lest ihallas commission, jekk hux ten (10%) jew five (5%) u skond Buhagair dawn kienu l-kliem ezatt li qallu Nicholas Dimech "*int kemm tista taghati ten (10%) jew five (5%) per cent mill-hlas tal-kuntratt?*"

Is-Sur Buhagiar qal li b'dak li sema' kien ixxukjat, sospriz u immedjatament oggezzjoni li jaghti xi ammont ta' flus lis-Sindku mill-paga tieghu u dan anke ghal fatt li ma tantx seta' jaghti mill-elf u mitejn ewro fix-xahar. Skond Buhagiar minn dak iz-zmien 'il quddiem is-Sindku tas-Sliema qatt aktar ma rega' talbu xi flus u qatt aktar ma rega' ghamillu referenza ghal tali talba. Il-kuntratt ta' impjieg kien ta' tliet (3) snin, pero' kellu klawsola ta' sitt (6) xhur probational period jekk ma jkunx qed jaghmel xoghlu sew, il-Kunsill seta' jwaqqfu minn xoghlu f'dawn is-sitt (6) xhur. Hekk gara. Is-Sur Buhagiar hassa ingusta li dan twaqqaf mill-impjieg tieghu mal-Kunsill lokali ta' tas-Sliema u kkonferma mieghu li kien ghall-ewwel darba li ghamel

referenza ghal dan l-allegat avvicinament tas-Sur Dimech mieghu f'laqgha li kellu mad-Direttur tal-Gvern Lokali is-Sur Bugelli. Wara li l-Ispettur kellem lis-Sur Buhagiar, kienu ghamlu aktar stharrig u dan kienu ghamluh mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, s-Segretarju Ezekuttiv prezenti tal-Kunsill lokali tas-Sliema Svetlana Curmi kif ukoll ma dik li qabel kienet id-Deputy Executive Secretary tal-Kunsill, Anthea Borg. L-Ufficjal Prosekutur stabillixxa li fil-fatt it-tender ta' Contracts Manager gie aggudikat fil-laqgha tal-Kunsill ta' tas-Sliema fis-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Kienu gew sottomessi erba' (4) offerti u ta' Stephen Bugagiar, kif kien qallu hu kienet l-orhos u cioe' l-elf u mitejn (€1,200) fix-xahar u dan ghal erbghin (40) siegha fil-gimgha. It-tieni l-orhos offerta kienet ta' certu Philip Chircop li dan kien talab elf, tliet mija u tlieta u teletin Ewro (€1,333) fix-xahar ukoll ghal erbghin (40) siegha hidma. Iz-zewg offerti l-ohra kienu kemm xejn il boghod minn dawn u filfatt il-Kunsilliera prezenti kienu qablu li jigu eliminati.

Kienet saret diskussjoni mill-kunsilliera prezenti, ittiehed vot u Stephen Buhagiar, l-offerta tieghu kienet intghazlet b'sitt (6) voti favur filwaqt li tlett (3) kunsilliera kienu astjenew. kien ukoll gie maqbul f'dik il-laqgha permezz ta' tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra li l-kuntratt ta' tlett (3) snin li kien inghata Buhagiar ikollu l-ewwel sitt (6) xhur probational period u fil-fatt is-Sur Buhagiar kellu jibda x-xoghol tieghu fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009). Gara li fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), ghalkemm ma kinitx fuq l-agenda ta' din il-laqgha fil-hin li jtihalla ghal mistoqisjiet tal-kunsilliera gie diskuss il-performance tal-Contract Manager u dan peress li l-probation period kien ha jiskakdi fl-ahhar ta' dak ix-xahar ta' Marzu elfejn u ghaxra (2010). Il-kunsilliera kollha prezenti salv il-kunsilliera Sandra Camilleri kienu qablu li jitterminaw l-impjieg ta' Buhagiar u dan ghal fatt li l-performance tieghu ma kinitx wahda sodisfacenti u f'dik il-laqgha gie maqbul ukoll kif kien gie diskuss fil-laqgha tas-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009), li t-tieni offerent fil-lista u cioe' Philip Chircop jiehu over ix-xoghol ta' Contracts Manager fil-Kunsill.

Ghal dik il-laqgha u sal-hin li ttiehed il-vot, is-Sindku ta' dak iz-zmien ta' tas-Sliema Nicholas Dimech ma kienx prezenti ghalih. Ma kienx prezenti ghal dan il-vot. Kienu kellmu lid-Deputy Executive Secretary tal-Kunsill ta' tas-Sliema dak iz-zmien Anthea Borg li kienet hadet il-minuti ta' din il-laqgha tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn

u ghaxra (2010) fejn din spjegat li qabel il-laqgha kien cemplilha s-Sindku Nichholas Dimech, infurmaha li kien ser ikun tard ghall-laqgha u taghha struzzjonijiet biex tinforma lil Vici Sindku Joanna Gonzi biex tippresidi l-laqgha u sabiex taghmilha diskussjoni l-kwistjoni tal-Contracts Manager.

FIl-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) anzi gimgha qabel bghat ghal Nicholas Dimech li gharaf fl-awla bhala l-imputat, kienu qablu li jattendi fl-ufficju tieghu fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u kien qallu li kellu bzonn ikellmu rigward allegazzjonijiet li qed jaghmel fil-konfront tieghu Stephen Buhagiar. Fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) irrilaxxa zewg stqarrijiet wara d-debita twissija skont il-ligi u fil-fatt filwaqt li fl-ewwel stqarrija kien innega parzjalment l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu, spjega li parzjalment ghal fatt li kien ammetta li kien accetta offerta din id-darba ta' hamest'elef ewro (€5000) maghmulha minn Stephen Buhagiar pero' kien qal li kien Stephen Buhagiar li kien ipproponielu dan l-ammont u mhux hu talbu. Sussegwentement, fit-tieni stqarrija wara twissija skond il-ligi, l-imputat kien ammetta mieghu li kien hu li talab commission minn ghand Stephen Buhagiar. Dan fit-tieni stqarrija dak in-nhar stess fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Qabel ma beda jigi interrogat, Dimech kien gie infurmat li jekk ried seta' jikkonsulta Avukat tal-fiducja tieghu u ghazel li jkellem lil Dr Michael Sciriha u fl-ewwel stqarrija kien spjega li huwa kien ilu jokkupa l-kariga Sindku ta' tas-Sliema mill-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) izda kien qabel dan serva bhala kunsillier fil-legislatura precedenti fl-istess kunsill lokali ta' tas-Sliema.

Dwar Buhagiar, is-Sur Dimech spjega li hu kien jafu bhala canvasser u impjegat bhala xufier tal-Hon Robert Arrigo membru parlamentari u wkoll dan Buhagiar kien ghenu fil-kumpanja elettorali tieghu sabiex lahaq Sindku. Meta gie elett u ntghazel u appuntat bhala Sindku, Buhagair kien allegatament talbu sabiex jaghtieh il-kariga ta' Contracts Manager fil-Kunsill. Inizjalment kien qed jigi diskuss li s-salarju ta' Contracts Manager ikun ikkalkulat fuq persentagg tal-ammont tal-kuntratti li johrog il-kunsill li kellu jissupervajzja dan il-Contratcs Manager, pero' meta saru xi kalkoli li kieku kellha tigi addottata din l-iskema skond is-Sur Dimech, il-Contracts Manager kien ser ikun jaqla hamsa u ghoxrin elf euro fis-sena u skont Dimech kien informa lis-Sur Stephen Buhagiar dwar dan u li allura l-Kunsill qatt ma seta jadotta tali

skema ghax ma kinitx vijabbli ghal Kunsill. Kien f'dan l-istadju li Buhagair approwcjah u offrielu is-somma ta' hamest'elef ewro (€5000) fis-sena. Dimech jghid li hu accetta din l-offerta ta' Buhagiar, pero' fl-istess waqt qallu li kienet impossibli l-Kunsill johrog tender b'dak il-mod u skond is-Sur Dimech ma kienx kuntent b'dak li qallu u telaq immedjatament.

Is-Sur Dimech fl-istqarrija tieghu ikompli jghid li hareg it-tender li jkun salarju fiss u mhux ta' persentagg u sa dan it-tant Buhagiar kien telaq l-impjieg tieghu minn ma' Arrigo. Fix-xahar ta' qabel ma gie awarded it-tender skond Dimech, lil Buhagair kien tah direct order sabiex is-Sur Buhagiar jaghmel maintenace fil-kunsill u wara dan il-fatt kien rebah it-tender u s-Sur Dimech jghid ukoll li qabel ma tefa' l-offerta kien anke iggwida lis-Sur Buhagiar x'offerta kellu jitfa. Fl-istqarrija qal li waqt li Buhagair kien qed jaghmel xoghlu ta' Contracts Manager mal-Kunsll, dan kien qed jircievi hafna lmenti dwar il-performance tieghu u fil-fatt kien wissieh diversi drabi dwar dan. Complaint minnom kien li Buhagiar fil-hin li suppost kien qed jaghmel xoghol ghal kunsill, dan kien qieghed jaghmel xoghol ghal Hon. Arrigo. Is-Sur Dimech jghid ukoll li l-kunsilliera shabu ma kienux kuntenti bil-performance tieghu dawn iddecidew li jqacctuh 'il barra. Wara li s-sur Buhagiar gie nfurmat b'dan, is-Sur Dimech jghid li darba minnhom kien mar il-Kunsill akkumpanjat minn l-Hon. Arrigo fejn hemm hekk kellu pressure biex izomm lil Stephen Buhagiar fil-kariga ta' Contracts Manager. Ikompli jghid li Hon. Arrigo kien kellmu dwar dan il-materja f'okkazjoni ohra fil-prezenza ta' certu Bobby Cali, kunsillier fil-kunsill ta' tas-Sliema fejn Arrigo skond is-Sur Dimech kien anke gholla lehnu fil-konfront taz-zewg persuni ta' Dimech u Cali u sussegwentement giet diskussa anke fuq livell ta' partit, giet diskussa mas-Segretarju tal-Partit Nazzjonalista fejn dan kien allegatament baghat ghas-Sur Arrigo kif ukoll ghas-Sur Cali u saret laqgha rikonciljatorja.

L-Ispettur xehed li peress li s-Sur Dimech kien ipponta subghajh lejn Stephen Buhagiar li kien hu li ghamillu l-propsta u mhux skond l-allegazzjoni li kellhom huma li hu kien talab lil Stephen Buhagiar biex jaghtih commission, rega bghat ghal Stephen Buhagiar, kien ghamel konfront bejn Stephen Buhagair u Nicholas Dimech. Xehed li f'hin minnhom anke qabel ma bdew jiktbu l-istqarrija deher li s-Sur Dimech ikkonferma dak li kien qed jghid is-Sur Stephen Buhagiar u baghtu lejn id-dar. Mta rrilaxxa l-istqarrija Dimech tah verzjoni differenti minn li tah verbalment ghax

verbalment kien indikalu li qabel ma dak li qal Stephen Buhagiar, ghalhekk rega baghat ghal Stephen Buhagiar u ghamillu mistoqsija u hemm ikkonferma li d-dikjarazzjoni li kien irrilaxxja mieghu fl-ufficju tieghu u l-allegazzjoni li kien ghamel anke mas-Sur Bugelli kienu minnhom u li dik kienet il-verita'.

Xehed li inzamm arrestat u kellhom bzonn izommuh arrestat fil-lock up fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sakemm kellu bzonn jerga jkellem lil Stephen Buhagiar. Wara rega ha stqarrija minghand Dimech u wara li nghata s-solitu twsisja skond il-ligi, kien biddel il-verzjoni tieghu u hawn fi-tieni stqarrija ammetta li kien hu li talab commission minn ghand Stephen Buhagiar u dan qabel ma kien inghata t-tender ta' Contracts Manager. Qal li f'okkazzjoni minnhom waqt li kien fil-premises tal-kunsill lokali ta' tas-Sliema, kien talab lis-Sur Buhagiar, kien saqsieh jekk kienx lest li jgjaddilu persentagg mis-salarju li jircievi kull xahar u li din it-talba kien ghamilielu qabel ma kien inghata t-tender is-Sur Buhagiar. Ikkonferma li Buhagiar qatt ma ghaddielu commissions u dan ghal fatt li cahad, ma laqax din it-talba li ghamillu s-Sindku. Staqsieh kif ga la darba s-Sur Buhagiar ma laqax it-talba li ghamillu, kif allura vvuta favurih. Is-Sur DImech jghid li l-Hon. Robert Arrigo kien jaghti struzzjonijiet biex jiffavorixxi lin-nies tieghu. Insista li qatt ma ghamel talbiet simili minghand persuni ohra u qal li kien jaf li dak li ghamel kien jammonta ghal reat kriminali. Staqsieh jekk kellux problema tal-flus u kien qal li le u staqsieh ghandux problema ohra u ghazel li ma jwegibx. Jghid li kemm wara u qabel l-istqarrijiet ikollu konverzazzjoi verbali fejn hemm qallu li kellu problema tad-drga u kien ihallas bejn erbat'elef u hamess mitt ewro (4500) u hamest'elef (5000) fix-xahar.

Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) is-Sur Dimech kien irrilaxxja zewg intervisti kemm mal-Malta Today u mas-Sunday Times ta' dik il-gurnata fejn kien anke f'dawk l-intervisti li ghamel attaka l-validita' tat-tieni stqarrija fejn jghid li kien iffirma t-tieni stqarrija ta' ammissjoni under duress. Jghid li jaghmel diversi insinwazzjonijiet fil-konfront tieghu b'mod partikolari l-Ufficjal Investigattiv u l-mod kif dan gie trattat mill-Pulizija fl-istadju ta' investigazzjoni. Jghid li l-ammissjoni tieghu fit-tieni stqarrijiet kienet rizultat ta' duress li hu kien sofra fil-kors tal-interogazzjoni tal-Pulizija. L-Ispettur oggezzjoni dwar dan. Jghid li Dimech *jispjega 'I tried to phone my lawyer but he was abroad, when I asked for another lawyer the Police did not let me.'* Meta staqsa lis-Sur Dimech kien talab li jkellem lil Dr Michael

Sciriha, kull tentative minn naha taghhom dak il-hin, spjega li meta persuna irid ikun ikellem avukat, il-procedura hi li jitnizzel fil-lock up, jigi registrat u ghandhom kamra apposta, b'linja apposta fejn il-persuna jikkonsulta mal-Avukat tieghu. Lis-Surgent PS474 Norbert Said tah in-numru tal-mobile ta' Dr Scirha u mill-lock up infurmawh u cempillu li ma seta' jaqbdu b'xejn, il-mobile kien mitfi. Cempel lil Dr Ian Farrugia wara li vverifika il-mobile ta' Dr Sicirha ma setax jintlaqa u cempillu u infurmah li Dr Sciriha kien imsiefer. Kien ghaddielu n-numru tat-tifel ta' Dr Sicirha li kellu jkun mixghul u hekk gara, qabad it-tifel ta' Dr Sciriha u immedjatament qallu li xtaq ikellem lil Dr Sicirha u ghadielu l-mobile u kelmu. Qallu li kien hemm Nicholas Dimech li xtaq ikelmu u qal li se jixghel il-mobile biex ikelmu. Informa lis-Surgent li Dr Sciriha xeghel il-mobile. Ma kienx prezenti ghat-telefonata biss il-persuna li jkun qed jikkonsula mal-avukat pero fil-lock up jitnizzel records ta dak li jkun qed jigri ma persuna arrestat u skond record li ghandha tal-lock up is-Sur Dimech dam ikellem lil avukat tieghu ghal kwarta u dan bejn 10:55am sa 11:10am. Jghid li mhux vera talab biex ikellem avukat iehor u ma thalliex. Is-Surgent 474 Norbert Said li kien qed jakkumpanjah qal li fl-ebda hin ma talbu jkellem avukat iehor. Apparti minn hekk, ir-regola hi li pesuna arrestata tista tikkonsula ma avukat wiehed u mhux aktar.

Jghid li allegazzjoni ohra li ghamel is-Sur Dimech hi li dwar li kien fil-lock up tas-CID "*started to have trouble breathing, I was wheezing and got a severe panic attack, I asked for my Ventolin (inhaler) and two tranquilisers so that I can breath properly as I suffer from chronic asthma and breathing panic attacks, but the medication did not arrive. Is spent over two hours experiencing acute asthma and panic attacks on my own in a small lock up cell.*' Li qal li t-tfajla tieghu gabitlu l-inhaler bil-karozza taghha fis-saghtejn wara nofs in nhar u li "about four (4:00) pm I was exhuasted and broken. The police took me up to the interrogation room and demanded the second statement. At his point I just signed whatever they said as I really needed my medication. I did not even read the second statement; only after the second statement was signed and I was told that I could leave did a policeman finally come with the medication."

L-Ispettur xehed li t-timings indikati mis-Sur Dimech mhumiex veritieri, jghid li qatta saghtejn fil-lock up tas-cid meta skond ir-records tal-lock up it-time gap bejn iz-zewg stqarrijiet kienu dak ta' siegha bejn is-2:30 u t-3:30. Spjega li qabel l-istqarrija

bil-miktub ikollhom konverzazzjoni verbali dejjem wara d-debita twissija skond il-ligi. Xehed li fl-ebda hin ma ra lis-Sur Dimech isofri mnn xi panic attacks kif allega u immedjatament malli dan ghat-tieni stqarrija dahal fl-ufficju tieghu akkumpanjat mis-Surgent 474 Norbert Said, dak is-Surgent kellu f'idejh il-medicina li kien talab ghaliha s-Sur Dimech. Meta persuna ikun arrestat fil-lock up, il-custody officer is-Surgent inkarigat dak il-hin jistaqsi dejjem l-persuna arrestat jekk hux jiehu xi medicina, u dan dejjem ghax jekk ikun ha jinzamm ghal certu hin u jkollu bzonn xi medicina ikun jista jehodha. Is-Surgent infurmah li hekk kien ghamel mas-Sur Dimech u filfatt giet din il-mediicna u l-medicina ma ttihditx jekk mhux minghajr il-preskrizzjoni tat-tabib u dejjem jitolbuhom igibu maghhom preskrizzjoni u fin-nuqqas persuna li jigi bil-medicina u jghid li jiehodha regolari imma ma ghandux il-preskrizzjoni jkollhom kull darba jew jiehduh il-klinika tal-Furjana jew l-Isptar Mater Dei. Is-Surgent 474 kien tella l-medicina mieghu u peress li ra l-inhaler f'idejn is-Surgent lis-Sur Dimech staqsieh jekk kellux bzonn juza l-inhaler pero qal li ma kellux bzonn. Meta staqsieh jekk ridx l-inhaler kien hemm prezeniti s-Supretendent Paul Vassallo.

Xehed li hija gidba fahxija li fit-tieni stqarrija iffirma li kienu qed jghidulu huma l-pulizija. Spjega li l-istqarrijiet ghamilhom minn jeddu u dan anke wara li infumah li kellu dritt li ma jwegibx ghal kull mistoqsija u li dak li jghid seta' jingieb bhala prova fil-konfront tieghu. Jghid li dejjem jaqrawlu l-istqarrija kemm biex jikkonferma dak li qal hu huwa kollu li ried hu u anke bhala proof reading jigifieri minhabba zbalji ta' *typing*. Xehed li ma jistax jghid dwar l-istat tas-Sur Dimech fil-lock up ghax ma kienx hemm izda s-Surgent 318 Rodgers li kien in charge ikkonfermalu li s-Sur Dimech kien rilassat hemm isfel u ma kellu l-ebda panic attacks kif qed jallega. Jghid li kull mument li kien fl-ufficju tieghu dejjem kien fi stat ta' sahha tajjeb. In vista ta dak li allega dwar it-tieni stqarrija u dwar il-komporament taghhom meta gie interrogat f'diskussjonijiet li kellu mas-superjri tieghu qablu li l-agir kien iwassal ghal ksur tal-arikolu 95 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) is-Sur Dimech kien rega gie mitlub biex jattendi fil-Kartier Generali tal-Pulizija u dan sabiex hu jigi mitkellem dwar l-intervisti li hu allegatament irrilaxxja mal-gurnali The Sunday Times u l-Malta Today. Kien talbu biex jattendi fil-hdax ta' filghodu u qallu all right u wara cemplet is-segretajra u

qaltlu li ma setax qabel it-tlieta u nofs (3:30) u filfatt attenda fl-erbgha (4:00) ta' wara nofsinhar. Inghatat il-caution mill-Assistent Kummissarju Michael Cassar u l-Ispettur flimkien mas-Surgent 474 Norbert Said kienu prezenti waqt dawn l-interogazzjonijiet li issa kienu qed isiru rigward l-intervisti tieghu mal-gazzetti. Ikkonfema li dawk l-istqarrijiet is-Sur Dimech li kien hu li rrilaxxja l-intervisti lil gazzetti u li stqar li ma kellu l-ebda konnessjoni ma artikli ohra li kienu qed jidhru f'gazzetti rigward il-kaz tieghu. Stqarr li hu kellu x'jaqsam biss ma dawn iz-zewg intervisti. Ikkonferma li l-vertia kienet fl-ewwel (1) stqarrija mhux fit-tieni u bil-miktub ikkonferma wkoll li waqt l-interrogazzjoni tal-Pulizija ma kien sofra ebda abbuz fiziku, la xi maltratament u lanqas xi haga qrib ta' dak u ghaldaqstant l-Assistent Kummissarju Michael Cassar staqsih x'kien qed jifhem issa bl-allegazzjoni tieghu ta' duress li kienet il-kelma li uza fl-intervisti tieghu u stqarr li hass li l-ammissjoni tieghu fit-tieni staqarrija kienet rizultat ta' duress ghal fatt li dan ma kienx qed jigi emmnut minnu. Ghaldaqstant psikologikament hass li qatt ma seta' jikkonvinci li l-verzjoni li kien qed jaghti kienet wahda veritiera u sofra dak li hu ddefinixxa bhala pyscholgical shock. Waqt l-istess interrogazzjoni gie stabbilit ukoll li fis-sena elfejn (2000) is-sur Dimech kien qatta madwar tmienja u ghoxrin (28) siegha fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fil-lock up tal-Pulizija u dan meta kien qed jigi investigat dwar kaz ta' overdose ta' droga fejn kien miet habib tieghu Cain Pavia. Qal li f'dak il-perjodu kien jabbuza mid-drogi imma llum il-gurnata huwa hieles mid-drogi u saritlu referenza ghal dak li kien stqarr mieghu wara t-tieni stqarrija pero din id-drba nnega li llum il-gurnata jikkonsma id-droga. Qallu li qatt ma ried jaghmel uzu tal-inhaler ghax ma kienx qed jafda lil hadd u li kieku wzah kienet se tintuza kontrih. Staqsieh b'liema mod seta' dan kollu jintuza kontrieh u rrisposta kienet illi l-proceduri tal-Pulizija ma jafhomx. Qal li qatt ma qal li l-Pulizija ma offritlux l-inhaler. Xehed li offrielu l-inhaler mal-mument li tela' mill-lock up qabel it-tieni stqarrija. Dwar it-telefonata ma' Dr Sciriha, fl-ebda hin ma giet imwaqfa mill-Pulizija izda din twaqqfet bejn il-partijiet u cioe' bejn Dimech u l-Avukat tieghu Dr Michael Sciriha. Sussegwentement tressaq il-Qorti b'arrest.

Huwa esebixxa email datata l-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li giet esebita u mmarkata bhala Dok AG 1. Esebixxi bhala Dok AG 2 kopja tal-intervista li kienet saret mis-Sur Nicholas Dimech mal-gazzetta Malta Today tat-tnejn

u ghoxrin (22) ta' Awissu elfejn u ghaxra (2010) bhala Dok AG 2. Esebixxi bhala Dok AG 3 l-intervista mas-Sunday Times fl-istess gurnata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Esebixxa bhala Dok AG 4 dokument li spjega, movements of detainees li huwa dokument li jintela mill-custody officer dwar il-moviment ta' persuna arrestata u fih hawn id-dettalji kollha ta' meta s-Sur Dimech iccaqlaq jew tnizzel fil-lock up tas-CID li hija kopja li jahseb li ghamel is-Surgent 474 Norbert Said. Bhala Dok AG5 esebixxi ricevuta li nharget lis-Sur Nicholas Dimech fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn dak inhar kien ghadda lil Pulizja l-ID Card tieghu kif ukoll il-passaport t-tnejn esebiti f'dan il-process.

In kontro-ezami mistoqsi jekk Buhagiar mar jaghmel rapport lilu, wiegeb li le, kien ghamel rapport mas-Sur Bugelli u s-Sur Bugelli kien ghamel mal-istqarrija f'dan kien baghat e-mail lill-Kummissarja tal-Pulizija fejn kien infurmana li kellu din il-laqgha mas-Sur Buhagiar li ghamel allegazzjonijiet rigward is-Sindku Dimech u talab lil Pulizija biex jinvestigaw dan il-kaz u kien hemm hekk fejn l-Ufficjal Prosekutur gie assenjat biex jinvestiga dan il-kaz fejn l-ewwel persuna li bghatt ghalih kien is-Sur Buhagiar biex jellabora dwar l-allegazzjonijiet li kien ghamel mas-Sur Bugelli. Is-Sur Buhagiar dak li qal lil Pulizija qalu wara li l-Ufficjal Prosekutur cempillu u ghamlu appuntament biex jigi. Mistoqsi meta bghat ghalih lis-Sur Buhagiar wiegeb li kien kellmu fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) mhuwiex cert jekk cempillux dak in nhar stess jew cempel qabel u ftehmu dwar gurnata ohra. Lil Nikki Dimech kien cempillu qabel u kienu ftehmu li jigi fil-hdax (11) ta' Awissu fl-ghaxra (10:00) ta' filghodu. Kien cempel u qal li ma setax jattendi u qallu li kienu ilhom gimgha li ftehmu u kien gie. Ma bediex ikellmu qabel l-ghaxra. Jghid li hemm indikat il-hin tal-arrest fir-records esebit bhala Dok AG 4. L-arrest huwa indikat bhal-ghaxra u hamsa ta' filghodu (10:05am) u hemm indikat li tnizzel il-lock up fl-ghaxra u kwart (10:15). Ir-raguni hija kif spjega, li s-Sur Dimech kien ghazel li jkellem lil avukat tieghu u dak il-hin kien il-hin li niezel il-lock up biex icempel l-Avukat. L-ewwel statement bil-miktub beda fl-12:58 ma jfissrx li bdew jitkellmu fis-seigha nieqes zewg minuta, bdew jitkellmu mal-mument lli s-Sur Dimech kellem lil Avukat fejn kien kellem lil Avukat bejn 10:55 u 11:05 u ghalhekk sa dak il-hin kien ghadu ma bediex jinterrogah. Kien wara dan li tela' fl-ufficju tieghu fejn beda jkelmu. Sa dak il-

hin pero' kellu anke konfronti mas-Sur Buhagiar u kellhom sensiela ta' interrogazzjoni b'mod verbali. Spjega li fl-10"05 tah it-twissija, kien ghadu fl-ufficju tieghu. Fl-10:15 skond Dok AG niezel biex icempel lil Avukat. Sa dak il-hin kienu ghadu l-lock up mas-Surgent, mhux go cella. Kellhom diffikultajiet biex jaqbdu lil Dr Sciriha u kien hemm sekwenza ki spjega iktar qabel, sabiex irnexxilhom jaqbdu lil Dr Sciriha. Kellem lil Dr Sciriha bejn 10:55 u 11:10 u wara 11:10 tela' fl-ufficju ieghu. Dak il-hin tista' tghid il-hin kollu fl-ufficju tieghu, jista' jkun li f'xi hin hareg anke b'xi ufficjal minn tieghu barra sakemm jevalwa dak li qallu u jkun ghamel xi mistoqsijiet lil Stephen Buhagiar wahdu. Sal-mument li spiccat l-ewwel stqarrija u tnizzel il-lock up rega, hemm hekk kien fl-ufficju tieghu. Verbalment kelmu u anke sar il-konfront ma Stephen Buhagiar. Lejn l-ahhar parti tal-ewwel stqarrija mistoqi lejn l-ahhar tieghu hija "*Stephen Buhagiar jallega u sahansitra allega fil-prezenza tieghek*" u allura b'referenza ghal konfront li kellu bejniethom. Il-konfront ifisser li jkun dahal lil Stephen Buhagiar u jkun ghamel mistoqsijiet biex is-Sur Dimech anke jisma dak li jkun qed jghid Stephen Buhagiar.

Bil-miktub kien ghadu ma beda jirregistra xejn. Hemm miktub 12:58 li bed jiktteb. Ma ghandux record ta' x'intqal f'dan il-konfront pero' peress li kaz ta' certu interess anke ghas-superjuri tieghu, jiftakar l-Assistent Kummissarju Michael Cassar minghalih ma kienx xoghol u s-Supretendent Paul Vassallo il-hin kollu kien qed jimmoniterja x'inhu ghaddej f'dan il-kaz u allura certu affarijiet, diskors sar anke fil-prezenza tieghu. Beda jkellem avukat bejn 10:55 u 11:10 skont id-dokument u fil-12:58 beda jiehodlu l-ewwel stqarrija bil-miktub. Spjega li biex ilahhaq ma dak li jkun qed jinghad jista' jkun li jaghmel xi zbalji ta' *typing*, fejn ma jkunx qed ilahhaq jghidlu biex ma jghaggilx u biex jekk ma jkunx fehem xi haga jerga jirrepeti dak li qal. Dak li qal ma giex registrat on tape. Dak li hemm miktub huwa dak kollu li qal Nicholas Dimech. Jekk li jkun qed jghid ma jkunx hemm struttura ta' sentenza hemm hekk iva bi qbil mieghu jistrutturaw is-sentenza. Izda jekk isaqsi bil-Malti u jwiegeb yes, yes inizzel ghalhekk verbatim.

Spjega li l-mument li gie registrat fil-lock up huwa dmir tal-Custody Officer li jsaqsih dwar medicina, jigifieri jsaqsi ghal dawn il-htigijiet tal-persuna. Hu ma jsaqsihx jekk jiehu medicina pero' jekk persuna jkun ha jinzamm arrestat fil-lock up is-Surgent, il-Custody Officer isaqsih jekk ghandux xi medicina. Ma jafx f'liema stadju jaghmel

hekk, hux mal-mument li jigi registrat jew mal-mument li jkun se jinzamm ghal xi hin fil-lock up. Hu ma saqsihx.

Xehed li lil Stephen Buhagiar baghat ghalih fuq kazijiet ta' korruzjoni. Jghid li f'certu cirkustanzi fejn l-prova principali huwa persuna li qed jallega xi haga fil-konfront tal-iehor, jippjanahom minn qabel u dan kien kaz ippjanat, is-Sur Dimech kien ilu jaf gimgha li gej fit-tali gurnata u fejn fil-granet ta' qabel informa lil s-Sur Buhagiar, qallu biex jattendi fil-hdax ta' filghodu. Lil Buhagiar kien baghat ghalih fis-sebgha (7) ta' Lulju u sa meta bghat ghal Nicholas Dimech kienu ghaddejin bl-investigazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mal-Kunsill Lokali nnifsu. Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju kellmu lil Antia Borg Deputat Segretarju tal-Esekutiv u dan wara li jkunu gabru xi dokumenti ghax talbuhom dokumenti awtenikati u ghadda perjodu ta' zmien. Fis-sebgha (7) ta' Lulju ha dikjarazzjoni lil Buhagiar ghax dak li qallu hu ma kienx jammonta ghal xi kwalita ta' reat kriminali. Meta staqsieh ghala halla dan iz-zmien kollu sabiex jaghmel raport tieghu mal-awtoritajiet qal li kien mar ghand Martin Bugelli u dan wara li kien baghat ghalih hu stess. Xehed li dan probabilment wara li hu kien kieteb id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jilmenta dwar il-fatt li kien gie imwaqqaf mill-Kunsill ingustament. Ikkonferma li l-ilment tieghu kien li gie imwaqqaf ingustament bhala l-ilment li ghamel lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u waqt li s-Sur Bugelli baghat ghalih hemmhekk waqt il-konverzazzjoni saret xi forma ta' allegazzjoni kif indikat fid-dokument AF 1. Meta Buhagiar gie fil-hdax (11) ta' Awissu xil-hdax ta' filghodu (11:00am), l-ewwel l-Ispettur kellem lis-Sur Nicholas Dimech u beda jichad kull tip ta' allegazzjoni li kienet qed issir kontra tieghu. La qatt talab, la qatt offrewlu sa dak il-hin u wara certu hin, hinijiet, kien bghat ghal Stephen Buhagiar li kien jaf ghala gej dak inhar, kien qallu r-raguni ghala ghandu bzonnu dakinhar u qallu li jigi u kien ghamel dan il-konfront li ma jkunnx bejn iz-zewg persuni, il-kofnront ikun billi hu jsaqsi lil persuna u jwiegeb quddiem l- iehor imbaghad jara l-iehor x'ghandu x'jghid ghal dak li qed jghid il-persuna l-ohra. Ma jafx x'hin sar izda jidhirlu li qabel l-ewwel stqarrija. Mhuwiex cert jekk wara l-konfront baqax ikellem lil Stephen Buhagiar wahdu.

Xehed li l-imputat kien fi stat tajjeb jigifieri kalm izda li ebda persuna li ha jigi interrogat ha jkun kalm daqs li kieku qed jiehu kafe' go kafeterrija il-Belt. Kien bhal persuna ohra li jkunu ghaddejin fl-investigazzjoni. Ma kienx agitat. Xehed li f'dik il-

gimgha li bejn cempel lil imputat u li kellu jigi, cempillu Stephen Buhagiar u qallu li certu Daniel Micallef impjegat fil-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema kien mar javvicinah u kien qallu li baghtu s-Sur Nicholas Dimech u qallu li jekk ma kienx iwaqqa r-rapport kontih kien sejjer jaghmel raport fil-konfront tieghu dwar affarijiet li kien jaf dwarhom. Huwa kien bghatt ghal Daniel Micallef u kkonfermalu li kien baghtu s-Sur Nicholas Dimech li kien xi skrivan fil-kunsill ta' ta' Sliema.

Meta kien fil-prezenza tieghu ma kienx agitat, kien komportament ta' persuna li qed jigi interrogat jigifieri mhux mija fil-mija kalm. Baghat ghalih, qallu fuq hiex u hadlu l-ewwel satement li spicca fit qabel is-saghtejn. It-tieni staement bil-miktub beda fl-3:55. F'dawk is-saghtejn, jghid li l-istatement iffirmawh u marru jaghmlu l-photocopies, kellu hsieb li minflokk jibghatu l-lock up, jiehdu l-conference room. Ma kienx bi hsiebu jzommu hin twil u l-conference room ma kienitx available u qallu li ha jkollu jzommu arrestat. Hemm hekk l-agitazzjoni tieghu kibret xi ftit iktar ma baqghetx l-istess u la jaf ried icempel lil Kummissarju tal-Pulizija, lil Prim Ministru, dawn l-affarijiet qalulu waqt li kien il-lock up. Skont ir-records rega niezel il-lock up fis-saghtejn u nofs (2:30). Meta spicca l-istatement kien hemm diskussjoni u qallu "*ha tik statement ohra halli nghidlek il-verita*" dak il-hin. Qallu li hu ghamel allegazzjonijiet fil-konfront ta' Stephen Buhagiar u li ghandu bzonn jinvestiga ftit iktar dan il-kaz. Prova li jinzamm fil-conference room, ma kinitx available u niezel il-lock up. Jghid li kien ghamel allegazzjoni fil-konfront ta' Stephen Buhagiar u ried jivverifika, spjega li qabel ma l-ewwel stqarrija kien ikkonfermalu dak li qal Stephen Buhagiar. Spjega ukoll li jahseb li haseb li ha jitlaq u qallu li ghandu bzonn ikompli jinvestigah. F'dak l-istadju qallu "*ha ntik stqarrija ohra nghidlek il-verita*" u qallu li ghandu bzonn ikompli jinvestigaa. Ma hassux komdu jiehodlu stqarrija ohra meta kien ghadu kif spicca stqarrija.

Spjega li ried jara li hemm konvincent f'dak li qieghed jghid Buhagiar. Jghid li hemm bil-mktub huwa dak li qal is-Sur Dimech. Hu ried jghid li accetta offerta ta' hames elef (5,000) imma ma jghidx li talabielu hu u allura ried jivverifikhom ma' Stephen Buhagiar.

Ikkonferma li Stephen Buhagiar ikkonferma li qal qabel u nnega li qal Nikki Dimech. Ghaddiet siegha bejn li kellem lil Stephen Buhagiar, kiel u fit-tlieta u nofs (3:30) rega ttella l-ufficju tieghu. Stephen Buhagiar kien hemm hekk prezenti jistenna barra f'kaz

li jkollu bzonn konfront iehor u telaq wara li spiccat it-tieni stqarrija. Mistoqsi jekk bejn is-saghtejn u nofs (2:30) u t-tlieta u nofs (3:30) xi hadd ghamillu accenn li ghandu bzonn ghajnuna medika qal li le fl-ebda mument. Ma kienx prezenti fil-lock up, is-surgent jghid li kien rilassat u anke ghal xi hin jekk mhux zbaljat kien rieqed. Mistoqsi jekk jafx li nezghuh, qal li ma jafx izda qal li kull persuna li tigi arestat fil-kwartieri tal-puliizja, gieli assista ghal dawn is-searches, kull persuna li tinzel fil-lock up ghas-sahha personali tieghu. Kull persuna li tkun il-lock up tigi searched. Dwar it-tieni statement, qal li dik hi caution li jaghmlu li ghandu dritt li ma jwegibx ghal mistoqsijiet u li dak li jghid tista' tingieb bhala prova. Fit-tieni stqarrija ma regax offirielu d-dritt tal-avukat, infurmah biss li ghandu dritt li ma jwegibx ghal mistoqsijiet. Jghid li ghandu zball, li halla l-parti li taghmel referenza ghad-dritt li jikkonsulta mal-Avukat. Dwar medikazzjoni qal li jaf li kellu l-inhaler u pakkett medicina s-Surgent 474 Norbert Said u kien infurmat li prescription ghad m'hemmx u allura ma kienx se jhallih jaghmel uzu. Malli ra l-inhaler, offirelu ghandux bzonn l-inhaler u qal li le. Kien infurmat li kien qed isiru telefonati anke mat-tabib tieghu sabiex tingieb il-preskrizzjoni. Staqsa lill-imputat kellux bzonn xi haga ohra u qal le. Ma qallux li ghandu bzonnn il-medicina. Il-medikazzjoni ingabet inutilment ghal fatt li wara t-tieni stqarrija gie rilaxxat, jekk kien jinzamm u kien ikollu bzonn il-medicina kienu jiehduh il-polyclinic jew mater dei.

L-**Ispettur Angelo Gafa** rega xehed fil-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn xehed dwar il-firem fuq l-istatements u fuq id-dikjarazzjoni tar-rifju tal-jedd ghal parir legal.

**Stephen Buhagiar** xehed fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li qal li ma jahdimx bhalissa. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Jghid li z-zmien kien lejn l-ahhar ta' Awwisu tas-sena elfejn u disgha (2009). Kien applika ghal tender ta' contracts manager mal-kunsill lokali Sliema u darba fost l-ohra kien il-kunsill lokali, kien habib tas-Sur Dimech jigifieri kienu jkunu l-kunsill hafna u kienu qeghdin fl-ufficju tieghu qed jitkellmu u kelma ggib lil ohra u hin minnhom is-Sur Dimech waqa' id-diskors fuq il-kuntratt tieghu. Kien ghadu ma rebahx il-kuntratt. Ikkonferma li sa dan it-tant kien applika ghal contracts manager. Ix-xoghol ta' contracts manager skont ir-rikjesta tal-kunsill kien jikkonsisti iktar f'sorveljanza ta' kuntratti li l-kunsill kellu mal-ELC jidirlu, mal-cleansing, tabelli. Iktar jikkoncerna l-

kuntratti li kellu ma' dipartimenti tal-Gvern iktar minn xejn, hux privati u tefa l-offerta tieghu. L-offerta tefaha ta' elf u mitejn ewro (€1,200) fix-xahar. Kien ghadu ma giex aggudikat u kien fl-ufficju tal-kunsill f'Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u d-decizjoni kienet fis-sebgha (7) ta' Settembru meta ttiehdet id-decizjoni li hu jiehu l-kuntratt. F'Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) kien qieghed l-ufficju tal-kunsill, kien qieghed fejn is-Sur Dimech kienu qeghdin jitkellmu ghax kienu hbieb, fost il-hafna diskors li kien qed jinghad, hin minnhom speci waqa' id-diskors fuq il-kuntratt u wahda mill-kliem li jiftakar car li qallu kien speci '"*inti kemm tista toffri? Ten jew five per cent (10% / 5%), hekk kienet id-dan.*' Kien fl-ufficju tal-kunsill lokali ta' Sliema, kien wara nofs in-nhar, jassumi kien wara s-siegha (1:00p.m). Kien fl-ufficju tas-Sur Dimech, kellu l-ufficju ta' sindku. Kienu huma biss prezenti. Mistqosi mill-Qorti x'kien qed jaghmel dakinhar fl-ufficju tas-Sindku wiegeb li kienu hbieb hu u s-sindku, kien ikun l-ufficju tal-kunsill kwazi kuljum u kien hemm persuna taghmel xi part time work ghal kunsill u gieli kien ikun mieghu. Dan hu Martin Micallef. Lis-Sur Dimech kien jafu qabel il-kampanja elettorali, kwazi kwazi mill-kampanja elettorali tal-elezzjoni generali, ta' qabel jigifieri. Kien introducieh mieghu l-Onorevoli Robert Arrigo mas-Sur Dimech ghax kienu qed jghinuh fi-kampanja tieghu ghal kunsill lokali ta' Ta' Sliema. Qabel kien is-Sur Dimech li kien qed jghin lis-Sur Arrigo fil-kampnja elettorali jigifieri. Mistoqsi fiex ghenu fil-kampanja tieghu wiegeb li kien ikun ma' Mr Arrigo jigifieri regolari u house visits u zjarat fit-toroq, dak li tirrikjedi kampanja elettorali, attivitajiet u hekk. Jghid li kien ikun il-kunsill ghas-semplici raguni li hemm habib tieghu kien jaghmel xoghol part time ghal kunsill u hu kien ikun mieghu. Ma kienx jaghmel xoghol mal-kunsill hu dak iz-zmien. Mistoqsi qabadx u dahal fl-ufficju jew kien hu li ghajjatlu, wiegeb li le kien ghajjatlu hu ghax kienu jkunu hemm, speci huma hbieb '*kien jghidli, isma', ejja s'hawn nitkellmu u dawn l-affarijiet.*' Ma kien hemm xejn hazin. Hu kien jaf li applika, '*Kien jaf ghax jiena kont staqsejt anke lilu jigifieru li nixtieq napplika ghaliha din it-tender, fhimt?*' Kien qallu biex japplika ghaliha kif fil-fatt ghamel. Mistoqsi jekk ix-xhud kienx qallu kemm kien se jitfa l-offerta tieghu wiegeb li jista' jkun li tkellmu x haga, '*Ehe, tkellimna f'dan is-sens, ehe, ghidtlu kemm se nitfaghha.*' Kien jaf kemm tefaha. Jghid li ghamel l-applikazzjoni. Ikkonferma li kien diga' ghamel l-apaplikazzjoni, it-tender kienet dahlet. Mistoqsi dwar x'gara waqt li kien fl-ufficju tas-sindku wiegeb '*Ehe, le, semplici hafna. Kullma kien, sentenza zghira jigifieri, m'hemmx affarijiet kbar. Kullma dan,*

*dan waqt li qed nitkellmu, jigifieri, kif ghidt, li jiena nhsadt, dan qalli, "isma', kemm tista' toffri mit-tender tieghek? Ten jew five per cent (10% / 5%)?" jiena ghal din il-mistoqsija mahsud kif kont, jiena ghidtlu, "isma', inti jidhirlek li nista' naghti persentagg minn elf u mitejn ewro (€1,200) fix-xahar?!" u waqfet hemm jigifieri. U d-diskors rega' inqaleb. Dak li ntqal bhala diskors.'*

Xehed li ma kienx hemm diskursata qabel ghas-semplici raguni li s-Sur Dimech huwa l-karatru tieghu, '*mhux qed nghid xejn kontra tieghu, tip ta' bniedem li jkun qed jaqbez minn suggett ghall-iehor, ifhem. U speci kienet din, filli qed nitkellmu fuq haga u filli qabez fuq xi haga ohra jigifieri ma kienx hemm diskursata fit-tul fuqha din l-affari. Xejn hazin ta' jigifieri, just huwa l-karattru tal-persuna, mhux qed nghid xejn hazin, imma kien hekk.*' Mistoqsi '*U inti dwar dak li qallek is-Sur Dimech, dak iz-zmien ghamilt xi haga kont?*' wiegeb '*Le, jiena biex inghidlek, kif ghidtlek hasditni, imma mbaghad id-diskors rega' dar u kif nghidu bil-Malti mietet fuq ommha l-affari,*' Jghid li '*jiena hadtu l-kuntratt eventwalment. Mal-kors tal-kuntratt, lejn qisu l-hames (5) xur li kont ilni fil-kuntratt, qisni bdejt ninnota certu movimenti. Having said all that, jiena bqajt ghaddej bix-xoghol tieghi jigifieri.*' Jghid li '*certu kunsillier parikolari - nista' nsemmih, ma jimpurtax - is-Sur Yves Bobby Cali, meta gieli avvicinajtu biex nitkellmu fuq ix-xoghol tieghi speci, jiena kont inkun il-kunsill, kont nghidlu, "x'tahseb minn dak u mill-iehor," u hekk. Jiena kont dejjem nghid, "isma', ghandna t-tali persuna, il-kuntrattur, qed jinkwetana ftit," u s-Sur Cali kien dejjem jghidli, "u le, jaqdina miskin, jaqdina dak il-kuntrattur." U jiena kont nghid imma kif jaqdina jekk qed itina l-problemi speci.*' Huwa qed jirreferi ghal kuntrattur Joe Vella tal-iskart, li jigbor l-iskart. Jghid li ma ghamel xejn, li kien qed jimmoniterja s-sitwazzjoni, xi ftit qabel it-terminazzjoni tieghu kien hareg default notice lil Joe Vella ghax kien hemm gimgha shiha jipprova jaghmel kuntatt mieghu u qatt ma jwiegbu. Kien il-bniedem responsabli li jara li x-xoghol isir minnu, u kien ghamel default notice indirizzata lil Joe Vella fejn bghatielu dak il-hin stess. Kien gie avvicinat mid-deputat segreatarju ta' dak iz-zmien Althea Borg fejn kienet qaltlu li meta jaghmel default notice bhal dik l-ewwel ried jinforma lilha biex hi tnforma lis-sindku. Din ma kinitx fil-kuntratt anzi l-kuntratt kien jispecifika li hu defeault notice jibghatha direttament lil kuntrattur partikolar u mbaghad jaghmel kopja lil kunsill. Induna li kien hemm certu xkiel.

Jghid li tressqet mozzjoni fejn biex hu jitnehha ghax intqal li hu mhux qed jaghmel ix-xoghol tieghu kif suppost u twaqqaf. Wara mar ikellem l-avukat tieghu fejn

ghamlu ittra lil kunsill fejn qed jghid ghax id-decizjoni hija ingusta mieghu. Kien talab laqgha mas-Segretarju Parlamentar Dottor Said fejn infurmah bil-kaz u ltaqa mieghu l-ufficju tieghu. Wara dehrlu li kellu jagahmel appuntament ma' Doctor Paul Borg Olivier, bhala bniedem li huwa segretarju generali tal-partit li jirraprezenta lis-Sur Dimech kien sa dak iz-zmien. Minn hemmhekk imbaghad ircieva email minghand Martin Bugelli fejn xtaq li jiltaqa' mieghu u ltaqa mieghu ukoll fejn saqsieh fuq il-kaz u ghaddielu l-informazzjoni jigifieri dak li rraporta dwarha llum. Sussgwentement ircieva rikjesta minghand l-ispettur biex imur ghandu. Ikkonferma li apparti meta kelmu fis-sebgha (7) ta' Lulju kien gie gurnata ohra jidhirlu fil-11 ta' Awissu fil-hdax ta' filghodu (11:00am). L-ispettur kien qallu li xtaqu hemmhekk biex jekk ikun hemm bzonn ta' konfront mas-sur Dimech ikun prezenti. Ikkonferma li infurmah li kien se jinterroga lis-Sur Dimech dakinhar. Infurmah xi hmistax (15) il-gurnata qabel biex jigi fil-hdax (11:00).

Vicin il-hdax, jidhirlu kien l-Erbgha, il-Hamis ta' qabel kien cempillu wiehed mill-iskrivani tal-kunsilli Daniel Micallef fejn qallu li xtaq ikelmu u ltaqghu Balluta Bay dakinhar, dan gie u kien qieghed jagixxi fuq struzzjonijiet tas-Sindku jassumi ghax dak iz-zmien kien Sindku, lilu qallu '*is-sindku bghat messagg mieghu fejn jew inwaqqa' il-kaz jiena inkella ha jiftahli kaz iehor ta' xi toqob li konna ghamilna fit-triq fejn l-ghassa tal-pulizija - dawn kienu xi toqob ghall-festa, l-anterjoli tal-festa, kien kaz iehor. Jiena r-risposta tieghi kienet illi, ghidtlu, ghidtlu, "jekk is-Sur Dimech jixtieq jghidli xi haga jista' jcempilli u jghid lili f'wicci fil-kaz, mhux problema.*" Kien wara nofsinhar, xis-siegha waqt il-hin tal-break tieghu. Dehrlu li kellu jinforma lill-ispettur. Qal li ma ghandux rapporti ohra kontra s-Sur Dimech.

Spjega li dakinhar tal-hdax ta' Awissu kien mar id-Depot kienu fil-11 ta' filghodu, kif wasal laqah l-ispettur fejn qallu biex jistenna ghax is-Sur Dimech kien talab ghall-Avukat u kien qieghed jiprova jaghmel xi kuntatti mal-Avukat tieghu u jidhirlu li qallu li l-Avukat kien barra minn Malta kien qed jipprova jaqbad mieghu u stenna fir-reception. Ftit wara hareg is-Surgent u x-xhud dahal fl-ufficju tieghu u kien hemm is-Sur Dimech prezenti. Kien hemm is-Sur Dimech, l-ispettur u ma jafx jekk surgent ghax kien pajzan imma kien hemm surgent u pulizija iehor. Dan kienu l-hdax u kwart, il-hdax u nofs dak il-hinijiet kienu. Staqsieh biex jghidlu ezatt x'gara dakinhar tal-kaz, kien ghamel fl-istatement u dan fil-prezenza tas-Sur Dimech. Ftit

wara l-ispettur staqsieh biex jghid ukoll x'gara fil-kaz fejn avvicinah is-Sur Daniel Micallef. Qallu li ghalissa jista' jmur u telaq kif wasal Sa Maison rega cempillu biex jerga' jirritorna u qallu biex jaghtih cans ghax kien hemm it-traffic u rega mar u rega ghajjatlu. Ghadda ftit hin qabel ma kellmu. Spjega '*fejn ghidtli, staqsejtni fuq it-tender kif kienet ser tohrog, jekk hux persentagg. Jiena wegibtek fejn ghidtlek, "Isma', fi zmien is-segretarju ezekuttiv ta' qabel kienu qed jikkunsidraw li din tohrog by percentage imma ma hargitx by percentage, kienet harget biex bniedem jaghti quotation tieghu, kif fil-fatt gara. U inti infurmajtni ukoll illi kien qallek li jiena offrejtlu xi five thousand (~5,000), jidhirli fuq xi twenty-five thousand (~25,000). Jien mill-ewwel chadt, ovvjament ma kienx il-kaz, u jidhirli ghidtli biex nistenna barra nerga'. Dik kienet.*' Huwa baqgha hemm sal-hamsa neqsin kwart (4:45) jistenna fil-foyer. Spjega li '*l-persuna li qed ibaghti minnu dan il-kaz kollu huwa jien ghax ghadni bla impjieg ghal dawn is-seba' (7) xhur imma m'ghandi xejn xi nghid iktar, le, m'ghandi xejn xix nghid iktar. M'ghandix xi nghid iktar.*' Huwa kkonferma li qal dak in-nhar fl-istatement.

**Daniel Micallef** xehed fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li qal li xoghlu skrivan mal-kunsill lokali tas-Sliema u ilu hames (5) snin. L-imputat jafu bhala li kien is-Sindku ta' Ta' Sliema. Dwar meta baghat ghalih l-Ispettur, wiegeb li kien wassal messag. Kien qed jitkellem ma' Nikki Dimech l-imputat u hu jaf lil Nikki u anke lil Stephen Buhagiar. Ix-xhud kien id-dar u kien qieghed jitkellem fuq il-mobile kien filghaxija jahseb xil-5:00pm jista jkun li cempel Nikki. Jghid li ikunu fuq it-telefon fuq hafna affarijiet differenti. Spjega li '*Imbaghad konna qieghdin nitkellmu u qalli biex nghid lil dan Stephen Buhagiar biex hu tipo jwaqqa' il-, il-dak tieghu, il-kaz li hemm kontra tieghu, hu ma jaghmilx vuoldiri l-kaz li ghandu kontra Stephen.*' Mistoqsi kienx jaf li Stephen Buhagiar ghamel xi haga kontra s-Sur Dimech wiegeb imma ma jafx x'tip ta' affarijiet. Kien li hu ma jipprocedix kontra, qisu hadd ma jaghmel xejn kontra hadd. Ma jafx x'kellu vuoldri, fuqiex. Ma jafx fuqiex ezatt. Fuq li tisma' minn hawn u minn hemm. Nicholas Dimech ma semmilux, ma dahalx, qal li qallu "*ghid lil Stephen Buhagiar, ghid lil Stephen Buhagiar biex hu jwaqqa' il-kaz li hemm kontrija halli jiena ma ma nimxi kontra tieghu.*" Qatt ma dahal fuq l-affarijiet fil-fondi. Ma kienx jaf x'inhu l-kaz, issa llum il-gurnata jaf. Spjega '*meta mort inkellem lil Stephen, Stephen qalli, "tidholx fiha," qalli, "jekk trid ghidlu jcempillu hu." U , u waqaft hemmhekk.*' Biex iltaqa ma Stephen Buhagiar cempillu u ltaqghu tas-Sliema San Giljan, Balluta. Ma jafx id-data ezatt, is-Sur Buhagair qatalu fil-wasal '*Qalli, "tidholx*

*fiha."* *Qalli, "jekk trid ghid lil Nikki," vuoldiri nerga' immur nghid lil Nikki biex hu jcempel lilu; jikkuntattjah hu direttament. Qalli speci tidholx fih. Ghidtlu, cupp, u waqaft hemm.'* Hu cempel lil Nikki u *'ghidtlu, speci qieghed, em, cempillu inti jekk trid"* u qallu ok. Lit-tnejn li huma kien jafu, hbieb tieghu minn fuq ix-xoghol. Spicca qisu fin-nofs u ma kellux jidhol fin-nofs ghax imbghad kien kellmu l-ispettur qallu *"taf li gejt komplici int!"* Mistoqsi jekk saqsiex lill-imputat ghala inqeda bih biex jghaddi l-messagg wiegeb *'Promise! le, ma nafx! Jiena kont kont nghid hafna affarijiet vuoldiri, vuoldiri mhux nghid hafna affarijiet imma gieli kont speci ta' nkun qed inkellmu fuq hafna affarijiet vuoldiri ma kontx naf li se nidhol f' f' f din il-bicca ta-xohghol tal-lum hu.'* Ma kinitx parti minn xoghlu, hu biex speci jirrangaw.

In kontro-ezami qal li huwa skrivan. Issa jaf li Nikki Dimech gie arrestat imma dak iz-zmien ma kienx jaf. Meta kellmu kien ghadu sindku. Mistoqsi jekk il-kunsill kellhom hafna problemi ma' Stephen Buhagiar wiegeb li hu le, bhala kunsill iva. Mistoqsi x'problemi kienu qal *'Mhux li waqqfghulu t-tender?!"* Ma jafx ghala twaqqa t-tender. Hu customer care, ma jkunx jaf. Suggerit lilu mid-difiza li kellhom problema ghax waqt li kien jahdem mal-kunsill kien jaghmel zewg jobs ohra, wiegeb li ma ghandux idea fuqu. Ma jafx li waqt ix-xoghol kien jaghmel xoghol ta' xufier. Mistoqsi jekk jafx li kien hemm kaz iehor li kien pendenti u jekk il-kelma li uza l-imputat keienet *"kaz", "iwaqqa' il-"kaz"?"* qal li *'Il-kliem ezatt difficli tiftakru imma "il-kaz," jiena ghalija hadtha, vuoldiri meta hu kellimni jiena f'mohhi "kaz" dahal. Il-kelma "kaz dahal vuoldiri ma nafx issa ezatt. Qatt ma semmieli l-issues tieghu kontra Stepehen. Jiena, one, m'ghandix interess inkun nafhom...'* Spjega li *'Jiena ghalija hassejt qed naqdi s-sindku dakinhar. Issa jekk ghamilt xi haga hazina wara skoprejt li ghamilt xi haga hazina ghax vuoldiri dan u...'* Jghid li *'Ghax wassalt messagg li ma kellix inwassal speci.'* Qal li kienu ghajtulu d-depot u kkonferma li l-Ispettur Gafa' qallu li hu komplici, qallu li jista' jkun komplici meta kien quddiemu. Mistoqsi kemm ghadda zmien wiegeb li jekk ghaddiet xi gimgha. Mhux cert marx l-ghada filghodu, ma damx. Meta nduna ma baqa' ikellem lil hadd minnhom. Mistoqsi jekk jafx xi haga fuq il-kwistjoni tal-investigazzjoni mill-Awditur Generali fuq il-fairy lights, qal li le ma jafx lanqas ma jafx jekk hemm xi probemi mal-Awditur Generali fuq dak it-tender partikolari. Kien mar quddiem l-IAID l-Belt staqsewh xi mistoqsijiet fuq hafna affarijiet, fuq xoghlijiet li jaghmel il-Kunsill, xi tenders u hekk.

Mistoqsi x'kien xoghol Stephen Buhagiar fi hdan il-kunsill ta' Ta' Sliema qal li contracts manager. Dan kien ikun ta' spiss il-kunsill, jiccekja fejn hemm imkisser, dan ix-xoghol kien jaghtihulu wara complaints tan-nies. Ikkonferma li bhala contracts manager xoghlu kienu li jissorvelja l-ezekuzzjoni tat-tenders, ikkonferma li jekk se jsewwi bankina jew jirrangaw trid jew ibidlu sistema tal-iskart, jghid li dik tohrog by tender. Jekk hemm xi tabella mghawga kien imur u jara. Jiehu ritratt u jikkonfermalu li mghawwga hali mbaghad ix-xhud jordna wahda gdida. Kien ilu contracts manager sitt (6) xhur. Ma jafx jekk Stephen Buhagair kien ghadu contracts manager meta kellmu is-Sur Dimech u kien hemm it-telefonata tal-hamsa ta' filghaxija (5:00pm) .

**PS 474 Norbert Said** xehed fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qal li fil-hdax (11) ta' Awissu ghal habta tala-ghaxra u hamsa, fil-10:15, Nicholas Dimech li gharaf fl-awla attenda volontarjament fl-ufficju tal-Ispettur Angelo Gafa' biex jigi mitkellem rigward allegazzjonijiet li kien ghamel Stephen Buhagiar fil-konfront tieghu. Fl-ghaxra u hamsa (10:05) is-Sur Gafa' kien infurmah li jinsab taht arrest rigward allegazzjonijiet li kien ghamel Stephen Buhagiar fil-konfront tieghu u kien tah is-solita twissija li mhux obbligat li jwiegeb ghal kull domanda. Ghazel li jikkonsulta lil Dr Michael Sciirha. Huwa niezel mieghu fil-lock up u dam mill-ghaxra u ghoxrin (10:20) sal-hdax neqsin kwart (10:45) jiprova jikkuntattja lil Dr Sicirha ghax il-mobile kien mitfi, avza lil Ispettur Gafa' li ma setax jaghmel kuntatt mieghu. l-Ispettur Gafa' prova jaghmel kuntatt mieghu hu, ftit wara cempillu u qallu biex jaghmel kuntatt ma Dottor Sciriha ghax kien se jixghel il-mobile ghax kien imsiefer u kieku ried jista' ikellem lil Dr Ian Farrugia, is-Sur Dimech ghazel li jikkonsulta lil Dr Sciriha. Cempel u ghamel kuntatt ma' Dr Sciriha, kienu fil-hdax neqsin hamsa (10:55), it-telefonata damet madwar kwarta b'interval ta' minuta ghax ghal xi raguni inqaghet il-linja u mar mill-ewwel jerga' iqabbdu ma' Dr Sciriha. Rega inghata s-solitu twissija biex tibda l-interrogazzjoni u kien sar konfront bejn Stephen Buhagiar u Nicholas Dimech fejn is-Sur Buhagiar kien rega' ikkonferma li Nicholas Dimech kien talbu commission fuq il-paga li kellu jaqla fix-xahar. Fil-bidu qabel l-isqtqarrija kien ammetta li talab commision izda x'hin waslu ghal l-istqarrija bil-miktub, dawwar il-verzjoni u qal li kien Buhagiar li qallu li jekk jirbah it-tender kien lest li jtih hamest'elef ewro (€5000) fis-sena. Wara li spiccat l-istqarrija u l-

ispettur Gafa qallu li hemm bzonn ikompli jinvestiga, is-Sur Gafa' qallu biex jara l-conference rom kinitx available u kienet qed tintuza u kellhom bilfors jinzlu fil-lock up ghal habta tas-saghtejn u nofs (2:30). Kien hemm ufficjal tal-kustodja PS 318 Rogers fejn dan kien staqsih riedx javza lil xi hadd rigward l-arrest tieghu u jekk kienx jiehu xi forma ta' medicina. Ried javza lil kugin tieghu is-Sur Richard Hall u dak il-hin stess is-surgent Rogers ghamel kuntratt mas-Sur Hall fejn qallu li Nicholas Dimech jinsab maghha u jekk setax igiblu l-imhaler u xi valium. Qallu li se jiehu hsieb kollox hu, li kien se jgib il-medicina u ftit wara gab il-medicina u ghaddiha lis-Surgent Rogers. Ghal haba tat-tlieta u nofs (3:30) reghhu nizlu ghal Nicholas Dimech fil-lock up sabiex ttiehed it-tieghi stqarrija. Is-Sur Gafa' rega tah it-tfissija u x-xhud kellu l-l-inhaler ventoilin f'idejh u is-Sur Gafa' ofrielu jekk ried jiehu l-inhaler. Kien qallu li ma kellux bzonn inhaler u Gafa' staqsieh ukoll jekk kellux bzonn xi haga ohra u kkonferma li ma kellu bzonn xejn.

Bdiet l-istqarrija bil-miktub u kien ghazel li jiffirma l-istqarrija. Is-Supretendent Vassallo kien il-hin kollu diehel u hiereg jimmoniterja l-investigazzjoni. Gie mistqosi jekk kellux bzonn xi flus waqt l-istqarrija u ghala kien talab din il-commission minghand Buhagiar u is-Sur Dimech ghazel li ma jikkummentax. Jghid li mar jaghmel il-fotokopja wara li ffirmaw hu, is-Sur Gafa u s-Sur Dimech meta dahal lura Dimech kien qal li ghandu l-vizzju tad-droga u ghalih kien jonfoq madwar erbat'elef u hames mija (4,500) u hamest'elef (5000) fix-xahar. Is-Supretendent Vassallo kien offrielu jekk riedx jaghmel xi forma ta' ghajnuna, xi programm ta' riabitazzjoni u s-Sur Dimech ghazel li jsolvi din il-problema wahdu. Gie rilaxxat mill-Pulizija u fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwisu rega gie mitlub jattendi l-kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jigi mitkellem dwar zewg intervisti illi kien ghamel fuq zewg (2) gurnali lokali. din id-darba kien fl-erbgha ta' wara nofsinhar (4:00pm). L-assistent kummissarju Michael Cassar kien tah is-solita twissija li mhux obbligat li jwiegeb ghal kull domanda li ssirlu u dak li jghid jista' jingieb bi prova. Kien tah ukoll id-dritt tal-avukat imma din id-darba ghazel li ma jikkonsultax mal-Avukat. Ittiehdu l-istqarrijiet. Kien ikkonferma li fl-istqarijiet tal-hdax (11) ta' Awissu kien ghamel kuntatt ma' Dr Sciriha u kien ha l-parir legali u kien ikkonferma ukoll li ofrewlu l-inhaler u ghazel li ma jiehdux ghax ma kienx qed jafda lil Puliizja. Beza li dan l-inhaler kien jintuza kontra tieghu. Inqraw l-istqarrijiet u ghazel li jiffirma, imbagahd

iktar tard tressaq taht arrest quddiem il-Magistrat Dr. Apap Bologna. Huwa gharaf il-firem fuq l-istqarrijiet a fol 9 sa 13 u dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd. Huwa gharaf lil imputat fl-awla. Minkejja li mhux imnizzel bhala xhud tal-istqarrija huwa kien prezenti flimkien mal-Ispettur Angelo Gafa' fl-istqarrijiet tal-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn kien ghazel li ma jikkonsultax avukat. A fol 84 spjega li hija fejn jirregistra persuna l-lock up, u cioe' il-movimenti tal-persuna.

In kontro-ezami ikkonferma li kien prezenti anki ghall-istqarrija tal-hdax (11) ta' Awissu, zewg stqarrijiet. Qabel ma ttiehdet l-istqarrija bil-miktub, Dimech irrilaxxa stqarrija eerbalment fejn kien qal li kien ghamel l-offerta hu lil Stephen Buhagiar. Ikkonferma li fl-ewwel stqarrija bil-miktub biddel il-verzjoni u kien prezenti l-hin kollu matul l-ewwel stqarrija. Ma ghamillux referenza ghad-diskussjoni li kellhom veralment. Meta jsir kuntatt ma Avukat jiktbu fuq liema numru ikunu qabdu lil avukat u l-hin tat-telefonata. Jghaddu mdwar zewg minuti minn meta jitkellem is-Surgent u jghaddi ttelefonata. Kien hemm interval ta' madwar minuta.

In ri-ezami qal li Dr. Sciriha qallu li kien imsiefer u kien rega kkonferma ma' Nikki Dimech li Dr Scirha huwa msiefer u jekk ikellmux fuq it-telephone. Dam xi zewg minuti.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehdu l-Onor. Dr. Chris Said, Dr Paul Borg Olivier, Martin Bugelli, PS 474 Norbert Said, is-Supretendent Paul Vassallo, Rita Schembri, PS318 Francis Rogers, Svetlana Curmi, Althea Borg, Martin Micallef, Stephen Buhagiar riprotott u l-Assistent Kummissarju Michael Cassar. Gew prezentati numru ta' dokumenti minn uhud mix-xhieda. Skont dak li jirrizulta a fol 200, stante hsara teknika fil-mezzi talelettro-majetici li l-Qorti ma kellhiex kontroll fuqhom, id-deposizzjonijeit kollha tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ma gewx registrati fuq it-tape.

Id-difiza kienet ezentat lil prosekuzzjoni milli ttella lill-edituri tas-Sunday Times u l-Malta Today sabieix jikkonfermaw l-awtenticita' tad-dokumenti a fol 80 sa 83.

Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) l-**Onor Dr Chris Said** xehed li huwa segretarju parlamentari fl-ufficju tal-Prim ministru responsabbli mill-konsumatur, kompetizzjoni gusta, kunsilli lokali u konsultazzjoni pubblika. Xi zmien is-sena l-ohra jekk mhux sejjer zball talab li jkellmu Stephen Buhagiar u mbaghad

idderigieh lid-dritettr generali tad-dipartiment tall-Gvern Lokali, is-Sur Martin Bugelli biex ikun jista' jitkellem mieghu u jara hemmx bzonn li jittiehdu passi ulterjuri. Stephen Buhagair kelmu fuq kuntratt jew tip ta' kutnratt li kellu, ma dahlux fid-dettalji mill-ewwel qallu li se jirreferih. Kien kellmu fuq kuntratt li kellu mal-kunsill lokali tas-Sliema u li kien ser jigi terminat jew gie terminat skont hu minghajr raguni valida. Ma jafx il-perjodu ezatt imma kien l-ewwel nofs tas-sena li ghaddiet , jgifieri seba' (7) jew tmien (8) xhur ilu. Kien qed jallega li dan qed jigi tterminat specifikament mis-sindku ta' dak iz-zmien Nikki Dimech. Huwa ghaddieh lis-Sur Bugelli.

**Dr Paul Borg Olivier** xehed fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li ghandu l-kariga ta' segretarju generali tal-partit Nazzjonalista. Ghall-ewwel nofs tas-sena l-ohra jekk mhux sejjer zball ghal habta ta' April, Mejju jew Gunju kien talab li jitlaqa' mieghu is-Sur Stephen Buhagiar u ltaqghu wara xahar u nofs jew sitt gimghat. il-qofol tad-diskussjoni kienet dwar terminazzjoni tal-impjieg tieghu f'kuntrattt ta' servizz li hu kellu mal-kunsill lokali ta' Tas-Sliema u b'mod partikolari d-diskussjoni kienet tirrelata dwar dan it-terminazzjoni tal-impjieg fejn hu kien qieghed jallega li t-terminazzjoni ma kinitx wahda gusta. Qallu immedjatament li ghandu jfittex parir ta' avukat fl-istess waqt li jirrikorri wkoll id-dipartiment tal-kunsill lokali ghax ma kienx f'pozizzjoni li jaghtieh parir legali. Meta gie biex jitlaq '*hu kien ghamel kumment 'il ghaliex is-sindku jrid jisraq il-flus jew jiehu ma nafx il-kliem ezatt imma f'dan is-sens jrid jeihdu l-flus minn halq uliedi.*' Qallu li jekk ghandu allegazzjonijiet ohrajn ma jaghmilhomx lilu imma imur jaghmilhom lil pulizija. Fl-istess gurnata jew ftit wara kien gibed l-attenzjoni dwar dan l-isegretarju parlamentari u mbghad kien irrefera l-kaz biex jigi investigat mid-dipartiment tal-kunsilli lokali.

**Rita Schembri** xehdet fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qalet li hija direttur generali tal-internal audit and investigation. Peress li huma jaghmlu l-investigazzjonijiet, kull min jidhirlu li ghandu jghaddi investigazzjoni lilhom, jghaddiha. Dan ghamel hekk id-direttur generali Martin Bugelli fid-disgha (9) ta' Gunju fejn qal illi d-direttorat tieghu sab xi numru ta' irregolaritajiet fil-kunsill ta' Tas-Sliema u xtaq li huma jinvestigawhom. It-talba ghall-investigazzjonijiet saret minn ghand Martin Bugelli li huwa d-direttur generali fl-Ufficju tal-Prim Ministru li

ghandu x''ħjaqsam mal-informazzjoni, local government u konsultazjzoni pubblika. Mistoqsi jekk Stephen Buhagiar kellu xi involviment f'din l-investigazzjoni qalet li regghet rat ir-rapport u ma jissemma l-ebda Stephen Buhagiar. Ma kienx ir-remit ghax is-Sur Bugelli qalilhom x'ghandhom jinvestigaw. Ma kellhomx rapporti ohrajn. Bghatu ghal xhieda ohrajn imma Stephen Buhagiar '*ma fficerjax*' allura ma baghtux ghalih.

**PS 474 Norbert Said** xehed fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li gie mghajjat bix jixhed rigward dokument fejn jikkonferma li l-imputat ghazel li jikkonsula l-avukat u cempel u kellem lill avukat Dr Michael Sicirha. Spjega li hemm ktieb, registru fil-lock up tal-pulizija fejn inizlu dak li jkun il-hinijiet li jkun ikkonsulta u kellem avukat. Huwa prezenta fotokopja tal-pagna bhala Dok NS1 a fol 121. Kitibha hu u kien bejn il-10:55 u 11:10 li ikkonsulta ma Dr Michael Sciriha. Dak inhar inqatghet il-linja u kien hemm interval ta' minuta izda ma kienx nizzlu hemm. Kien irnexxielu jkellmu.

**PS 318 Francis Rogerts** xehdet fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn b'referenza ghal fol 48 ikkonferma li huwa registru tal-lock up tan-nies li jigu gol-lock up. F'parti minnu, hemm il-kitba tieghu. Il-kitba tieghu qieghda fis-sens li Nikki Dimech jiehu xi valiums kif ikkonferma ma tobba u xi movimenti li saru, ghax mhux fuqu gie rrgeistrat, mhux hu irregistrah. Fil-hdax (11) ta' Awwissu kien dahal xoghol ghal habta tas-siegha ta' wara nofs inhar (1:00pm) u kien hemm Nikki Dimech li kien qed jigi interrogat fuq u ghal habta tas-saghtejn u nofs (2:30) gabuh il-lock up minn fuq. Dan skont kif kellu mnizzel juza l-ventolin u staqsieh jiehux xi medikatura ohra u qal li jiehu xi valiums. Cempel qarib tieghu kif qallu hu biex igiblu l-medicina u l-valiums. Infatti gew ftit wara dawn u mar ghalihom hu. It-tfajla tieghu gabitlu l-ventolin u valium wahda. Dawn zammewhom huma ghar-raguni li fl-ebda hin ma talab li jiehu xi medicina, il-lock up dam siegha. L-agir kien normali. X'hin gie biex jerga jitla ghall-interrogazzjoni ghal habta ta' 3:30, l-inhaler tah lis-surgent 474 waqt li kien qieghed mieghu u qallu "*jekk jigi bzonnu, kemm taghtuwulu.*" Ma kellux talba ghal medicina fl-ebda hin u dam siegha fil-lock up. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla.

**Martin Bugelli** xehed fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li huwa direttur generali inkarigat minn informazzjoni, gvern lokali u

konsultazzjonni pubblika fl-ufficju tal-Prim Ministru. B'referenza ghal fol 79 qal li din hija email li kien bghatt lil kummissarju tal-pulizija f'Gunju tas-sena l-ohra. Kien qed jiffunzjona bhala agent diretur tal-Gvern Lokali, jigifieri dawn l-ahhar gimghatejn inhatar direttur u kien ircieva komunikazzjoni li xtaq ikellmu certu Stephen Buhagiar dwar xi haga li ghandha x'taqsam ma tas-Sliema u jahseb li kien deher fuq it-television u hass li ghandu jmur ikelmu. Gie quddiemu u beda jghid li kien contracts manager u f'fazi minnhom allega li kien hemm is-sindku precedenti ta' dak iz-zmien li kien talbu commission ax-xoghol. Qal li mhux kompitu tieghu li jinvestiga u hass li kellu jirreferieh lil pulizija. Qal li hija email ta' meta kiteb lil kummissarju tal-pulizija biex jghidlu dak li gara, x'qallu s-sur Buhagiar biex jara jgharafx biex ikompli jinvestiga.

B'referenza ghal Dok. MB 1 a fol 120 tal-process, qal li huwa id-dokument ta' meta talbuh li jghid il-kariga tieghu. Nicholas Dimech illum huwa kunsillier imma dak iz-zmien f'Gunju kien Sindku. Huwa kellu l-kariga ta' sindku fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009), gie elett, u ha l-gurament tal-kariga fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Qabel kien kunsillier. Dak id-dokument esebieh hu u ffirmah. Huwa gharaf lil imputat.

**Svetlana Curmi** xehdet fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qalet li ghandha l-kariga ta' Segretarja ezekuttiv fil-Kunsill lokali tas-Sliema minn Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Fl-ahhar seduta kienet prezntat dokument SC 1 sa SC 14 li jinsabu minn fol 123 et sequitur tal-process. Spjegat li dok SC1 huwa t-tender originali kif mahrug mill-kunsill lokali tas-Siema ghal sevrizz ta' contract management u kkongermat li awtentikat. Tghid li fl-independent hareg fit-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u fil-gazzetti l-ohra hareg fis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009), hareg fin-Nazzjoni, l-Orizzont u fit-Times. Skont ir-regoli taghhom suppost tohrog anke fil-gazzetta tal-gvern. Dak iz-zmien ma kelliex relazzjoni mal-kunsill lokali ta' Sliema. L-avvizi gew esebiti bhala Dok SC 15 komplessivamant. Dok SC 1 huwa t-tender dokument filwaqt li Dok SC 2 hija lista tal-offerenti ghal dak it-tender. Hemm lista ta' erba' (4) persuni, Philip Chircop, Stephen Buhagiar, MP & C u William Sciberras GTI, Zebbug. Dok SC33 hija lista tal-offerenti kif miftuha u ffirmati mis-segretarju ezekuttiv ta' dak iz-zmien. Dok SC4 hija l-applikazjoni ta' Stephen Buhagiar, Dok SC5 hija l-bid bond ta' Stephen

Buhagiar, Dok SC6 hija l-ittra mibghuta mill-kunsill ta' Sliema li qieghed jaccetta l-offerta tieghu. Dok SC7 hija l-garanzija li qed jaghmel is-sur Stephen Buhagiar. Dok SC8 huwa l-kuntratt iffirmat mill-kunsill lokali tas-Sliema mas-sur Stephen Buhagiar. Dok SC9 huma l-minuti tas-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Dok. SC10 huma l-minuti tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Dok SC1 hija l-ittra li ntbaghtet mill-kunsill lokali tas-Sliema lis-Sur Stephen Buhagiar fejn qed jinghad li qed jigi tterminat il-kuntratt tieghu. Dok SC 13 hija r-risposta li rcieva l-kunsill tas-Sliema minn ghand l-avukat tal-istess kunsill. Dok S14 hija l-ittra mibghuta lis-sur Philip Chircop li qieghed jigi moghti x-xoghol ta' contract manager. Ikkonfermat il-firma taghha fuq kull dokument u li hi ghamlet il-kopja taghhom. Gie ipprzentat Dok SC15 b'numu ta' dokumenti.

**Althea Borg** xehdet fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qalet li hija Assistant Principal il-Kunsill Lokali Sliema. Qabel dan kienet bejn Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) deputat segretarju ezekuttiv. B'referenza ghal Dok SC 10 a fol 185 et sequitur tal-process, ikkonfermat li l-minuti ttiehdu minnha. Ftit qabel is-seduta, irceviet telefonata minghand is-Sindku dak iz-zmien kien is-Sur Nikki Dimech biex jghid li kien ser jattendi tard u biex tibda tippresjjed l-laqgha l-vici sindku dak iz-zmien Dr Joanna Gonzi biex tibda tipprecedi hi l-laqgha. Qallilha wkoll biex nghid lilha taqbad mal-punt tal-contract manager jekk ma jergax jiggedded il-kuntratt tieghu peress li kien hemm il-perjodu tas-sitt (6) xhur prova kien wasal biex jiskadi. Ma kinitx fuq l-agenda. L-agenda kienet fil-pussess taghha bhala s-segretarja ezekuttiv ta' dak iz-zmien pero qalilha biex tqajjem il-punt u hi infurmat lil vici sindku ta' dak iz-zmien bil-kliem qabel bdiet il-laqgha. Dak inhar stess tkellmet fuq il-bord. Hija gharfet lill-imputat fl-awla.

**Martin Micallef** xehed fis-seduta tal-(4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li huwa mastrudaxxa mal-gvern. Kien jaghmel xoghol wara l-hin part time il-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema ghal tmien (8) snin izda ma ghadux hemm. Waqaf xi hames (5), sitt (6) jew disa' (9) xhur ilu. Lil Stephen Buhagiar jafu ghax kien jigi ma Mrs Arrigo l-kunsill. Huma hbieb. Kien jarah il-kunsill ghax kien jigi ghaliha, jiehodha id-dar u kienu jitkellmu. Wara baqa jarah ghax gie jahdem bhala contracts manager. Jafu anke bhala parocca. Ma kienx ikun hafna hdejh. Il-hin kien ikun ghal Mrs Arrigo u l-hin li

kien ikun hemm. Meta inbidlet il-legislatura u Ms Arrigo ma baqghet membru fil-kunsil sal-mument li nhatar contracts manager f'dak il-perjodu ma tantx baqa jarah ghax lanqas hu ma kien ikun hafna spiss hemm. Kien imur meta kien ikollu x-xoghol, gieli rah u gieli le.

**Stephen Buhagiar** rega xehed fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn gie muri Dok SC8 a fol 171 tal-process et sequitur u gharaf il-firma tieghu bhala t-tielet wahda. Qatt ma ghamel rapporti ohra fil-konfront as-Sur Dimech.

**Margaret De Battista** xehdet fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) li kkonfermat x-xhieda traskritta minnha minn folio 37 sa 78 tal-process.

Is-**Supretendent Paul Vassallo** xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kien xoghol fit-taqsima tieghu. L-Ispettur Gafa' gie infurmah li kellu ghalfejn jibghat ghal Nikki Dimech, is-Sur Nicholas Dimech li dak iz-zmien kien is-sindku ta' Tas-Sliema sabiex ikellmu dwar xi affarijiet li graw waqt l-ezercizzju tax-xoghol tas-sindku ta' dak il-lokali. Peress li l-persuna hija min hi, dahal diversi darbi ghand l-Ispettur Gafa biex jara li kollox kien miexi sew. Matul il-gurnata kollox mexa sew u f'xi hin wara nofs inhar dahal u sabhom qed jispiccaw l-ahhar statement, it-tieni statement jidhirlu li kien ittiehed wara nofs in nhar u beda jitkellem mas-Sur Dimech li stqarr maghhom ghax saqsewh kellux problemi u ammetta li kellu l-problema tad-droga. Mistoqsi x'jiehu ma riedx jghidilhom u staqsewh x'tip ta' piz finanzjarju ghandu minhabba din il-haga stqarr li kellu bzonn ta' madwar erbat'elef u nofs (4,500) fix-xahar ghal vizzju. Offrewlu li jqabduh ma xi hadd biex jibda forsi xi programm biex inehhi din il-problem minn fuqu pero' hu stqarr li kien dahal fiha wahdu u johrog minnha wahdu. Dwar it-tip ta' droga ma ghamel xejn hlief li mess imniehru, fis-sens li jiehodha minn imniehru. Dan gara fl-ufficju tas-Sur Gafa li gharaf fl-ghawla bhala l-imputat.

**PS 128 Joseph Farrugia** xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li l-Ispettur Angelo Gafa' ilu jokkupa din il-kariga mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004). Huwa prezenta kopja tal-white card. Din giet immarkata bhala Dok JF.

**PS 500 John Giusti** xehed fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn ikkonferma li stazzjonat il-lock up. B'referenza ghal Dok AG4 a fol 84 tal-process, qal li dan hu kopja tar-registru li jirregistraw id-detainees fih fis-CID lock up u hemm indikat l-arrest ta' Nikki Dimech fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Hu kien il-custody officer u l-investigating officer l-Ispettur Gafa'. Huwa gharaf lil imputat fl-awla. Spjega li meta jidhol persuna, meta jigu biex jirregistraw, jitolbuhom il-particulars u jistaqsuhom ibaghatux minn xi kundizzjoni medika fejn id-detainee is-Sur Dimech kien qallu li juza l-ventolin. Jistaqsu jixtiequx jinfurmaw lil familja fejn dan talabhom li javza lil tal-familja iktar tard u jistaqsiehom ghad-dritt tighu li jikkonsulta ma avukat u hu ghazel li jkellem lil Dr Michael Sciriha u dan kelmu mill-hdax neqsin hamsa (10:55) sa hdax u ghaxra (11:10) fil-prezenza ta' PS 474. Ma osserva xejn mhux fin-normal fil-kundizzjoni fisizika tieghu. Wasal il-lock up fl-10:15am bejn irregistrawh u ekk umbgahd fil-hdax neqsin hamsa (10:55) tellghu icempel l-avukat fejn ghamel sal-hdax u ghaxra (11:10) icempel u regghu nuzluh fil-kamra fic-cella. Pero fl-ghaxra u kwart (10:15) reggha tellghu biex ikellmu l-ufficjal prosekutur u hallih fejn kien ghadu investigations. Halla hand over li huwa kien qieghed ghand l-ispettur fl-ghaxra u kwart (10:15). Irregistrawh fl-10:15 fejn niezel l-ewwel darba l-lock up umbghad cempel lil Avukat u baqghu tilghin bih ghall-investigations fl-ufficju tal-ufficjal prosekutur. Ma kienx hemm meta rega niezel il-lock up. Niezel fis-saghtejn u nofs (2:30). Huma jibdlu s-shift fis-siegha u nofs (1:30). Ikkonferma li waqt li kien prezenti hu, fl-ebda hin ma kien arrestat goc-cella.

**Josef Grech** xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) li qal li jahdem bhala segretarju ezekuttiv il-kunsill lokali Marsaskala. Qabel kien segretarju tal-kunsill lokali ta' Ta Sliema u dan ghal tlett (3) snin, spicca fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Ikkonferma li fil-perjodu ta' Settembru 2009 kien segretarju ezekuttiv fil-kunsil lokali Sliema. B'referenza ghal dokumenti SC1 sa SC14 a fol 123 et sequitur, ikkonferma li nhargu fiz-zmien li kien segretarju ezekuttiv. L-ewwel kuntratt ta' contracts manager kien inhareg mil-kunsill lokali ta' ta' Sliema fi zmienu ghax qabel qatt ma kienu inhargu kuntratti ta' contracts manager. Ikkonferma li Dok SC 1 huwa t-tender kif hareg imbaghad hemm il-conditions of contracts, il-general conditons parti mit-tender. Dok SC2 tender schedule fejn gharaf il-firma tieghu. Dok SC3 hija procedura li suppost jaghmel kull

kunsill lokali, li jrid jaghmel li meta jkun hemm it-tender schedule jinforma il-pubbliku. Huwaharigha u gharaf il-firma tieghu. Dok SC 4 u Dok SC5 intbaghtet lil Kunsill u SC5 hija l-bidform. SC 6 hija l-letter of acceptance iffirmata minn naha tieghu li qeghdin jaccettaw il-kuntratt tieghu ghax ikun taghhom il-performance bond ukoll. Dok SC7 hija l-'performance bonus'. Dok SC8 huwa l-kuntratt fejn a fol 171 hemm il-firma tieghu, jigifieri l-firma tal-exeutive secretary. A fol 172 mhux il-firma tieghu. A fol 179 Dok SC9 huma l-minuti li l-originali jridu jkunu inizjalati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv. Ikkonferma li hemm l-inizjali tiehu. Jghid li huma minuti kif korretti mill-kunsill, minhabba li Nicolai Gauci ma kienx prezenti dak inhar u kien ifirmaw hdejha. Hu jaghraf il-firma tieghu izda mhux tas-Sindku.Huwa ma kienx ghadu jokkupa l-kariga ta' segretarju ezekuttiv fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Huwa gharaf il-firma tieghu fuq Dok SC15. li huwa l-payment voucher wara li jkunu baghtu l-avviz biex jidher f'dan il-kaz fil-Malta Independent.

Kienu gabu l-offerti biex jigu jidhru fil-gazzetti u l-gazzetta tal-gvern. Ikkonferma li l-imputat kien ghadu Sindku sa meta kien ghadu segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Sliema ix-xhud. Huwa gharaf lil-imputat fl-awla.

L-**Assistent Kummissarju Michael Cassar** xehed fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn b'referenza ghal fol 14 sa 19 ikkonferma li kien prezenti ghat-tehid taz-zewg stqarrijiet u li hemm dikjarazzjoni tal-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn l-imputat li gharaf fl-awla gie mwissi bis-solitu twissija li ma kienx obligat li jirrispondi ghad-domandi li kienu sejrin isirilu u li kellu dritt ghall-Avukat u li cahad dan id-drit. Xehed li hemm dikjarazzjoni a fol 14. Fl-istess gurnata wara dik ittiehdet stqarrija fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li qieghed a fol 15 sa 17 tal-process. Huwa kien prezenti u ghamel l-interrogazzjoni wkoll. L-imputat ghazel li jiffirma din l-istqarrija u fiha fuq kull pagna tal-istqarrija gharaf il-firma tieghu, tal-imputat u tal-ispettur Angelo Gafa'. Ftit tal-hin wara kien hemm kwistjoni ohra li ried jikjarafika li kien semma l-imputat u hass il-bzonn li tittiehed stqarrija ohra bil-miktub u ghalhekk bl-istess twissija u dikjarazzjoni li kien ghamel dwar id-dritt tal-Avukat fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu fl-istess ufficju tal-Ispettur Gafa' kien

irilaxxa stqarrija ohra li gharaf a fol 18 u 19 tal-process u li fiha zewg pagni u fuq kull pagna gharaf il-firma tighu, tal-imputat u tal-ispettur Angelo Gafa'.

**Valentina Rea** xehdet fl-istess seduta. Xehdet li hija l-gharusa tal-imputat. Ikkonfermat li fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) irceviet telefonata minn ghand Richard Halli li Nicky l-gharus taggha beda jaqta' nifsu u kellu bzonn xi inhaler u pinnoli. Dak il-hin bil-genn telqet tigri malajr fil-karozza u ma kellix cwievet tal-karozza u nizlet malajr l-ufficju ta' Nikky Dimech li huwa f'Ta' Xbiex. Gabet l-inhaler malajr minn hemm u fi kwarta ghoxrin (20) minuta kienet hemm u tathomlu. Kienet ghaddiet inhasler u xi pinnoli. Ghaddiethom lil tar-reception u mbaghad niezel pulizija u qaltlu '*Kun cert li taghtihomlu*' u qalilha '*All right.*' Ikkonfermat li dan id-diskors li kien qieghed jaqta' nifsu qalulha Richard Hall. Nikky Dimech cempel lil Richard Hall. Lilha cemplilha Richard Hall.

**Richard Hall** xehed fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li l-imputat huwa habib tieghu, ilu jafu ghal l-ahhar tlett snin u kien qed jifthu kumpanija tal-kartun. Qal li kien gie mitlub, saqsewh jekk Nicky Dimech ibaghtix minn xi kundizzjoni. Qallu li jahseb li jbaghti bl-asthma imma ma kienx mija fil-mija u cempel lil gharusa tieghu u kienet qed tistennieh hemm hekk. Ma huwiex membru tal-familja tal-imputat.

L-**Ispettur Jesmond J. Borg** xehed fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn qal li lejn l-ahhar ta' Jannar kien gie mitlub jassisti lil -ispettur Victor Aquilina fuq xi investigazzjonijiet li kien qieghed jaghmel minhabba li kellu diversi nies arrestati, evelantwalment lil Nicky Dimech li gharaf fl-awla kien kellmu hu u ghamlu zmien twil jitkellmu u kien hadlu statement anke fil-prezenza ta' Victor Aquilina. Huwa kien semmielu li fl-antik kellu problema tad-droga pero jekk mhux sejjer zball ghal habta tas-sena elfejn (2000) kien hemm xi habib tieghu li miet b'overdose u minn dak inhar kien waqaf jabbuza mid-droga. jekk mhux sejjer zball f'Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kellu xi problemi fil-kunsill u kien spicca maghluq ghalih wahdu u rega beda jabbuza mid-droga jigifieri minn Mejju tassena elfejn u ghaxra (2010) sal-ahhar ta' Jannar. Jiftakar ukoll li kien qallu li kienu ilu ghaxart'ijiem li rega waqaf u huma sabulu xi kuntatti li ghamel biex jipprova jxitri qalilhom "*kwazi, kwazi 'mn Alla qbadtuni ghax hekk ghalmenu ma xtrajtx u ha nibqa clean*". Dan kien fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfej u hdax (2011). Mill-

istqarrija irrizultalu li kien ilu ghaddek bil-vizzju tad-droga minn Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) minn mindu kellu problemi fil-kunsill.

**L-ispettur Victor Aquilina** xehed fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn b'referenza ghall-ahhar ta' Jannar 2011 qal li kien qieghed jinvestiga zewg persuna dwar droga, importazzjoni gewwa dawn il-gzejjer u matul l-investigazzjoni telgha n-numru ta' mobile immarkat bhala 'Sindk'. Irrizulta li kien Nicky Dimech li gharaf bhala l-imputat. Gabu search u arrest warrant u marru jarrestawh u ngab id-depot ghal iktar investigazzjoni. Peress li kellu nies ohra li qed jinvestiga, dak il-hin dahal fix-xena tal-investigazzjoni l-ispettur Jesmond J. Borg, beda jitkellem mieghu, beda jitkellem mal-indivwidi li kellu imbaghad kien lesta mill-parit tieghu u dahal ikompli mal-Ispettur Borg. Fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar ittiehditlu stqarrija wara li nghata s-solitu twissija fejn Nicky Dmech ammetta li kellu zmien li kien jiehu d-droga, kien waqaf ghal perjodu twil izda f'Mejju tas-sena ta' qabel jigifieri f'Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kellu problemi fil-kunsill u rega' waqa ghal vizzju tad-droga. Jekk mhux sejjer zmien kienet dorga kokaina.

L-**Ispettur Angelo Gafa** xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn ikkonferma li fuq il-kaz interroga lil imputat ghall-ewwel darba fil-hdax (11) ta' Awissu. Kien gie minn jeddu d-Depot mhux b'arrest. Ma jiftakrx ezatt x'qallu meta baghat ghalih izda it-tkeccija ta' Stephen Buhagair ma kinitx il-mertu tal-investigazzjoni. Ma jiftakarx ezatt x'qallu izda dwar allegazzjonijiet li kien qed jaghmel fil-konfront tieghu Stephen Buhagiar. Qabel l-investigazjzoni lil imputat rah darba, la jaf Marzu ta' dik is-sena stess jew ta' qabel, kienet l-elezzjoni tal-MEPS u l-kunsilli Lokali. Dak in-nhar l-ewwel darba li kellmu, kien waqfu u kien ferah lill-ufficjal prosekutur tax-xoghol li kien qed jaghmel rigward il-kazijiet ta' korruzzjoni fil-football u kienet l-ewwel u l-unika darba li kelmu. Tkelmu fuq il-football ghax dak iz-zmien kien involut fil-club ta' Tas-Sliema. Kienet ghaddiet sena u nofs u qatt ma ltaqghy iktar. Meta rah kien ghaddej f'kurutur fis-sala tal-ghadd tal-voti ghax kien qed jaghmel xoghol fis-sala tal-ghadd tal-voti. Huwa eskluda li laqghu bil-kliem '*ghidtli l-verita, jien naf kollox fuqek. Jekk tigdeb il-karriera professjonali tieghek tispicca. Inti l-karriera politika tieghek diga spiccat.*' Lil Avukat Dr Michael Sciriha ghazlu l-imputat. Prova jikkomunika mieghu PS 474 Norbert Said li xehed, akkumpanja lil imputat gewwa l-lock up minn fejn isiru t-

telefonati. Qatt ma asissta lil xi hadd biex inizzlu l-lock up. Lil Dr Sciriha ma kellmuhx hu. Kull ma qal lil imputat dwar xiex kien qed jigi investigat u ma jafx x'qal lil avukat tieghu. Ma tax struzzjonijeit lil xi hadd biex lil Dr Sciriha jghidulu fuq xhiex inhi t-telefonata, fuq xiex qed jigi invsestigat Nikki Dimech. Jinforma lil persuna li tkun qed tigi investiga u jhalli f'idejn il-persuna li jkun talab l-asisstenza biex javza lil avukat taghhom. Ma jidhirlux li ta' struzzjoniiet lis-surgent 474 biex jghid lil avukat dwar xiex kien qed jigi investigat. Ikkonferma li kienet waqghet il-linja waqt it-telefonata mal-avukat u kien rega qabbdu. Ghalkemm skont il-ligi seta jittardja li ssir it-telefonata mal-avukat pero ma hass l-ebda rgaun li jaghmel dan u tah il-*go ahead* biex jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu. Ma jidhirlux li l-imputat waqt li kien mal-Avukat, li l-Avukat talab ghal iktar informazzjoni biex ikun jista jaghti parir. Jghid li jekk gara hekk zgur li ma tahx ghax mhux obligat bil-ligi. Innega li qal lil-imputat li ha jaghmel show bih quddiem il-press. Jghid li s-Sur Dimech kien gideb.

Jinnega li semmielu Magistrat partikolari u dwar meta jitressaq. Il-Magistrati ma jaghzilhomx hu, id-decizjonijiet ma jaghtihomx hu, id-diskors suggeriet lilu qatt ma qalu. Jghid li wara dak inhar l-imputat gie rilaxxat ghax il-hsieb tieghu kien li jitressaq il-Qorti b'citazzjoni imbaghad wara inqalghu l-affarijiet u ressqu b'arrest. Qatt ma qal id-diskors dwar il-press u lanqas tal-Magistrati. Jghid li fic-cella ma nizilx. Mistoqsi ghar-raguni biex nizlu isfel u zammu arrestat wara l-ewwel statement, jghid li ghamillu konfront max-xhud principali f'din il-kawza Stephen Buhagiar u mill-memorja jekk jiftakar sew, kien f'dak l-istadju fejn hu bghatt ghal Stephen Buhagair biex jattendi gewwa l-ufficju tieghu biex ghamel konfront mal-imputat u minn li jiftakar kien ghalhekk li hass il-htiega li jnizzluh il-lock up. Ghal bidu ma kienx nizluh fil-lock up, zammewh go kamra li jsejhulha l-conference room fejn jorganizaw meetings fiha hdejn l-ufficini taghhom pero' jiftakar li mbaghad kien hemm il-bzonn li tintuza dik il-kamra. Jghid li l-lock up ma jaghmel xejn biex persuna jibdel il-verzjoni tieghu. Jekk jiftakar sew kien qed jistenna lil Stephen Buhagiar jigi minn fejn kien, biex isir il-konfront. Qal li sa ma anke kien qed ikellem lis-Sur Buhagiar biex jaghmel cert minn dak li kien ga qal lil pulizija, ir-rapport tieghu, l-imputat kien qieghed arrestat. Ikkonferma li irrilaxxah wara t-tieni verzjoni tieghu li kienet taqbel ma dak li qal Stephen Buhagiar. Jghid li rari jressaq nies

b'arrets u l-hsieb tieghu kien li ressqu b'citazzjoni. Ressqu b'arrest anke wara li kien hemm l-allegazzjonijiet dwaru u fuq sturrzzjonijiet tas-superjuri tieghu ressqu b'arrest. Kellu struzzjonijiet li '*that was an arresstable offence*' u li setgha jressqu b'arrest u dawkk kienu l-istruzzjonijiet u hekk ghamel. Jghid li kull ufficjal investigattiv jekk ihoss il-htiega li jressaq in-nies il-Qorti jsir hemm hekk ufficjal prosekutur, kull wiehed minnhom ghandhom il-fakulta li jiddeciedi ghalih innifsu. Jghid li fl-esperjenza tieghu meta ressaq b'citazzjoni ghandu aktar hin jifformula l-akkuzi, gahndu aktar hin igib id-dokumenti relatati mal-atti fosthom estratt mill-att tatt-twelid, il-fedina penali u jekk hemm il-htiega igib id-decizjonijiet tal-Qorti jekk l-imputat ikun recediv. Il-maggor parti tal-kazijiet iressaq b'citazzjon ghaxiex hemm inaqqas milli jiehu l-izbalji. Mistoqsi ghala ressqu b'urgenza u fetah il-Qorti bil-lejl, wiegeb li sa dak iz-zmien l-imputat kien qed jaghmel hafna allegazzjonijiet fosthom rigward lock up, allura ghamel l-almu tieghu dak inhar li l-imputat ma jaghmilx lejl ghal xejn il-lock up jistenna l-Magistrat tal-ghada jiftah il-Qorti u allura talab li jekk seta' il-Magistrat tal-Ghassa jekk jiftakar sew Apap BBologna fehmu r-raguni ghaxliex kien hemm hekk l-mument li ghalaq l-investigazzjoni, ma kienx hemm htiega li jerga jinterroga lill imputat u l-hin il-lcok up kien qed ikun zejjed, kien qed ikun hin li semplicment qed jistennew lil Magistrat jisma' l-prezentata. Wara li fehmu c-cirkostanzi kollha tal-kaz kien ghazel li f'xi hin tinfetah il-Qorti, kien laqa' t-talba tal-pulizija sabiex l-imputat jitressaq dak inhar. Innega li l-urgenza u l-arrest gew decizi minnu jew mis-superjuri tieghu abbazi taz-zewg intervisti f'gazzetta lokali. Kellu wkoll struzzjonijiet li kemm jista' jkun l-imputat ma jqattax hin zejjed ghal xejn arrestat. Jghid li mhux struzzjonijiet izda konsultazzjonijiet li kellu mas-superjuri tieghu fejn gie deciz li jitressaq b'arrest. Gie mressaq fit-totalita' tal-kaz kollu. L-intervisti kienu l-mertu tat-tieni investigazzjoni. Spjega li la deskrizzjonali kif jitressaq ma ghandux ghalfejn jaghti r-raguni. Jghid li kull ufficjal pubbliku li jabbuza mill-kapacita', mill-ufficju li taghtieh is-socjeta huwa ghalih theddida ghas-socjeta. Jghid li kien anke rcieva emails minghand l-imputat fis-siegha ta' filghodu, twal ma jispiccaw qatt. Jibghathom lilu, jikkupjahom lil Kummissarju tal-pulizija fejn qed heddu li ha jzomm lilu responsabbli personalment mhux lil kopr. Ma jiftakarx kemm il-darba arrestah ghax jekk jiftakar sew investigah dwar zewg kazijiet ohra fejn f'xi darba inghata l-police bail. Jista' jkun li hadlu hdax (11) il-statement lis-Sur Dimech. Jghid li qal li huwa mqabbad personalment mieghu. L-ebda investigazzjoni

fil-konfront tal-imputat ma ghazel hu li jaghmilha, dejjem gie delegat li jinvestiga hu. Jghid li meta l-imputat allega li xi hadd iffalsifikalu firma u bghat ghalih biex jaghtih il-verzjoni tieghu, qal li mqabbad mieghu anke jekk kien fil-parti ta' vittma. Cahad li ghandhom struzzjonijiet minn fuq biex il-kazijiet kollha ta' Nikki Dimmech jinvestigahom hu. Qal li ma jistax jeskludi li investigawh tad-drogi. Qal li fejn kien hemm hu involut, fl-ebda kaz ma ddecieda hu minn jeddu li jinvestigah. Jekk is-superjuri jiddeciedu li jinvestigah hu ma ghandux l-ebda problema li jaghmel dan. Jghid li f'kaz minnhom kellhom rapport kontra s-sur Dimech, jghid li lanqas baghat ghalih, lanqas kien hemm kaz kriminali. Ma jibghatx ghalieh ghal xejn. Wara li hadu parir minghand l-Avukat Generali ikkonfermaw li ma hemmx kaz. Dwar il-kaz ta' droga jista' jkun li inbeda fuq informazzjoni li kien soggett ghalih waqt l-investigazzjoni tieghu u setgha jghaddiha lid-drug squad. Jghid li kien hemm investigazzjoni ohra li haditlu naqra zmien mhux hazin, il-kunsill lokali ta' Sliema wara tressqu nies ukoll, l-imputat ghadu ma tressaqx pero' ha jittiehdu proceduri wkoll kontrieh. Dwar l-ittra li qal li kienet ffalsifikat, jghid li kien l-allegat vittma izda jiftakar li ma riedx jikkopera mal-investigazzjoni. Kien talab li ma jinvestigax hu ghax meta jara li l-allegat vittma ma bediex jikkopera mal-ufficjal investigattiv ghal ragunijiet li dehrlu li setgha kellu xi haga personali fil-konfront tieghu, hass li l-imputat bhala l-allegat vittma ma kienx komdu bih bhala ufficjal investigattiv u kien talab li l-kaz jigi assenjat lil haddiehro.

Dwar korruzzjoni fil-football jghid li s-Sur Dimech ghamel xi zewg allegazzjonijiet pero ma invesigahx. Kien talab li jiltaqghu barra u ltaqghu go stabbiliment ghax ghamel zmien l-imputat kien '*jiddilja mieghi b'mod differenti*'. Ma jafx jekk kienx qabel l-investigazzjoni li kellu tal-kunsll lokali tas-Sliema. Kien talab li jkellem lill-assistent kummissarju Michael Cassar u hekk ghamel. L-Assistent Kummissarju Michael Cassar kien cempillu quddiemu fl-ufficju tieghu jew cempillu l-ufficjal prosekutur, ma jftakarx, pero' ghal xi raguni jew ohra qatt ma gie. Kien qed jitlob li l-allegazzjonijiet li kien qed jghaddi jinvestigahom l-ufficjal prosekutur. Jekk jiftakar sew l-imputat qatt ma gie jghaddi l-informazzjoni allura qatt ma tqabbad jinvestiga l-allegazzjonijiet. Ma jafx hemmx investigazzjoni. Kien semma lil Onor Robert Arrigo li qal kien imexxi l-club ta' Tas-Sliema u persuna bil-laqam 'il-Vicc'. Dawn it-tnejn kien semma.

**Stephen Buhagiar** xehed in kontro-ezami fl-istess seduta. Ikkonferma li kien irraporta dan il-fatt f'Awwisu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Ikkonferma li kien inghata tender sabiex jissorvelja l-kuntratt u li kien moghti sitt (6) xhur probational period. Ikkonferma li parti mix-xoghol tieghu kien li fejn ghandu kuntratturi mhux qed jahdmu, johrog notices biex jgharrafhom. Wahda hareg f'dawn is-sitt (6) xhur lis-Sur Joe Vella ta' Veljoe cleansing. Mistoqsi jekk qabel ma nghata dan il-kuntratt, kellux xi garanzija li l-kutnratt ser jinghata lilu, wiegeb '*Le, xejn affattu.*' Ikkonferma li kien parti minn process ta' ghazla. Ikkonferma li waqt li kien qieghed jaghmel dan il-process ta' ghazla kien ikun ta' spiss il-kunsill. Kienu hbieb hu u s-Sindku u kien ikun l-ufficju tal-kunsill kwazi kuljum. Mistoqsi '*inti fil-kors tax-xhieda tieghek tghid illi f'konvesazzjoni partikolari, l-akkuzat lilek uza dawn il-kliem: inti kemm lest li taghti commission? Ten (10) jew five (5)?*' wiegeb '*Ezatt*'. Dak inhar ma rraporta xejn jghid '*Le, ovvjament li le*' u lanqas ma tkellem ma xi hadd dwarha. Ikkonferma li kien wara li l-kuntratt tieghu gie terminat li dehrlu li kellu jqajjem dan il-punt. Ikkonferma li d-diskors sar qabel ma gie awarded it-tender u huwa kien parti mill-process u ma kellu l-ebda garanzija li ser jinghata l-kuntratt. Mistoqsi '*imma allura fejn int issa ghandek suppost dan is-suspett li l-process huwa imcappas, inti dak inhar ma tghid xejn?*' wiegeb li '*Ma nghid xejn ghax issemmiet darba u ghalija ma baqghetx issemmiet u hallejtha ghaddejjha. Jien hekk deherli dak inhar.*' Ma kellux hsieb li l-process mhux nadif. Jidhirlu li wara dan id-diskors baqa l-ufficju tal-kunsill. Kien lejn l-ahhar ta' Awissu jidhirlu, id-data ma jiftakariex u kien wara nofs inhar. Ma jihirlxux li dam l-ufficju, ikun ftit hemm u jitlaq u jerga' jigi. Ma jiftakarx fejn mar wara, xejn partikolari. Kienet l-ewwel darba li applika ghal xi tender u xi hadd gie jitolbu commission. Kien waqaf mix-xoghol tieghu ta' driver ma' Robert Arrigo. Meta ntqal dan il-kliem kien bla xoghol u kkonferma li kien herqan li t-tender ikun tender nadif u jekk haqqu jiehu jiehdu. Huwa ma agixxiex, ma jidhirlux li kien qed jappplika ghal x'imkien iehor. It-tende rkien ifisser ghalih. Ma agixxiex ghax kienet diskusata qasira hafna. Jghid li '*Mhux ma hadtiex bis-serjeta imma ma tajtiex weight, ha nghidu hekk.*' Spjega li '*Mhux kienet irrelevanti, imma dak il-hin, kif intqalet, kif kienet id-diskursata, speci ntqalet u daqshekk. Kienet kaz maghluq.*' Ikkonferma li hadd u lanqas Nikki Dimech qatt ma rega' ghamillu accen ghal din il-haga. Cahad li waqt li kien qieghed jaghmel ix-xoghol kien hemm ilmenti fuq il-mod kif kien qieghed jaffetwa il-kuntratt. Ma kienx hemm la bil-miktub u lanqas verbalment. Ikkonferma li gheluq is-sitt xhur kwazi,

ittiehdet id-decizjoni li jitwaqqaf il-kuntratt. Ikkonferma li ttiehed vot fil-kunsill u li sussegwentement ittiehdet decizjoni li dan il-kuntratt jinghata lis-second bidder Philip Chircop. Ikkonferma li hu kien irreagixxa u rrabja li twaqqaf dan. Ikkonferma li ma Pawlu Borg Oliveri, Chris Said u Martin Bugelli maghhom ilmenta li kien twaqqaf il-kuntratt. Mistoqsi '*Mela allura hlomt b'din il-kwistjoni tal-kummissjoni jew ahjar . . .*' wiegeb '*Le ma hlomtiex, hija rejalta.*' Xehed li l-kuntratt kien mahsub li jitwaqqaf minn meta inghata, kien mahsub li jitwaqqaf, li ghalhekk saret il-klawsola. Jghid li meta gie draftjat il-kuntratt, is-sur Bobby Cali u Martin Debono riedu jaghmlu klawsola f'dan il-kuntratt tal-probation, jghid ''*il ghaliex wara s-sitt (6) xhur il-kuntratt inaghta lil certu Philip Chrichop kif ghadek kif semmejt inti li s-sur Cali f'laqgha tal-kunill, jekk gahndek il-minuti ghandek tkun taf ahjar minn meta inaghta l-kuntratt lili, pprefera lis-sur Philip Chrocopp ghax kien habib personali tieghu. Well and good. No problem.*' Xehed lli '*Allura nssista li jaghmel dik il-klawsola biex gheluq is-sitt (6) xhur - hija t-tejorija tieghi ta' jigifieri.*' Jghid li gheluq is-sitt xhur, jittermina l-kuntratt biex jinghata lis-sur Chrichop kif fil-fatt gara.' Ikkonferma li l-commission mhux Cali talabulu, lanqas Debono skont hu, izda Dimech. Ikkonferma li l-kwistjoni tal-kummissjoni semmieha biss l-ewwel darba meta mar jilmenta ghax waqfulu l-kuntratt u qatt ma tkellem xejn fuqha. Ma marx jistaqsi lis-Sur Philip Chircop talbux kummissjoni lilu. Lis-Sur Philip Chrichop ftit kellmu minn dak iz-zmien 'l hawn, qatt ma semmielu l-affarijiet. Mistoqsi jekk ittiehdu proceduri fil-konfront tieghu ghax ma jassalta, jhebb u juza vjolenza fizika fuq Debono u Cali wiegeb li ghadhom sub-judice dawk. Mistoqsi jekk meta sehh dan l-incident, il-kliem li huwa qal kienu fis-sens illi '*issa tasal taghkom u dana b'konsegwenza tal-fatt li vvutajtu favur it-terminazzjoni tal-kuntratt.*' u mistoqsi kienx hemm dak il-kliem wiegeb '*Iva, ehe, kien hemm dak il-kliem ghax jiena f'mohhi keli li nirraputah il-kaz. Dan kien jumejn wara li gie tterminat il-kuntratt tieghi. Sewwa?*' Qal li ''*You will regret it ghidtilhom jiena biss.*' Mhux issa tasal taghkom qal. Ma qalx diskors bhal li '*nibqa sakemm noqtlok bil-guh.*'

**Sandra Camilleri** xehdet fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ikkonfermat li kienet kunsilleria fil-kunsill tas-Sliema. Dan kien mill-elfejn u disgha (2009) sa gimghatejn qabel ix-xhieda taghha. Ikkonfermat li tafu lil Stephen Buhagiar bhala haddiem ma Robert Arrigo, kienet habib tieghu, imbaghad kienet kunsilliera u dahal jahdem maghhom il-kunsill. Ix-xoghol tieghu kien bhala project manager fil-kunsill, kienu applikaw u l-kunsill approva lilu biex

jiehu x-xoghol tal-kunsill. Ikkonferma li taf lill-imputat bhala li kien is-sidku taghha. Ikkonferma li kienet tkelmet ma' Stephen Buhagiar, xehdet li '*Jien hadt ghalija meta rajt li kitbu fuq il-gazzetti fuq Nikki Dimech u cempiltlu ghax kien habib tieghi s-Sindku u l-Kunsilliera kollha hbieb tieghi.*' B'referenza ghal li hadu lil imputat id-Depot. Tghid li cemplitlu u staqsietu ghaliex qieghed jaghmel hekk u '*Qalli tlfit ix-xoghol. Ghdiltu: allura ma nistghux noqghodu fuq mejda u niddiskutu, ghidtlu hemm bzonn taghmel dan. Qalli: ghax jien irrid inpattiehielu.*' Tghid li hadet ghaliha ghax hi tiprova tirranga l-affarijiet riedet mhux ikompli jaghmlu l-problemi lil kunsill.

In kontro-ezami qalet li dawn l-affarijiet qalhomla Stephen Buhagiar fuq it-telephone. Ikkonfermat li kien hemm sejha ghall-offerti u li kien l-ahjar wiehed Ikkonfermat li l-maggiorita tal-kunsill kien iddecieda.

**Stephen Buhagiar** rega xehed fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012). Huwa kkonferma li sa certu punt meta saret l-offerta, din il-prosposta, hass sens ta' inngustizzja, ta' unfairness fiha imma li '*mhux li tajt daqshekk kas imma sa certu punt iva.*'

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) kienet sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien hassret u annullat is-sentenza tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u baghtet l-atti lil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

L-imputat **Nicholas sive Nikki Dimech** kien ghazel li jixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta diversament mill-Qorti li kienet taghat l-ewwel decizjoni u li kienet sussegwentent giet imhassra u annullata. Huwa xehed fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017). Xehed li kien jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' tas-Sliema u kellu x-xoghol ta' awditur apparti l-kariga ta' Sindku. Huwa kien kwalifikat bhala accountant u awditur, kellu d-ditta tieghu u xi erbgha u ghoxrin (24) ruh jahdmu mieghu. Il-persuna li heggu hafna biex johrog fil-politika kien l-Hon. Robert Arrigo bhala kunsillier imbaghad bhala Sindku u bazikment illi bil-voti tieghu ghenu hafna. Kellu relazzjoni ecccellenti u tela' sindku. Qal li ma' Robert Arrigo kien hemm il-

ftehim li hu jaghmel darbtejn bhala Sindku, two (2) terms mil-09 sat-13 mit-13 sa 17 imbaghad johrog ghall-elezzjoni generali. Apparti li l-imputat ghenu hafna fil-kampanja elettorali tieghu fl-elfejn u tmienja (2008) bil-pressure li kien jaghmilu, '*trid iddahhali li dak, trid taghmilli hekk, tefa' hafna qarnit dawn in-nies li hu xtaq jehles minnhom tefaghhom fuqi*'. Jghid li wiehed minnhom Stephen Buhagiar li jghidulu t-Tipo ghax ibiddel il-personalitajiet kemm irid. Xehed li dan milli jidher kien imwieghed li malli jitla Sidku, imwiehed minn Marina u Robert skont li qallu s-segretajru ezekuttiv Josef Grech li hu kien ha jiehu tender, minghaliha li jiehu direct position bhala contracts manager fil-kunsill ta' tas-Sliema. Jghid li '*minghajr jien ma kont naf dawn l-affarijiet li saru minn wara dahri, ghalhekk bdejt imbaghad nitbieghed minn Arrigo u bazikament na kien imwieghed li ha jiehu 2% fuq il-valur kollu tal-kuntratt li hu jkun ha . . .*' Spjega li kuntratti per ezempju jiccekja x'zibel ingabar, biex jara jekk hux il-lines li gew mizbughin tal-parking sarux. Xehed li dan kien post zejjed ghalih. Mistoqsi '*Jigifieri hu kien imwieghed qed tghid 2% fuq il-valur taghhom?*' wiegeb '*Ezatti.*' jghid li bhala hlas lilu. Jghid li jahseb li lanqas kellu tlett (3) sigehat, erba' (4) sieghat biex jaghmel dawn kuljum u kkaklukah ghal hamsa u ghoxrin elf (25,000). Mistoqsi jekk gie ghandu, wiegeb li '*Le mhux darba gie, li kieku ghamilha bil-kontra kien jistokkjani ghax stoker nista nghidlu ghax kienjigi kulljum l-ufficju tieghi personali Ta' Xbiex idoqq l-qampiena u jghidli dak it-tender huwa tieghi, dak il-post huwa tieghu...*' Xehed li 'kien hemm zewg (2) ostakoli li jiena sirt naf li kelli nissupera, wahda li nghidlu li m' hemmx post dirett ghalih u two li l-Kunsill qatt ma kien ha jaghti persentagg, qatt ma hu allowed fil-ligijiet tal-Kunsill li tati persentagg. U dan il-persentagg kien ha jigi iktar mis-salarju tas-Segretarju Esekuttiv. Apparti minn dak, hu dak iz-zmien kien jahdem ma Robert Arrigo bhala driver u gie terminat ufficjalment minn ma l-ETC fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Issa f' hames (5) darbiet li gie ghandu jghid dak iz-zmien dan Stephen Buhagiar '*ghidtlu tirrizenjax mill-pozizzjoni tieghek ghax il-post mhuwiex tieghek. Hu kien jigini fis-sebgha (7:00) ta' bil-lejl kienu ikolli l-klieneti dak z-zmien jigu ghandu ghax kont naghmel sa l-erbgha (4:00) il-Kunsill u wara nidhol ix-xoghol, hu kien gie dak il-hin, hazda. Hu qalli : Le all right. Imbaghad kien gie jibki ghandi qalli : Isma ghax jien issa sirt naf Robert x' inhu, qalli : jiena kullma ghandi tmien mitt (800) Euro paga, li kienet gidba tmien mitt (800) uro x'kien jifdallu*' minn elf u tliet mija mill-paga ta' Robert bhala driver. Spjega li qal li dan il-post kien ga mwiegehed lilu , qallu '*Jiena skuzani ma nista naghmel xejn. Fl-ahhar*

*gurnata fejn eskala kollox u tant kemm ma stajtx niehdu iktar, ghax dan kien bniedem jigifieri ta' theddid fhimt, jigifieri mhux a person who can understand these things, jiena bazimanent hu kien qalli : Isma anke jekk jaghtik hamest elef (5,000). Ghidtlu : Steve din hija haga mpossibli. U hu baqa' jghid, ghidtli : Anka jekk jaghtihomli imma mpossibli. Hareg mill-ufficju tieghi sabbat il-bieb bin-nervi u telaq l-hemm.'*

Dwar il-karattru ta' Stephen Buhagiar, qal li '*pprova jaqbad jaghti lil Perit Martin Debono u waqqaftu jien u kien hemm kawza taht Audrey Demicoli imma peress li konna taht in-Nazzjonalisti tilifha Martin. Lil wiehed xih Bobby Cali heddi bil-kliem, iehor xih Edward Cuschieri heddu bil-kliem, imbaghad lili gie jghidli li jrid ipattihieli u li ried igibni niekol mitt (100) Euro fil-gimgha.*' Ikkonferma li jafha lil Sandra Camilleri. Gie mur artikolu li nhareg f'gazzetta lokali u wiegeb li dan l-arikolu jghid li Steve kien cemplilha l-gurnata ta' qabel li mar jaghmel dan ir-rapport u qal '*Irrid inpattihielu*' , b'referenza ghalih. Sandra Camilleri kienet kunsilliera u kienet l-unika wahda li vvutat favorih biex jibqa gol-kunsill. Xehed li '*U qaltlu: Ghaliex trid tpattihielu? Ghax qalilha : Dan bilfors irid jerga jdahhalni fil-Kunsill.*' Dan gie esebit bhala Dok NDX.

Ikkonferma li kien hemm mument li dan ma baqax jaghti servizz lil kunsill. Wara li kellu go mohhu li kien se jaqla hamsa u ghoxrin elf (25,000), baqa' driver ta' Robert Arrigo, jaghmel ix-xoghol ghax it-tender rebaha hu fl-ahhar bil-vot hadha. Kien l-orhos b'erba' mitt (400) ewro, hadha erbatax il-elf (14,000). L-imputat ivota ghaliha, il-kunsill ovjament, fil-kunsill generali. Jghid li ma setax ihalli li jsir direct order kif ried Robert imma kien l-orhos. Minghalih giet '*five (5), four (4), two (2).*' Dan it-tender dam jopera hames (5) xhur u tliet gimghat iz-zmien tal-probation, kien avzah tlett (3) darbiet '*ghidtlu : Steve inti ghadek qed twassal lil Robert l-hemm u l-hawn u dawn in-nies li ma hadux it-tender hadulek ritratti. Spjegatlu bhala habib, qalli : Le mhux vera. Tant ma kienx qed jaghmel xogholu li dan lanqas qatt biss dahhal rapport wiehed li suppost kellu jaghmel bhala x-xoghol tieghu, x'sab u ma sabx nieqes.*' Qatt ma dahhal default notices, sar jaf li kien qed jahdem bhala maintenance taht vat number ta' haddiehor wara li nqala dan kollu. Tlett (3) sources of income fi tmien (8) sieghat. Dwar jekk ittellax il-kunsill dwar dawn il-fatti, wiegeb li ma setghax ikun prezenti ghax ghamluha l-ewwel item fuq l-agenda u kellu meeting mal-midi dak iz-zmien u vvutaw disgha (9) biex jigi mnehhi u vot ta' Sandra camillei biex jibqa hemmhekk. Jghid li gara bl-izball, jahseb mhux zball, li gie infurmat b'mod bil-fomm mhux b'ittra dan hadha bir-

rabja u sar l-attakk fuq dawn iz-zewg (2) ixjuh kunsilliera u l-ahhar fuq Martin Debono l-perit u mbaghad fl-ahhar fuqu b'mod differenti ghax meta kien hemm Martin u gie jattakkah mar izommu u bazikamnt dan kien fil-kunsill beda jghajru '*Intom m' intom xejn, ahna ta' Robert l-iktar, inti l-Perit tal-fqar u dan il-kliem bla sens.*' Xehed ukoll li kemm Robert u Stephen gewwa l-ufficju tieghu u bmod diplomatiku heddewh. Dan b'referenza ghal Robert Arrigo. Xehed li '*Robert qal bazikament : Int trid terga ddahhlu u Stephen ukoll u jiena rajthom, apparti li kellhom z-zewg mobiles taghhom qed jirrekordjaw kollox jiena ghidtlu : Robert inti ilek disgha (9) snin Sindku kif tista ddahhal lil xi hadd li gie mkecci b' disgha (9) voti kontra wiehed. U dan il-persuna kif il-Kunsill tridu jerga jafdaw anke jekk hija mpossibli li jerga jidhol ghidtlu: jekk tahtek inti dawn l-affarijiet kont taghmilhom jien tahti dawn l-affarijiet mhumiex ha jsiru. Robert qalli : jiena fuq il-hbiberija, bazikament semma l-qabar ta' missieru, jahlef fuq il-qabar ta' missieru li jaghmel kollox ghal hbieb u mbaghad din il-kwistjoni rraportajtha lil Pawlu Borg Olivier u harget lit-tnejn (2) bazikament wara li ltaqghu kemm Robert, ghax din li qbiztlek Sur Magistrat skuzani ghax jien din il-problema li ghandi naqbez minn haga ghal ohra, in the meantime Robertg ie wahdu jerga jkellimni u kien hemm dan Bobby Cali ghanid l-ufficcju u t-tnejn bdew jghajru lil xulxin. Jigifieri wara li gie ma Stephen Buhagar in that period of time u hemmhekk meta marru ghand Borg Oliver u Borg Oliver baghat email lili, lil Robet u lil Bobby Cali jghidilhom : isma things go on as usual. U jiena minn hemmhekk qatt ma smajt xejn iktar minn Robert fuq hlief fuq il-gazzetti.*'

Xehed li dan kien lejn dak iz-zmien April u Mejju imbaghad ghall-ahhar ta' Lulju ircieva telefonata mill-Ispettur Anglu Gafa' qal '*Ara tistax tigi ghal meeting meta trid, ghazel id-data inti. U ghedltu : All rightf l-ghaxra (10) ta' Awwissu tajjebg hax kumbinazzjoni tiela Ghawdex wara Santa Maria. Jiena kelli meeting ukoll ma l-IAID l-Internal Audit Investigation Department ghax gew jiccekkjaw xi affarijiet tal-Kunsill li mbghad sabu li ma kien hemm xejn, jigifieri embezzlement of misappropriation dawn l-affarijiet kollha, jigifieri jiena minghalija sejjer ghal meeting, infatti tellajt l-ex tfajla mieghi u parkjajna l-karozza tieghi hdejn tat-Taxxa. Dhalt u malli dhalt qalli : X' qed tidhaq int? Ghidtlu : Ghalxiex? Qalli : Int arrestat. Ghidtlu: Arrestat ghal xiex. Qalli : Mur ghidt lit-tfajla tieghek titlaq l-barra minn hawn. Jiena mort, hrigt ghax ovjament taf hemm titla fuq, ghidt lit-tfajla ghidtilha : Stennieni barra u malli dhalt gewwa, sorry ha nghid dawn il-kliem imma qalli : Jew tirrizenja minn Sindku, jew ha nfottilek il-karriera tieghek professjonali. Ghidtlu : Fuqhiex? Qalli : Fuqhiex ma tafx? U hemmhekk beda t-theddid li bazikament l-*

*ewwel qalli ghandek avukat, b' mod ta' ton jigifieri ton li jiena ga dak il-hin inhsadt ghax jiena sejjer ghal meeting mhux ha nigi arrestat. Qalli : Ghandek avukat? Jiena ma kellix avukati ghax qatt ma kelli kawzi kriminali je kawzi ta' xejn, imma kont hdimt fil-kawza ta' taxxa b' Dr. Michael Sciriha u ghidt ha ncempel lilu. Inzilna isfel, jigfieri dan kien ghal habta ta' l-ghaxra neqsin kwart (9:45). Inzilna isfel, cempilt lilu, ppruvajt erba' darbiet, ma setax jaqbad ghax ma kontx naf in-number tieghu nfatti thahuli l-Ispettur stess minn fuq in-nurmi tieghug hax kien imsiefer u fl-ahhar qbadnieh u qalli : Ghandek trading in influence, qalli : Ikkopara mal-pulizija u dak li ghamilt. Tlajna fuq minflok bdejt l-istatement tieghi hadni fil-conference room u l-Ispetur Angelo Gafa' hlief iheddidni ma bediex.'*

Spjega li beda jghidlu '*Jien ha naghmel show bik, ha nhallik tmienja u erbghin (48) siegha hawnhekk u ntellghek quddiem il-press kollu jekk ma tghidx dak li rrid jien. Kif rajt fil-kaz ta' Marsaxlokk Football Club waqqajthom fit-third division u jekk tghid dak li nghidlek jien jiena rresqhek quddiem il-Magistrat biex bhal Peter Harnshaw li kien Managere ta' Marsaxlokkt ista tmur quddiem il-Magistrat kif suppost, jekk trid, jekk dejjam nghid li jrid jisma hu, bazikament naghtik ic-citazzjoni kif ghamilt mas-Sindki ta' Bormla u ta' San Gwann meta nqabdet il-kwistjoni ta' l-iskart ukoll. U dan bazikament trid tifhem l-istatement tieghi beda fis-siegha neqsin zewg minuti (12:58), allura jien ghamilt kwazi tliet (3) sighat mentalment torturat f' din il-Conference room u hu beda jghidli : Habib isma minni ghamel dak li nghidlek jien. All right kien hemm fifteen (15) minutes interferenza fejn gie dan it-Tipo, Alla jbierek qabdu mall-ewwel u kien ga lest pulit biex jigi u gie u kkonfronta mieghi u bazikament qalli : Ehe inti darba ghidtli jew five (5) jew ten per cent (10%) u beda jibki dan. Ghidtlu : Ghaliex qed tigdeb dan jiena ghentek anke tajtek direct order fi zmien meta ma hadtx it-tender minhabba l-familja tieghek u gejt tibki d-dar tieghi, qed tigdeb daqhsekk fuqi. U dan beda jibki u l-Ispettur qalli : Rajt. Ghidtlu : Spettur inti m' intix Magistrat, ghidtlu inti qed tisma qampiena trid tisma l-qmpiena tieghi u ergajna dhalna fil-conference room. Imbaghad hallieni xi fifteen (!5) minutes hemmhekk u bdiet l-ewwel interrogazzjoni liminn 12:58 spiccat 13:55. U jekk nista nghidlek il-keyboard kien ha jkissirha, ghax jien ovjament imbaghad ghidt il-verita, ghidt jien m' iniex ha nirrovina kollox. Imma ga hemmhekk Sur Magistrat kien beda jaghtini panic attack u asthma attack ghax jiena acute asthma ghandi ilni biha mindu kont zghir u minn ta' thirteen (13) gietni aghar. U jien minghalija li wara li ha naghtih il-verita hu beda jghidli : Qed tigdeb, qed tigdeb u minn kollox beda jghidli. U issa ha tpattiha ta' dan kollu u qed nghidlek il-keyboard kien ha jkissiru ghax ma bediex jisma dak li li jien ghidtlu, ghax tant kienet attakk waqt li kont qieghed fil-conference room mieghu li jiena bazikament*

*ghidtlu l-verita mbaghad. Ghidtlu : jiena m' iniex ha nirovina l-karriera tighi dan kollu ghax qieghed jheddidni, imma ma kontx naf li wara ha jaqfilni isfel ghalxejn, ghax jiena kkollaborajt maghhom. Issa wara li tajtu dan ovjament minghajr avukat, minghar recorder, jigifieri dan nizzel li ried u x' ma riedx jiena gejt imsakkar isfel u meta gejt imsakkar isfel jiena staqsejt il-warden t' hemmhekk biex jaghtuni l-inhaler ta' l-asthma li kelli fil-karozza. Issa dan kienu ghal xi l-habta tas-saghtejn u ghaxra (2:10). Cempilt lit-tabib tieghi Dr. Eddie Rapa u kien mitfi, cempilt lit tabib iehor Dr. Stephen Spiteri u qallhom : Tuh Valium wahda biex jikkalma u tuh l-inhaler. L-inhaler qatt ma wasal allavolja kelli fil-karozza.*' Dan ghax skont l-Ispettur Gafa' kellu bzonn prescription. Jghid li '*nahlef kont nhossni qed immut, infatti qeghduni f' gagga, f' cella mimlija arja u jien intfajt il-fuq hekk biex niehu n-nifs u jahasra l-inhaler tieghi kien qieghed fifty (50) meters awaw gol-karozza. Imbaghad at five to four (3:55) gie ghalija Norbert Said is-surgent u qalli : l-Ispettur irid ikellmek. Infatti tellewni hekk ghax lanqas kelli sahha niccaqlaq u bazikamentf listat li kont qieghed jien xejn qalli : Ghandek l-inhaler hawn, l-affarijiet li rajt jigru u smajt fuq il-kaz ta' Nicholas Azzopardi u kollox ghidt hawn hawn xi haga hazina jien ma ridx immis dak l-inhaler b' xejn, ghdtlu kif ghandi dak ghandi tieghi u bazikament jien hemmhekk it-tieni stqarrija la talbni d-dritt ghall-avukat...*'

Jghid li fit-tieni stqarrija qal kollox iva biex johrog il-barra. Ma kienx ressqu dakinhar, malli dahal gol-karozza ha erba' (4) nifsijiet tal-ventlolin u mar id-dar u ha id-disk. Mistoqsi ghala biddel il-verzjoni fit-tieni stqarrija qal ghax kien qed ihossu ha jmut. Xehed li '*Stat kritiku hekk persuna ghaliex hallewni saghtejn, hemm isfel minghar ma jaghtuni l-asthma mall-ewwel. Jiena ma stajtx, kont anka apparti mill-ewwel trawma li tawni filghodu li heddidni u dak kollu, jien fejn kont naf x' ha jigrili. Jiena bazikmanet kemm ridt nohrog il-barra minn hemmhekk u bazikament hu kien kuntent, hafna nista nghidlek, hafna minn dak il-kliem li ntqal lanqas biss ghidthom jien.*' It-tabib gie d-dar ma setax imur. It-tabib kien Dr Eddie Rapa li rah fil '11.8.10' fis-sebgha ta' filghaxija fejn intqal '*To certify that today at about seven (7:00) pm I ezamined Mr. Nikky Dimech ID 301779M he is suffering from agitated shock an attack of . . . asthma, complaining of weakness in his left upper arms. .*' Jghid li ghandu certifkat tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, '11 li l-ventolin inhaler ma hemmx bzonn ricetta tat-tabib ghalih. Xehed li kif hareg il-batterija kienet maqluha, saq lejn id-dar, x'hin ghamel il-battery ma xulxin wara hmistax (15) il-minuta tidhol *unknown call,* irrispnda ghax haseb il-pulizija u kien Pawlu Borg Olivier. Xehed li '*Pawlu Borg Olivier qalli : Hemmhekk x' mort tghid?*

*Ghidtlu : Hemmhekk fejn? Qalli : Il-pozizzjoni tieghek. Ghidtlu : Ghalxiex qed tirreferi? Qalli: Ghall-istatement li mort tghid. Ghidtlu : Inti fejn taf x'mort nghid? Jien ghadni kemm hiereg minn hemmhekk siegha u nofs qabel inti taf x' mort nghid hemmhekk. Hu ma kienx in-number tieghu kien unknown ghax jiena n-number tieghu jiena l-ahhar persuna li naf fid-dinja li kont ha nkellem dak il-hin lilu. Qalli : Inti ghada trid tmur tirrezenja, l-pozizzjoni tieghek it's untenable, trid taghti r-rizenja tieghek u bla , bla, bla. Ghidtlu : Mela inti taf l-istatement tieghi x' fij jew ma fiehx ghax inti qed tghid li rrid nirrezenja.'* Xehed li '*Qalli : Jiena bazikament qed nghidlek trid tmur ghand Jean Pierre Debono u tirrizenja u qatali f' wicci.'*

Mistoqsi ghal verita, wiegeb li '*Kieku jiena qatt tlabt commissiong hal dak l-ammont zghir u qatt ma ha naghmel hekk.'* Mistoqsi kemm kien l-ammont wiegeb li '*Five (5) to ten per cent (10%) ta' one thousand two hundred (1,200)'* li jigu '*Mija u ghorin (120) Euro, ghamilhom fuq sitt (6) xhur ghax hu kullma qal fil-Qorti : Nikky saqsieni five (5) to ten per cent (10%), ta' xiex ma nafux jigifieri. Imma jien qatt ma ghamiltha, nahlef fuq il-qabar ta' nanti, jien qatt ma hadt commisions, infatti l-IAID ahrgu b'din ir-risosta li ma kienx hemm misappropriation ta' xejn.'* Xehed li '*Qatt ma tlabt commission u din hija gidba kbira, ghalhekk qieghed illum wara sitt (6) snin u ghaxra (10) xhur kuntent li ha nohrog kollox minn go l-istonku ghax ghadha hafna zmien u tlift hafna minn din il-gidba fahxija. U li rrid nghid hija li forsi ma wasalniex ghaliha Dr. Vassallo, hija li jiena lanqas naf ta' xiex gejt imharrek ghax il-verzjoni ta' Stephen Buhagiar inbidlet darbtejn, l-ewwel kienet biex jiehu t-tender, imbaghad x'hin jiena rrispondejt lis-sur Spettur Gafa' dak il-hin ghidtlu : ghaliex ma marx jirraporta mall-ewwel. Imbaghad inbidlet biex jien nerga ndahhlu. Jigifieri s' hemmhekk jiena lanqas biss naf liema hi l-verzjoni ta' Stephen Buhagiar u ghalhekk jghulu t-Tipo.'*

In kontro-ezami b'referenza ghal dok 14 tal-process li hija d-ikjarazzjoni ghar-rifjut tal-pari legali, mistoqsi jekk fil-wiwhed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) giex moghti d-dritt li jikkonsulta, wiegeb li le meta cempel lil Dr.Sciriha accettaha fit-tieni wahda. Xehed li l-ewwel wahda kienet filghodu, hemmhekk lanqas kien jaf x'qed jigri, fil-bidu nett accetta. Gie muri l-istqarrija li ttiehdet fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fil-3:55 a fol 12 u wiegeb li dik mhux l-ewwel stqarrija. L-ewwel stqarrija saret fil-12:58. B'referenza ghal fol 9 tal-process li hija l-ewwel stqarrija fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li bdiet fil-12:58 u spiccat 13:56 ikkonferma li qed jaghraf il-firma tieghu. Ikkonferma li qabel ghamel din l-istqarrija kien kellem lil Dr Michael Sciriha.

Jghid li hemmhekk qal il-verita, ma kienx jaf x'ha jigri wara. Dwar it-tieni stqarrija ghalkemm jghid li firma tieghu jghid li lanqas kien jaf x'qed jigri. Dwar li ddikjara li ghamilha b'mod volontarju wiegeb li ried johrog minn hemm qabel il-waqt ghax kien qed ihossu jmut. Lil Stephen Buhagiar sar jafu tramite Robert Arrigo qabel ma sar Sindku. Ma ghenux direttament fil-kampanja tieghu ghax Robert Arrigo '*kien juza n-nies, u din ghidtiha publikament, biex jerga jdur id-distretti kollha tieghu jaghzel kandidat l-iktar wiehed potenzjali ghalih u Stephen qatt ma hadni nhabbat bieb wiehed. Jiena dejjem kien ikun Stephen iwassal ir-Robert u lili mbaghad nahdmu jien u Robert.*' Ma ghenux direttament, indirettament Robert ghenu ghax kien driver tieghu. Stephen Buhagiar ma ghenux direttament fil-kampanja tieghu. Robert Arrigo u Stephen Buhagair kienu heddewh darba, spjega li '*gew quddiem diplomatikament ghidt ghax bazikament Stephen li huwa haga wahda ma Robert ried ovjament lil Robert jghidlu peress li Robert kien wieghdu il-post...*' Jghid li heddewh diplomatikament. Stephen Buhagiar heddu dakinhar u '*ghax forsi, ghax dan ghaddew seba' (7) snin, qabel ma hareg mill-bieb qalli : issa tasal tieghek. U anke mid-dikjerazzjoni ta' Sandra Camilleri li tghid : Irrid inpattihielu lili.*' Ikkonferma li kif kien jipprezenta ruhu gewwa l-ufficju tieghu ukoll kienet theddu. Ma marx diversi drabi l-ufficju tieghu , '*kien gie hames darbiet wara xulxin meta sar jaf li ha tohrog tender u mhux direct order ghax ma setax ikun iktar minn hames mitt (500) Lira Maltin, €1165 u gie biex jikkjara s-sitwazzjoni u beda jghidli : Min qed jigdeb hawn int jew Eobert? Ghidtlu : Int qatt ma kont naf li Robert wieghdek li ha tiehu xoghol ta' Contracts Manager b' persentagg. Imbaghad hemmhekk qalli : Mela issa sirt naf x' inhu Robert u qalli : Jien kullma ghandi paga tmien mitt (800) Eurof ix-xahar.*' Huwa ma ghamilx rapport kontra Stephen Buhagiar lanqas ta' harassment. Lanqas kontra Robert Arrigo li qal li heddu diplomatikament. Qatt ma ghamel rapport ghax jghid li kien jaf li ha jaqghu fuq widnejn li ma jismghux.

Dwar il-hin fil-conference jghid li saghtejn u nofs mhux jitkellmu jheddu. Beda jheddu qabel ma ghamel l-istqarrija. Cahad li kien hemm is-Surgent Norbert Said prezenti, qal li fil-conference room hu u hu biss b'referenza ghall-Ispettur Gafa' kienu. Spjega li beda jghidlu biex jghid li qed jghidlu u hu u kollox imur sew kif mar kollox sew b'citazzjoni ghas-Sindku ta' San Gwann u ta' Bormla, ta Marsaxlokk, jekk le jaghmel show bih bil-press, ihallih tmienja u erbghin (48) siegha hawnhekk bl-istess hwejjeg u kulhadd jidhak bih. Peress li kienet l-ewwel darba xxukja u baqa b'dan it-theddid ghax dan '*peress li jien kont vici Prwsident tas-Sliema Wanderers qal :*

*Ahna jekk trid nistghu nsiru hbieb ghax dan siefer mal-Kumitat tas-Sliema Wanderers, imur kontra kull etika imma anyway dik hem mkaz l-MFA li qatt ma deher ghaliha u bazikament jien ma kontz sifirt maghhom, qalli : jekk trid ahna ghandna hbieb inkomuni bil-President u kollox , qalli : imma trid tghid dak li rrid nghid jien. Jien ghax ma stajtx nibqa naqla, naqla mentalment torturi ghadni niftakar sa llum, ghadni qatt ma rqadt lejl wiehed jie minn dak iz-zmien in toto, jien bazikmant ghidtlu : Ehe iss nghid dak kollu li tghid hu, malli kien hemm ix-xhieda ghidt il-verita u hemmekk ghalhekk ghidtlek kien se jaqsam il-keyboard minn nofs.*' Ikkonferma li dan gara fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Wara li ghamel it-tieni stqarrija kien gie rilaxxat mill-ewwel, ma ressqux b'arrest. Mar id-dar u gab it-tabib . Ma ghamilx rapport kontra l-Ispettur Gafa', jghid li '*mela jien kont naf il-proceduri, jien qatt ma kont arrestat f' hajti.*' Ma ghamilx rapport kontra l-Ispettur fuq dak allegat illum. Xehed li gwidawh l-Avukati u qalulu tixhidx. Ikkonferma li l-kaz kien qed jinstemagha quddiem il-Magistrat Claire Stafrace Zammit. Ikkonferma li kien moghti dritt li jixhed. Mistoqsi ghala ma xehedx wiegeb li l-avukati qalulu car u tond tixhidx ghax ha nirbuha zgur. Qal li '*qatt ma kont involut f' kaz f' hajti,* '*jiena emmint fihom u bil-Malti daru minn wara dahri u tefghuni . . . u kissru familja, imma nsomma dawk affarijiet personali.*'

Flimkien ma rikors tal-imputat datat it-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) a fol 538 et seqiutur, l-imputat prezenta sentenza fl-ismijet '**Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Victor Testa'** [25] u xhieda moghtija minn Victor Testa fil-kumpilazzjoni kontra Nicholas Sive Nikki Dimech f'kawza ohra bin-numru 94/2012. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tisma' lix-xhud Victor Testa. La darba il-Qorti kienet cahdet ir-rikors u ghalhekk cahdet ukoll li jinstema' dan ix-xhud, il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Victor Testa esebita.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi skont ma jirrizulta minn Dok MB1 a fol 120, l-imputat accetta l-kariga ta' Sindku tal-lokalita' ta' Sliema fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) u ha

[25] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' April, 2017 (Kumpilazzjoni Numru 93/2012)

l-gurament tal-kariga ta' Sindku fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009);

2. Illi Stephen Buhagiar kien wiehed fost erba' (4) offerenti li ssottomettew offerta ghal kuntratt ta' contracts manager;

3. Stephen Buhagiar jallega li kif kien fl-ufficju tal-imputat u cioe' fl-ufficju tas-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema, waqa' d-diskors fuq il-kuntratt u jallega li l-imputat staqsieh '"*inti kemm tista' toffri mit-tender tieghek?" Ten jew five per cent (10%/5%)*';

4. Stephen Buhagiar jghid li mahsud wiegeb "*int jidhirlek li nista naghti persentagg minn elf u mitejn ewro (€1200) fix-xahar?*" u waqfet hemm u d-diskors inqeleb;

5. Sussegwentement Stephen Buhagiar kien inghata l-kuntratt u dan wara li f'seduta tal-Kunsill Lokali ta' Sliema li nzammet fis-seba' (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009)[26] wara diskussjoni f'din il-laqgha, ittiehed vot u l-proposta ghaddiet b'sitt (6) voti favur u tlett (3) astensjonijiet;

6. Jirrizulta li fis-seduta tal-Kunsill Lokali ta' Sliema li nzammet fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010)[27] giet diskussa l-*performance* tal-contracts manager u cioe' ta' Stephen Buhagiar u l-kuntratt gie tterminat[28];

7. Sussegwentement Stephen Buhagiar kien ilmenta dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt ma numru ta' persuni fejn kien anke ltaqa' ma Martin Bugelli Direttur Generali (Informazzjoni , Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika) u fejn kien irraporta dwar dak li l-imputat allegatament kien talbu;

8. Martin Bugelli ghalhekk irraporta dan lil Pulizija skont dak li anke jirrizulta mill-ittra elettronika datata l-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li tinsab a fol 79 tal-process;

9. Illi in segwitu ta' stqarrijiet rilaxxati mill-imputat fil-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), l-imputat ghamel numru ta' allegazzjonijiet rigwardanti l-

---

[26] Skont il-minuti li jinsabu a fol 179 et sequitur;
[27] Skont il-minuti li jinsabu a fol 185 et sequitur;
[28] Althea Borg fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2011 xehdet li '*ircivejt telefonata minn ghand is-sindku dak iz-zmien kien is-sur Nikki Dimech biex jghidli li kien ser jattendi tard u biex tibda tippressjedi l-laqgha l-vici sindku dak iz-zmien Dr. Joanna Gonzi biex tibda tipprecedi hi l-laqgha. Plus hekk qalli wkoll biex nghid lilha taqbad mal-punt tal-contract manager jekk ma jergax jiggedded il-kuntratt tieghu peress li kien hemm il-perjodu tas-sitt (6) xhur prova kien wasal biex jiskadi.*'

arrest tieghu u l-interrogazzjoni kif irraportat mill-gurnali, li kopja ta' dawn l-intervisti jinsabu a fol 80 sa fol 83;

10. Illi sussegwentement fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) l-imputat rrilaxxa stqarrijiet ohra u ttiehdu dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat;

Illi kif gia deciz permezz tad-decizjoni tal-hmista (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra l-erba' (4) stqarrijiet rilaxxati mill-imputat stante li din il-Qorti ghar-ragunijiet indikati f'dik id-decizjoni kienet ordnat li dawn jigu sfilzati. In oltre, kif deciz, kwalunkwe prova u partijiet ta' xhieda fejn issir referenza ghal dawn l-istqarrrijiet hija wkoll inammissibli u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra l-bqija tal-provi prodotti. Ghal din ir-raguni, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-Avukat Generali rigwardanti l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat appellat.

Ikkunsidrat;

Dan huwa appell mill-Avukat Generali wara li l-Qorti illiberat lill-imputat minn kull imputazzjoni u htija. L-appellant Avukat Generali jissottometti li permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat li wettaq ir-reat kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Avukat Generali jaghmel sottomissjonijiet dwar l-elementi essenzjali ghal kummissjoni ta' dan ir-reat li huwa ta' natura ufficjali jew pubblika tal-impjieg tal-persuna li qieghda tigi korrotta. Jissottometti li kif hareg car u pruvat f'dawn il-proceduri, Nicholas Dimech kien effettivament ufficjal pubbliku meta kien jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' Tas-Sliema ghalhekk skont l-appellant, dan l-ewwel element huwa sodisfat.

L-appellant Avukat Generali jissottometti li t-tieni element huwa dak li l-ufficjal pubbliku ikun talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor rigal, weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor li ghalihom huwa ma kellux jedd. Issottometta li t-talba ta' xi rigal kienet giet introdotta fl-artikolu 115 permezz tal-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-att numru III tas-sena 2002 u li permezz ta' tali emendi l-kliem "*jircievi jew jaċċetta*" kienu gew sostitwti bil-kliem "*jitlob, jirċevi jew jaċċetta*". Skont l-Avukat Gaenali, mill-atti processwali jirrizulta ampjament ippruvat

li l-imputat appellat kien talab lil Stephen Buhagiar jaghtih offerta/commission li ma kienx intitolat ghaliha. Dan skont l-appellant jirrizulta ukoll mid-depozizzjoni ta' Stephen Buhagiar moghtija viva voce f'dawn il-proceduri.

Jissottometti ukoll li t-tielet element huwa dak li t-talba ssir "*in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu*". Jissottometti li jirrizulta ampjament car mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni li t-talba saret in konnessjoni mal-kariga tieghu ta' Sindku ta' tas-Sliema. L-appellant jirrileva li appena l-ufficjal pubbliku jaghmel tali rikjesta, hemmhekk jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 115 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont l-appellant, din ir-rikjesta trid tkun ghal xi rigal jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor li ghalih l-imputat ma kellux jedd. Jissottometti li l-imputat ma kellu l-ebda jedd li jitlob il-commission li saret referenza ghaliha.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal gurisprudenza rigwardanti l-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li bih qieghed jigi akkuzat l-appellant u cioe' '*fis-7 ta' Settembru 2009 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;*'. L-Avukat Generali fin-nota li tinsab a fol 311 jirreferi ghall-artikolu 115(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li llum huwa l-artikolu 115(1)(a) li jaqra:

'*Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, **jitlob**, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat **jagħmel dak li hu fid- dmir tiegħu li jagħmel**, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;*' (Emfazi u sottolinear mizjud)

Rigwardanti l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Saveria sive Saverin Sinagra ta' 74 sena bint Emmanuele u Caterina nee' Caruana, imwielda Zejtun, fl- ta' Marzu 1936, residenti fl-indirizz 30,**

**Triq Luqa Briffa, Zejtun, detentur tal-karta ta'l-identita numru 244536(M)'**[29] fejn gie kkunsidrat li:

*'Illi minn ezami ta'l-**artikolu 115** tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:*

*1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.*

*2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il- ligi.*

*3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.*

*4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Angelo Farrugia) vs Joseph Buhagiar, Joseph Muscat, Pacifico Sammut, Charles Vella, Vince Magro, George Vassallo u Carmelo Mifsud'**[30] il-Qorti f'dik is-sentenza appellata kienet ikkunsidrat li:

*'l-imputazzjoni principali dedotta kotnra l-imputati kollha hija dik mahsuba fl-Artikolu 114 u 118 tal-Kodici Kriminali cioe' dik ta' korruzzjoni ta' ufficjal jew impjegat pubbliku. Illi dan ir-reat ghandu erba elementi essenzjali u cioe':*

*1. Illi l-hati irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku.*

*2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.*

*3. Ghall-fini li l-impjegat jew ufficjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.*

*4. L-azzjoni ta' l-ufficjal jew impjegat pubbliku trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci, Paul Gauci'**[31] il-Qorti f'dik is-sentenza appellata skont ma jirrizulta mis-sentenza, ikkunsidrat li:

---

[29] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Gunju, 2010 (Numru: 550/2007)
[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju, 1982 (Appell Numru: 49/82)

*'Mill-premess jirrizulta illi sabiex jimmatura r-reat odjern ossija sabiex tikkonfigura l-komplicita' f' dan ir-reat, iridu jikkonkorru s-segwenti fattur:*

*1) li ufficjal jew impjejegat pubbliku,*

*2) jircievi jew jaccetta xi utilita' jew vantagg,*

*3) in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu,*

*4) u li ghalih ma jkollux jedd.'*

Kif tajjeb issottometta l-Avukat Generali fl-appell tieghu permezz tal-Att numru III tas-sena 2002 il-kliem "*jirċievi jew jaċċetta*" kienu ġew sostitwiti bil-kliem "*jitlob, jirċievi jew jaċċetta*". Ghalhekk din il-Qorti sejra tqis ukoll sentenzi aktar ricenti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Jonathan Ferris] vs Thomas John Woods'**[32] gie kkunsidrat li:

*'Fi kliem il-**Professur Mamo** (Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55 Professor A.J. Mamo, pagna 84):*

***"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."***

*Din id-distinzjoni harget fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea** (Qorti ta l-Appell Kriminali; 25 ta' Lulju 1986) fejn inghad is-segwenti:*

***"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l- ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l- kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru – fit-***

[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1986

[32] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' April, 2016 (Kumpilazzjoni Numru: 919/10)

***tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."***

*Fil-kaz appena citat, il-Qorti riteniet li:*

***".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal-effett ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-impjegat."***

*Fil-fatt id-diskussjoni dwar il-piena ghar-reat ta' korruzzjoni tista' tigi sommata fi kliem tas-sentenza kif moghtija mill-istess Qorti:-*

***"L-iskop u effikacja tal-korruzzjoni huma fatturi rilevanti ghal quantum tal-piena, u mhux ghall-ezistenza o meno tar- responsabilita' kriminali. Il-ligi hija cara; 'kul ufficcjal.... li jircievi jew jaccetta jikkommetti dan ir-reat."***

*L-elementi huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et. fejn gew deskritti bis-segwenti manjiera:*

*1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku;*

*2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd;*

*3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu;*

*4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid- dmir tieghu li jaghmel.*

*Illi dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Assistent Kummissarju Mario Spiteri] (Supretendent Simon Galea] vs Kenneth Sevasta'**[33] dwar ir-raba' element tar-reat taht l-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe'' '*Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel*' gie kkunsidrat

[33] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Mejju, 2016 (Kumpilazzjoni Numru: 891/2010)

ukoll li:

*'Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l- ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il- Professur Mamo jghid:*

***"..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any imporper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."***

*It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid:*

***"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."***'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Liliana Galea'**[34] gie kkunsidrat:

**'7.** *Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti hija korretta meta tghid illi taht is-sistema legali taghna bribery after the fact ma jezistix. U din il-kwistjoni ma gietx trattata mill-ewwel Qorti. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. David Gatt*** *moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Novembru 2011, differentement mill- posizzjoni fil-ligi Taljana, taht il-ligi taghna* ***"sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal-Qorti) il- kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d- dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Yvonne Farrugia] Vs Giuseppe Maria Cini'**[35] gie kkunsidrat li:

*'L-appellat huwa addebitat b'zewg akkuzi, wahda taht l- Artiklu 112 tal-Kap 9 li titratta*

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru: 478/2011)
[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2014 (Appell Kriminali Numru: 455/2012)

*dwar il-konkussjoni, u cioe li Ufficcjal Pubbliku jesigi flus kontra l-Ligi u l-ohra taht il-115 ta' l-istess Kap li jitratta l-korruzzjoni. Id-differenza principali bejn dawn iz-zewg akkuzi hija, illi dik ta' l-ewwel hija unilaterali u tista' tigi minn inizjattiva ta' l-istess Ufficcjal Pubbliku u t-tieni hija bilaterali, fejn l-Ufficcjal Pubbliku jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor rigali u parti ohra taccetta tali inizjattivi u akkomoda dak li jkun talab l-Ufficcjal Pubbliku. F'dan il- kaz, ic-cirkustanzi ma jinkwadrawx taht l-Artiklu 115 peress illi ma kienx hemm l-accettazzjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellat jaghmel dak li ma messux jaghmel jew illi huwa fid-dover li jaghmel.*'

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tizen u tevalwa x-xhieda tax-xhud principali u cioe' ta' Stephen Buhagiar. Dan ix-xhud xehed l-ewwel darba fil-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn spjega li kien tefa' offerta ghal xoghol ta' *contracts manager* fl-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200) fix-xahar u li kien ghadu ma giex aggudikat meta f'Awissu elfejn u disgha (2009) kien qieghed l-ufficcju tal-kunsill. Xehed li '*kont qieghed fejn is-Sur Dimech konna qieghdin nitkellmu ghax kif ghidtlek konna hbieb, fost il-hafna diskors li kien qed jinghad, hin minnhom speci waqa' id-diskors fuq il-kuntratt u wahda mill-kliem li niftakar car li qalli kien speci, "inti kemm tista' toffri?" Ten jew five per cent (10%/5%), hekk kienet il-dan.*' Rega spjega x'intqal fejn qal li '*Kullma kien, dan waqt li qed nitkellmu, jigifieri, kif ghidt, li jiena nhsadt, dan qalli, "isma', kemm tista' toffri mit-tender tieghek? Ten jew five per cent (10%/5%)?" jiena ghal din il-mistoqsija mahsud kif kont, jiena ghidtlu, "isma', inti jidhirlek li nista' naghti persentagg minn elf u mitejn ewro (€1,200) fix-xahar?!" u waqfet hemm jigifieri. U d-diskors rega' inqaleb. Dak li ntqal bhala diskors.*' Spjega li '*kif ghidtlek hasditni, imma mbaghad id-diskors rega' dar u kif nghidu bil-Malti mietet fuq ommha l-affari,*'. Sussegwentement il-kuntratt rebhu hu. Wara li l-kuntratt gie tterminat, huwa kien talab laqgha mas-Segretarju Parlamentari Dottor Said, ghamel appuntament mas-Segretarju Generali Dottor Paul Borg Olivier, ircieva ittra elettronika minghand is-Sur Martin Bugelli biex jiltaqghu u ghaddielu l-informazzjoni li kellu fuq il-kaz. Jghid li l-imputat kien qallu biex japlika ghaliha kif filfatt ghamel u mistoqsi jekk kien qallu kemm kien se jitfa' l-offerta tieghu wiegeb '*Ehee, jista' jkun li tkellimna xi haga f'dan is-sens. Ehe, tkellimna f'dan is-sens, ehe, ghidtlu kemm se nitfaghha.*' Huwa fost affarijiet ohra xehed ukoll li kien cempillu Daniel Micallef li qallu li xtaq ikellmu u ltaqghu Balluta bay u qal li s-sindku bghat messagg

mieghu fejn '*jew inwaqqa' il-kaz jiena inkella ha jiftahli kaz iehor ta' xi toqob li konna ghamilna fit-triq fejn l-ghassa tal-pulizija*'. Huwa kien qallu ""*jekk is-Sur Dimech jixtieq jghidli xi haga jista' jcempilli u jghid lili f'wicci fil-kaz, mhux problema.*"" Il-fatt li Stephen Buhagiar kien iltaqa' ma' Daniel Micallef gie ikkoraborat minn Daniel Micallef stess fix-xhieda tieghu tal-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qal li huwa skrivan il-Kunsill fejn spjega li kien fuq it-telefon mal-imputat fejn '*qalli biex nghid lil dan Stephen Buhagiar biex hu tipo jwaqqa' il-, il-dak tieghu, il-kaz li hemm kontra tieghu, hu ma jaghmilx vuoldiri l-kaz li ghandu kontra Stephen,*'. Spjega li ''*meta mort inkellem lil Stephen, Stephen qalli, "tidholx fiha," qalli, "jekk trid ghidlu jcempilli hu." U, u waqaft hemmhekk.*' Ikkonferma li kienu ltaqghu San Giljan, Balluta.

Stephen Buhagiar xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn meta mistoqsi '*allura fejn int issa ghandek suppost dan is-suspett li l-process huwa imcappas, inti dak inhar ma tghid xejn?*' wiegeb '*Ma nghid xejn ghax issemiet darba u ghalija ma baqghetx issemmiet u hallejtha ghaddejjha. Jien hekk deherli dak inhar.*' Jghid li '*Mux ma hadtiex bis-serjeta imma ma tajtiex weight, ha nghidu hekk.*' Spjega li '*Mhux kienet irrelevanti, imma dak il-hin, kif intqalet, kif kienet id-diskursata, speci intqalet u daqshekk. Kienet kaz maghluq.*' Ikkonferma li l-imputat qatt ma rega ghamillu accenn ghal xi haga. Dan ix-xhud mistoqsi dwar dak li sehh wara li l-kuntratt gie tterminat:

'*Difiza: Id-domanda li xtaqt nistaqsieh hija jekk meta sehh dan l-incident, fil-fatt il-kliem illi huwa qal kien kliem fis-sens illi: issa tasal taghkom u dana b'konsegwenza tal-fatt li vvutajtu favur it-terminazzjoni tal-kuntratt. Jigifieri ghandha kollha kemm hi x'taqsam mal-kuntratt u ma l-ghoti tal-kuntratt. Dak li ghandi x'nistaqsieh. Nahseb illi ma hemmx ghalfejn nivverbalizza ghax huwa evidenti li ghandha x'taqsam ma dak li qeghdin nitkellmu fuqu.*

*Qorti: Smajtha d-domanda?*

*Xhud: Smajtha ehe.*

*Qorti: Kien hemm dak il-kliem?*

*Xhud: Iva, ehe, kien hemm dak il-kliem ghax jiena f'mohhi kelli li nirrapurtah il-kaz. Dana kien jumejn wara li gie tterminat il-kuntratt tieghi. Sewwa?*

*Difiza: Mela ara hux qed taqbel mieghi illi dak inhar inti kont ghidt dawn il-kliem li ghadek kif spjegajt.*

*Xhud: Jimporta terga tirrepetihom?*

*Difiza: Il-kliem: issa tasal taghkom.*

*Xhud: You will regret it ghidtilhom jiena biss.*

*Difiza: You will regret it. U iva, ghidtha bil-Malti.*

*Xhud: Ezatt. Imma hekk ghidtilhom.*

*Qorti: Mhux issa tasal taghkom.*

*Xhud: No, no, no. You are going to regret this biss ghidtilhom.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Sandra Camilleri prodotta mid-difiza fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) li kienet kunsillera fil-Kunsill qalet li wara li kitbu fuq il-gazzetti dwar l-imputat cemplet lil Stephen Buhagiar, fejn:

'*Qalli tlift ix-xoghol. Ghdiltu: allura ma nistghux noqghodu fuq mejda u niddiskutu, ghidtlu hemm bzonn taghmel dan.*

*Qalli: ghax jien irrid inpattiehielu.*'(Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Meta rega xehed Stephen Buhagiar fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) meta mistoqsi jekk dwar l-offerta huwa hass sens ta' ingustizja, ta' unfairness fiha, xehed li '*Sa certu punt imma mhux li tajt daqshekk kas imma sa certu punt iva.*' A fol 79 giet prezentata ittra eletronika datata l-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) mibghuta minn Martin Bugelli u indirizzata lil Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien John Ricci fejn tnizzel fost affarijiet ohra li '*Waqt il-laqgha, is-Sur Buhagiar ghamel allegazzjoni fil-konfront tas-Sindku ta' Tas-Sliema. Huwa allega li fiz-zmien li inghata l-kuntratt, is-Sindku talbu commission fuq l-ammont tal-kuntratt. Jien infurmajtu li din l-allegazzjoni kont ser nghaddiha lill-pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri.*' Din l-ittra elettronika taghti l-impressjoni li t-talbu saret fiz-zmien li inghata l-kuntratt u mhux qabel ma nghata l-kuntratt kif xehed Stephen Buhagiar stess.

Din il-Qorti mhijiex sejra terga' tirrepeti dak li xehed l-imputat Nicholas sive Nikki Dimech fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) izda sejra tislet partijiet mix-xhieda tieghu. L-imputat fix-xhieda tieghu jichad li qatt

talab commission u jaghti ukoll il-verzjoni tieghu ta' dak li gara. Fost affarijiet ohra xehed li '*Fl-ahhar gurnata fejn eskala kollox u tant kemm ma stajtx niehdu iktar, ghax dan kien bniedem jigifieri ta' theddid fhimt, jigifieri mhux a person who can understand these things, jiena bazikament hu kien qalli: isma anke jekk jaghtik hamest elef (5,000). Ghidtlu : Steve din hija haga mpossibli. U hu baqa' jghid, ghidtlu : Anke jekk jaghtihomli imma mpossibli. Hareg mill-ufficju tieghi sabbat il-bieb bin-nervi u telaq l-hemm.*' Dwar l-ewwel stqarrija jghid li '*ghax jien ovjament imbaghad ghidt il-verita, ghidt jien m' iniex ha nirrovina kollox.*' Din il-Qorti izda in linea ma dak deciz minn din il-Qorti fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) mhijiex sejra tikkunsidra l-ebda mill-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat. Xehed ukoll li '*jien qatt ma ghamiltha, nahlef fuq il-qabar ta' nanti, jien qatt ma hadt commissions, infatti l-IAID ahrgu b'din ir-risposta li ma kienx hemm misappropriation ta' xejn.*' Xehed li '*Qatt ma tlabt commission u din hija gidba kbira...*'Filwaqt li fl-intervista fuq il-gazzetta Maltatoday li tidher a fol 80 u mmarkata bhala AG2 fost affarijiet ohra tnizzel li '"*The truth is that when I told Buhagiar that the salary for a works manager is about €14,500 annually, and not €25,000 which he said - [Nationalist MP] Robert Arrigo had led him to believe, he was furious.*

"*He said that he can not sustain his family on €14,500 and he asked me to increase it when I told him the council would not increase it because there are other applicants that only want that amount. Then he said that if I managed to issue a €25,000 salary he would give me €5,000. I told him that I would never 'take a commission, especially from someone's salary. He then stormed out of the ofice, 'slamming the door.*"' Din il-Qorti ghamlet referenza ghal din l-intervista in vista li skont dak li jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), id-difiza ezentat lil prosekuzzjoni milli ttella' lil edituri tas-Sunday Times u l-Malta Today sabiex jikkonfermaw l-awtenticita' tad-dokumenti a fol 80 sa 83. Fl-intervista li dehret fuq The Sunday Times tnizzel fost affarijiet ohra li '*The police inspector said I can consider my career in politics already over but maybe I can salvage my professional business, only if I admitted Buhagiar's false allegation. Otherwise he would make a show of me to the press. I kept on telling him that Buhagiar's statement was not true but he would not accept this. This mental torture continued until the interrogation.*' Din il-Qorti izda in linea ma dak deciz minn din il-Qorti, ma kkunsidratx fejn dawn l-intervisti jaghmlu referenza ghal kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis jekk dak li jirrizulta mill-provi jaqax fil-parametri ta' dak li l-artikolu 115(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi.

L-ewwel element li jsawwar ir-reat huwa in-natura ufficjali jew pubblika tal-impjieg tal-persuna ikkoncernata. Illi ma hemmx dubju u lanqas ma huwa kkontestat li l-imputat kien jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema meta sehh dak allegat u li in oltre dak allegatmant sehh fl-ufficju tas-Sindku gewwa il-Kunsill Lokali innifsu. Minn dak li jirrizulta minn Dok MB1 a fol 120 '*Fl-elezzjoni tal-2009 is-Sur Nicholas (Nikki) Dimech accetta l-kariga ta' Sindku tal-lokalita' ta' Sliema fis-6 ta' Lulju, 2009 u ha l-gurament tal-kariga ta' Sindku fis-17 ta' Lulju, 2009.*'

L-artikolu 92 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:
'*Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.*'
Ghalhekk ma hemmx dubju li l-imputat kien ufficjal pubbliku meta kien qiegehd jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Sliema;

It-tieni element huwa li jrid ikun talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor rigal, weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma jkollux jedd. Filwaqt li x-xhud principali jallega li l-imputat kien talbu persentagg mill-valur tal-kuntratt u cioe' kien staqsa "*isma', kemm tista' toffri mit-tender tieghek? Ten jew five per cent (10%/5%)?*", dan skont ma jirrizulta mix-xhieda tal-imputat huwa kkontestat. L-imputat jichad li qatt talab dan il-commission izda jixhed li kien Stephen Buhagiar li qallu '*isma anke jekk jaghtik hamest elef (5,000). Ghidtlu : Steve din hija haga mpossibli. U hu baqa' jghid, ghidtlu : Anke jekk jaghtihomli imma mpossibli. Hareg mill-ufficju tieghi sabbat il-bieb bin-nervi u telaq l-hemm.*' Ghalhekk jirrizulta li huwa ikkontestat li l-imputat talab commission minghand Stephen Buhagiar jekk jiehu t-tender.

Element iehor ta' dan ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa li dak li jkun intalab ma jkollux jedd ghalih u li taht is-subartikolu (a) tal-artikolu 115 l-iskop tal-hlas, weghda jew offerta tkun li l-ufficjal jaghmel dak li hu

fid-dmir li jaghmel. Ma hemmx dubju li jekk l-offerta' ghal 5% jew 10% verament saret, l-imputat ma kellux dritt ghaliha. Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova ukoll li dak allegatament mitlub kien sabiex l-imputat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

Skont dak li jirrizulta mix-xhieda tax-xhud principali Stephen Buhagiar, l-allegata talba saret qabel ma kien aggudikat it-tender. Jirrizulta ukoll li l-kuntratt inghata lil Stephen Buhagiar wara vot li sehh f'seduta tal-kunsill li sehhet fis-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) skont ma jirrizulta minn SC9 a fol 179 et sequitur, fejn dwar il-proposta li t-tender jinghata lil Stephen Buhagiar, kien hemm sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra. Kien ghalhekk li t-tender inghata lil Stephen Buhagiar fejn jirrizulta ukoll li kienet l-orhos offerta. Skont ma jirrizulta mill-minuti prezentati, l-imputat kien ivvota favur Stephen Buhagiar. Ghalhekk jirrizulta li jekk kellha tigi accettata l-verzjoni ta' Stephen Buhagiar u cioe' li huwa kien intalab kemm kien lest li jaghti mit-tender u li hu kien irrifjuta din it-talba, it-tender xorta inghata lilu wara vot tal-kunsill. Jirrizulta ukoll li il-fatt jekk it-tender jinghatax lil Stephen Buhagiar jew le ma kienx jiddependi unikament fuq l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni kellha tiprova ukoll li jekk din l-offerta' verament saret, din saret in konnessjoni mal-kariga tal-imputat u cioe' ta' Sindku u li l-iskop kien li jaghmel dak li jkun id-dmir tieghu li jaghmel. Kif ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata '*Evidentement ukoll il-prova trid tkun li jekk intalbet din il-commission kienet in konnessjoni mal-kariga tieghu. Dawn l-elementi huma marbuta mal-kontenut tal-paragrafu (a) ta' din id-disposizzjoni li jindikaw l-iskop ta' dan ir-rigal anki jekk sempliċiment mitlub u ċioe, li hu jagħmel xi ħaġa li huwa fid-dmir tiegħu li jagħmel, f'dan il-każ, bhala Sindku.*' Kif ikkunsidrat ukoll mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata '*Fil-kaz ta' Sindku ta' Kunsill Lokali f'dik ic-cirkostanza tal-ghoti ta' tender, m'hemmx wisq diskrezzjoni x'tezercita u f'dak il-kaz l-imputat effettivament ghamel dak li fid-dmir kellu jaghmel u l-Kunsill Lokali li hu kien imexxi ta it-tender lil min kien haqqu. Kien ikun differenti kieku t-tender gie moghti lill-persuna li ma kienx haqqa u dan minhabba li kien hemm il-korruzzjoni.*'

Gew prezentati ukoll il-minuti tas-seduta tal-Kunsill Lokali ta' Sliema tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dan a fol 185 et sequitur bhala SC10 fejn il-maggoranza tal-kunsilliera salv Sandra Camilleri kienu qalu li ma kienux sodisfatti bix-xoghol li kien qed iwettaq Stephen Buhagiar u iddeciedew lil-kuntratt jinghata lil

persuna ohra. Althea Borg fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) xehdet li '*ircivejt telefonata minn ghand is-sindku dak iz-zmien kien is-sur Nikki Dimech biex jghidli li kien ser jattendi tard u biex tibda tippressjedi l-laqgha l-vici sindku dak iz-zmien Dr. Joanna Gonzi biex tibda tipprecedi hi l-laqgha. Plus hekk qalli wkoll biex nghid lilha taqbad mal-punt tal-contract manager jekk ma jergax jiggedded il-kuntratt tieghu peress li kien hemm il-perjodu tas-sitt (6) xhur prova kien wasal biex jiskadi.* Naturalment din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra jekk il-kuntratt ta' Stephen Buhagiar twaqqafx skont il-ligi u/jew jekk il-procedura stabbilita fil-kuntratt gietx segwita, peress li dan imur oltre l-kompetenza ta' din il-Qorti. Dak li l-Qorti trid tiddeciedi bhala Qorti ta' Revizjoni huwa jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni li ma ssibx htija tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirrizulta kjarament li Stephen Buhagiar ma rraportax dak li allegatament gie mitlub meta dan sehh u cioe' qabel ma gie aggudikat it-tender, izda kien wara li gie tterminat il-kuntratt li huwa waqt li kien qieghed jilmenta dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt, tkellem dwar dak li allegatament l-imputat kien talbu. Jirrizulta ukoll li Stephen Buhagiar kien qal kliem bhal '*You will regret this*' dan izda ma jfissirx li dak allegat minnu ma huwiex veritier. Izda interessanti hija r-raguni li Stephen Buhagiar jaghti dwar li ma rraportax meta allegatament saritlu din l-offerta' u cioe' li '*Mhux ma hadtiex bis-serjeta imma ma tajtiex weight, ha nghidu hekk.*' Spjega li '*Mhux kienet irrelevati, imma dak il-hin, kif intqalet, kif kienet id-diskursata, speci intqalet u daqshekk, Kienet kaz maghluq.*'.

Interessanti ukoll hija l-kopja tan-'*Non-Collusive Tendering Certificate*' li jinsab a fol 177 tal-atti u fejn jirrizulta isem Stephen Buhagiar u firma. Din hija datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghalhekk setghet giet intavolata qabel ma' sehhet l-allegata offerta. F'dan id-dokument hemm imnizzel is-segwenti:

'*I certify that this is a bona fide tender, and that we have not fixed or adjusted the amount of the tender by or under or in accordance with any agreement with any other person submitting a bid for this tender.*

*I also certify that we have not done and we undertake not to do at any time before the hour and date specified for the closing of this Tender any of the following acts:-*

*(a) Communication to a person other than the person calling for those Tenders the amount or approximate amount of the proposed Tender, except where the disclosure, in confidence, of this approximate amount of the Tender was necessay to obtain insurance premium quotations required for the preparation of the Tender.*

*(b) Enter into any agreement, or arrangement with any person that he shall refrain from tendering or as to the amount of any Tender to be submitted.*

*(c) Offer to pay or give or agree to pay or give, any sum of money or valuable consideration directly or indirectly to any person for doing or having done in relation to any other Tender or proposed Tender for the said work any act or thing of the sort described above.*

*(d) In this certificate the word "person" includes any person and any legal entity and "any agreement or arrangement" includes any such transactions, formal or informal, and whether legally binding or not.'*

Mill-atti izda ma jirrizultax li Stephen Buhagiar ikkonferma li dik il-firma fuq dan id-dokument hija tieghu, fis-sens li ghalkemm meta rega xehed fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) kien ikkonferma l-firma tieghu fuq fol 171 ma kkonfermax dak li jidher a fol 177. Din il-Qorti kienet tistenna li Stephen Buhagiar jirraporta meta sehhet l-allegata offerta u mhux f'mument meta gie tterminat il-kuntratt. Mix-xhieda ta' Stephen Buhagiar in kontro-ezami jirrizulta li hass li 'Twaqqaf il-kuntratt '*il ghaliex jiena ma accettajtx li naghti l-kummissjoni. Dan l-ilment tieghi kien.*' u li meta saret it-talba '*Mhux ma hadtiex bis-serjeta imma ma tajtiex weight...*'

Din il-Qorti sejra tghaddi biex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supretendent Paul Vassallo) (Spettur Angelo Gafa' vs RAYMOND FERRIS (ID:661661M)'**[36] fejn gie kkunsidrat li:

'*Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali, l-**Maino** jkompli jghallem li b'referenza ghal art. 171 u 172 (tal-Kodici 1865) "...... a costituire il delitto di corruzzione e` necessario il concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto, il loro accordo e la loro fusione sul patto eriminoso ......." Ghal **Maino** dan kien bizzejjed ghal konsumazzjoni tar-reat u ma*

[36] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Mejju, 2015 (Numru. 202/2013)

*kienx hemm ghalfejn l-ufficjal pubbliku jwettaq jew ma jwettaqx dak pattwit. Jidher li dan il-hsieb gie accettat mill-"Commissione della Camera di Deputati" u tal- Kummissjoni Senatorjali (1887) tant, li fit-test definittiv tal-Kodici gie milqugh il-hsieb "di far retrocedere la consumazione del reato all'istante in cui il pubblico ufficiale ha ricevuto il dono o accetta la promessa, perche il fare, il ritardare od ommettere l'atto e il fine del delitto, ma questo e' completo quando si conclude il turpe merchato ........"*[37] *kif inghad, dan il- hsieb gie eventwalment rifless fil-Codice Rocco peress illi la r-reat kien ikkunsmat mal-"concorso delle due volonta`" ma kienitx taghmel differenza jekk din il-konsumazzjoni saritx qabel jew wara l-fini tad-delitt. Izda, l-ligi Maltija qatt ma resqet lura l-konsumazzjoni tar-reat ghal mument tal- ftehim, peress li l-ufficjal pubbliku dejjem jista` jregga lura minn dak pattwit u jimxi fit-triq id-dritta u din il-possibilita` m'ghadhix tigi negata. Huwa biss meta l-"concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto" jigi msarraf f'dak miftihem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat.*

*Illi ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tapplika l-fatti tal-kaz in desamina ghall- elementi tar-reati kif fuq spjegati.'*

Din is-sentenza kienet giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.[38]

Ghalhekk anke jekk il-verzjoni li l-imputat talab persentagg mill-ammont li x-xhud kellu jircievi mill-kuntratt kellha tigi accetata, ma jirrizultax ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li din it-talba kienet qieghda ssir in konnsessjoni mal-kariga tieghu ta' Sindku u lanqas ma jirrizulta li kienet marbuta mal-iskop biex jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel. In oltre, jirrizulta li din l-allegata offerta maghmulha ma gietx accetata minn Stephen Buhagiar tant li jghid li wiegbu "*isma', int jidhirlek li nista' naghti persentagg minn elf u mitejn euro fix-xahar?*". Ghalhekk lanqas ma jirizulta il-"*concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto"* u in oltre kif gia kkunsidrat dan it-*tender* kien inghata lil Stephen Buhagiar wara vot li ma kienx jiddependi biss mill-imputat u kien biss wara li gie tterminat dan il-kuntratt, li Stephen Buhagiar mar jirraporta. Din il-Qorti tissottolinea il-fatt li jekk dan ix-xhud principali fil-mument li allegatament saret it-talba ma tahiex importanza tant li ma marx

[37] Volume 2, pagina 209, para 926. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tletin (30) fis-sentenza citata)

[38] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Paul Vassallo Spettur Angelo Gafa' Spettur Jonathan Ferris Vs Raymond Ferris' fis-17 ta' Marzu, 2016 (Appell Numru: 289/2015)

jirraporta, ma jreggix kif wara t-terminazzjoni tal-kuntratt, huwa mar jirraporta f'dak l-istadju meta din it-talba allegatament saret qabel. Din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tisma' x-xhieda prodotti biex tizen il-kredibilita' o meno tax-xhieda izda l-Qorti li ddeciediet is-sentenza appellata, ghalkemm ma semghetx ix-xhieda l-ohra prodotti mill-partijiet, kellha l-opportunita' li tevalwa l-attegjament tal-imputat meta ddepona quddiemha u ghalhekk din il-Qorti ma thoss li qieghda f'sitwazzjoni li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment tasal ghal konkluzjoni li l-imputat mhuwiex hati tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni taqra li '*fit-22 ta' Awissu 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*'

L-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju a fol 311 ikkwota ukoll l-artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illum il-gurnata tnehha is-subartikolu (1) u ghalhekk jaqra' l-artikolu 95. Dan l-artikolu jirrigwarda l-ingurja jew it-theddid, jew l-offiza fuq persuna inkarigat skont il-ligi minn srevizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) -vs-Alexander Scerri detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 277068(M)</u>**[39]':

*'"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna*

*Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun*

[39] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Ottubru, 2016 (Kumpilazzjoni Numru: 675/2013)

*ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil- hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.*'

L-imputat ghamel allegazzjonijiet serji dwar l-arrest tieghu u dan kemm mal-gazzetta *maltatoday* u *The Sunday Times* a fol 80 sa 83. Fl-intervista fuq il-gazzetta *maltatoday* li kopja taghha tinsab a fol 80 et sequitur hemm numru ta' allegazzjonijiet fosthom "*At 9:45am, he was told that if he did not fully corroborate what he was saying, "I will be dragged in front of all the press to court... I told him that this as not fair and I anted to have a lawyer present. I was given a phone and I tried too phone my lawyer but he was abroad. When I asked to call another lawyer the police did not let me.*" Hemm imnizel ukll li "*Dimech claims the police inspector told him to consider his political career "already over" and "perhaps salvage my professional business.*" Tnizzel li "*He also says he was told that if he didn't admit to Buhagiar's allegation, "otherwise he would make a show of me to the press. I kept on telling him that Buhagiar's statement was not true but he would not accept this. This mental torture continued until 12:58pm.*" Dawn fost numru ta' allegazzjonijiet ohra maghmulha f'intervisti li gew ippublikati fil-gazzetti esebiti. L-imputat fix-xhieda tieghu moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) jerga jaghmel allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-ufficjal prosekutur u dwar l-arrest inkluz kif ittiehdu l-istqarrijiet. Biss pero' din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li dawn l-allegazzjoni huma tali li jaqghu fil-parametri tar-reat kontemplat fl-artikolu 95,

precedentement l-artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm taqbel mal-appellant Avukat Generali li dak mistqarr mil-imputat fiz-zewg intervisti setghu kien sabiex jattaka, ikisser u inaqqas ir-reputazzjoni tal-ufficcjal prosekutur, dak mistqar ma jistax jigi kkunsidrat bhala ingurji jew theddid.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta li ma sabitx htija ta' din it-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur